# EŻILJATI, ĊAQLIQ MIGRATORJU U SOLIDARJETÀ



# Eżiljati, ċaqliq migratorju u solidarjetà

Skopri t-Teżori Diġitali

digital Treasures

# Werrej

**Daħla** ........ 6

# 01

## Migrazzjoni għax-xogħol

Daħla ........ 9

Privileġġi mogħtija lill-merkanti Ġenoviżi ta’ Sevilja ........ 11

Iffavoriti b’libertajiet: Privileġġi mogħtija lill-merkanti Ġermaniżi ........ 13

Tiftix għall-fidda tan-Norveġja: Tpinġija tal-Minjiera ta’ Samuel ........ 15

Ripopolazzjoni: il-kuntratt tal-issetiljar fir-raħal ta’ Vöröstó ........ 17

Ħġieġ tagħhom: Il-kotba bid-disinni ta’ Ib Olufsen Weyse ........ 19

Ċensiment tal-popolazzjoni Griega fil-belt-suq ta’ Szécsény ........ 21

Il-*wanderbuch* ta’ Jakob Modern, ħaddiem tal-għodod ........ 23

Il-kaħħala Taljani ta’ Oslo ........ 25

Passaġġ għall-Amerika: Il-Migrazzjoni Kbira tal-Atlantiku ........ 27

Emigranti Portugiżi fi triqthom lejn partijiet oħra tal-Ewropa ........ 29

# 02

## Migrazzjoni marbuta mal-gwerra

Daħla ........ 31

L-Eżiljati Protestanti tal-Boħemja: It-taħrika ta' Karlu ta' Liechtenstein fl-1621 ........ 33

Talba tal-vittmi tal-gwerra għall-għajnuna mill-belt ta' Kecskemét ........ 35

Familji Serbi jemigraw lejn il-Monarkija Ħabsburga ........ 37

Rifuġjati Taljani u Sloveni mill-Peniżola ta' Istria ........ 39

Ir-rilokazzjoni ta' sudditi Ġermaniżi tal-Kamerun fi Spanja ........ 41

Widen għall-Karba tar-Rifuġjati: il-Passaport Nansen ........ 43

Jaħrab min-Nażi: L-Eżilju ta' Willy Brandt fin-Norveġja ........ 45

Il-Konslu Ġenerali Umanitarju: Il-Każ kontra Aristides de Souza Mendes ........ 47

Ċensiment tar-rifuġjati Ungeriżi etniċi fil-kamp ta' Nagyléta ........ 49

Lhud Ewropej fi triqthom lejn il-Messiku fuq il-vapur *São Thomé* ........ 51

L-Agunija tal-Estonja – Eżodu bejn l-1940 u l-1945 ........ 53

Xhieda tal-Olokawst: Il-'Protokolli' ta' Auschwitz ........ 55

Ħarba mit-Tramuntana: Il-kotba ta' kontroll ta' Norveġiżi evakwati ........ 57

Iċ-Cekslovakkja qed tistenniek! ........ 59

Niftakru f'Mauthausen: il-mudelli ta' Juan García Gisbert ........ 61

Rapport fuq ir-ripatrijazzjoni ta' emigranti Griegi ........ 63

# 03

## Qawmien politiku, taqlib, u persekuzzjoni


Daħla ..... 65

Ir-Romani fi Spanja tal-Medjuevu mwaħħar ..... 67

Spanja u t-tkeċċija tal-Lhud ..... 69

It-tkeċċija tal-Moriscos ta' Aragona ..... 71

Ir-Romani: kif wieħed għandu jġib ruħu ma' imġieba 'devjanti' fil-Portugall tas-seklu 18 ..... 73

Ittra mill-Imperatur Karlu VI dwar id-deportati Protestanti ..... 75

Il-Portugall tas-seklu 18 ma jaċċettax il-persekuzzjoni tal-Lhud ..... 77

Is-Suldati Irlandiżi ta' Spanja: Dokumenti tas-servizz mill-1774 ..... 79

Il-Kursar Nawfragat ..... 81

Rifuġjati politiċi Taljani f'Malta tul ir-Risorġiment ..... 83

Id-Dispaċċ tal-Gvernatur: L-Iskjavitù fil-Mediterran ..... 85

Lotteriji b'risq ir-Refuġjati: Ir-rapport ta' Alexander von Bach tal-1850 ..... 87

Bil-Bastiment tal-Gwerra lejn Malta: Is-Salvataġġ tar-Romanov fl-1919 ..... 89

Trotsky fl-Eżilju: Is-Soġġorn fin-Norveġja ..... 91

Suldati internazzjonali fil-Gwerra Ċivili Spanjola ..... 93

Fid-Difiża tal-Kultura: Kittieba Skandinavi fi Spanja matul il-Gwerra Ċivili ..... 95

Abdikazzjoni u Eżilju: Il-ħarba ta' Karol II tar-Rumanija lejn il-Portugall ..... 97

Ir-reġistrazzjoni tal-viża ta' Jean Moulin ..... 99

Talba għaċ-ċittadinanza Portugiża lill-immigranti Indjani Iżmaeliti ..... 101

Il-Kawża Revoluzzjonarja tal-Ungerija:  Id-diskors ta' József Kővágó fin Nazzjonijiet Uniti ..... 103

Minn Rivoluzzjonaru għal Refuġjat: id-darju ta' Dr Ferenc Tésenyi ..... 105

Tfal rifuġjati mill-Angola fl-ajruport ta' Liżbona ..... 107

# Daħla

## Eżiljati, Ċaqliq Migratorju u Solidarjetà

Meta intemmet il-Gwerra l-Bierda lejn l-aħħar tas-sena 1991, ħafna ħasbu, jew għall-inqas ittamaw, li d-dinja kienet ser tkun imbierka bi żmien ġdid ta' paċi u stabilità. Ix-xjentist politiku Amerikan Francis Fukuyama ġabar dan il-ħsieb kollettiv is-sena ta' wara fil-ktieb tiegħu *The End of History and the Last Man*, ktieb li ħalla impatt qawwi. Huwa sostna li l-waqgħa tal-Unjoni Sovjetika kienet l-aħħar pass għar-rebħa tal-mudell demokratiku u liberali ta' Punent, u d-dinja kienet ser tersaq aktar lejn stat ta' libertà, progress u tkabbir. Waqt li ammetta li l-isfidi għal dan il-mudell xorta kienu ser jerġgħu jgħollu rashom minn żmien għall-ieħor, hu kien żgur li d-demokrazija tal-Punent kienet ser tkun minn fuq.

Meta wieħed iħares madwaru llum, isibha xi ftit diffiċli biex ikun daqshekk persważ li din il-viżjoni ta' Fukuyama ser isseħħ. Fil-fatt, ħafna jsostnu li l-istabilità tas-snin disgħin kienet xi ħaġa temporanja. Illum id-dinja bħal donnha reġgħet tinsab fl-istess inkwiet ta' qabel: kriżijiet finanzjarji, konfrontazzjoni idejoloġika u gwerer. Barra minn hekk, marret ukoll pass lura lejn il-ħakma assoluta, in-nazzjonaliżmu u l-ekonomija protezzjonista. U issa ma' dan kollu wieħed jista' jżid il-pandemija waħdanija li għandha s-saħħa kollha biex twaqqaf id-dinja. Ta' min isemmi li xejn minn dan kollu ma huwa xi ħaġa ġdida għall-istorja; id-dinja mhix fi triq ċara lejn sistema soċjali perfetta fejn kulħadd huwa sodisfatt (Utopja), imma minflok donnha destinata biex tgħaddi minn ċikli li donnhom ma jispiċċaw qatt.

Għall-poplu Ewropew, eżempju ċar ħafna ta' dan hija ż-żieda ta' dan l-aħħar fl-immigrazzjoni, kemm mill-kontinent kif ukoll minn barra. Uħud minn dawn l-immigranti qed ifittxu ix-xogħol. Oħrajn huma refuġjati jew qed ifittxu l-ażil, anzjużi biex jaħarbu mill-gwerra u d-dittatorjat. Għaddejjin dibattiti imqanqla mal-Ewropa kollha biex ikun stabbilit kif l-aħjar tkun ittrattata din il-kriżi tal-immigrazzjoni. Ħarġu mistoqsijiet importanti ħafna. Kemm huma lesti l-popli biex iżommu lil dawk li waslu mimlijin tama u fil-bżonn? Kemm hija lesta s-soċjetà biex turi solidarjetà ma' dawn in-nies? Kemm qed tingħata importanza d-diversità u t-taħlit kulturali li joħorġu minn din il-migrazzjoni bejn pajjiż u ieħor?

Din il-wirja ser tipprova tistudja dan il-punt kruċjali mill-lat storiku. Fiha sebgħa u erbgħin dokument biex tippreżenta sensiela ta' ġrajjiet storiċi li jirriflettu dawn it-temi. Permezz ta' dawn id-dokumenti, wieħed jiltaqa' ma' terminoloġija li sfortunatament hija familjari ħafna fl-istorja riċenti u fl-istorja internazzjonali; kliem u frażijiet bħal ripressjoni, persekuzzjoni, kenn politiku, kampijiet tar-refuġjati, razziżmu, anti-semitiżmu, tindif etniku u ġenoċidji. Kif wieħed jara, uħud minn dawn id-dokumenti jikxfu tassew il-ħażen fin-natura umana. Imma fl-istess ħin, hemm ukoll aspetti li jitfgħu xaqq ta' dawl. Ċerti termini bħal empatija, tolleranza, altruwiżmu, karità u solidarjetà għandhom posthom f'dawn ir-rakkonti. Ħafna minnhom jaċċennaw il-kontribuzzjoni pożittiva li l-immigranti taw lejn is-soċjetà fejn huma kienu milqugħha.

Id-dokumenti huma maqsuma fi tliet kategoriji jew taqsimiet. L-ewwel kategorija hija dwar dik il-migrazzjoni li għandha x'taqsam max-xogħol u turi stejjer li mhux biss huma ċ-ċaqlieq ta' individwi jew gruppi, imma wkoll it-trasferiment ta' kompetenza barranija, li

ħafna minnha kienet utli għall-iżvilupp ekonomiku u kulturali.  It-tieni taqsima tagħti ħarsa lejn il-migrazzjoni marbuta mal-gwerer. Kif wieħed jista' jaħseb, hemm minjiera ta' dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' din it-tema.  Għal din il-wirja, ingħażlu wħud li jagħtu ħarsa lejn uħud minn dawn fil-kunflitti, minn ribelljoni u gwerer ċivili sal-gwerer diniji tas-Seklu Għoxrin. It-tielet taqsima tikkonċentra fuq dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-prezz imħallas minn min kien involut f'irvellijiet politiċi u persekuzzjoni. Hemm ukoll ħafna materjal fuq din it-tema, imxerred fuq diversi sekli. Imma kif sar fiż-żewġ taqsimiet l-oħra, l-aċċenn qed jitpoġġa fuq il-lat uman ta' dawn l-istejjer.

Għaldaqstant, huwa bis-saħħa ta' dawn is-sorsi ta' żmienna li wieħed jibda jifhem u jħares lejn il-passat bħala s-sisien. F'ħafna mill-każijiet, is-sorsi huma relatati ma' individwi jew gruppi, għall-inqas f'ċerti livelli. Din l-għażla turi wkoll il-varjetà kbira ta' materjal li jista' jiġi kkonsultat fil-kollezzjonijiet li jinsabu fl-arkivji Ewropej. Dawn jinkludu fost oħrajn, digrieti, editti, ċensimenti, djarji, ittri, disinni, tpinġija, ritratti, kartelluni, rapporti, fuljetti, rekords tas-servizz, dispaċċi, suppliki jew talbiet u diskorsi.

Bis-saħħa ta' dawn is-sorsi oriġinali, nisperaw li din il-wirja sservi biex wieħed jirrifletti fuq id-Dikjarazzjoni Universali tal-Arkivji maħruġa mill-UNESCO, li tgħid li l-kollezzjonijiet arkivjati "għandhom rwol importanti u essenzjali fl-iżvilupp tas-soċjetà billi jħarrsu u jagħtu sehem sħiħ lill-memorja individwali u komuni." Id-Dikjarazzjoni tagħmel emfasi ukoll meta taċċenna li "il-ftuħ u l-aċċess għall-arkivji isaħħah l-għerf tas-soċjetà, jippromwovi d-demokrazija u jipproteġi id-drittijiet taċ-ċittadini u jtejjeb il-kwalità tal-ħajja."

Il-messaġġ huwa ċar. L-arkivji Ewropej joffru wirt imprezzabbli ta' materjal li qiegħed hemm biex jintuża minn kulħadd, kemm jekk ikunu d-dokumenti oriġinali sew jekk ikunu kopji diġitali.

Huwa ttamat li dawk li jżuru din il-wirja jieħdu l-opportunità biex jaraw il-preżent fid-dawl tal-passat. Forsi fl-aħħar wieħed jista' jibda jitgħallem u jibda jinħeles bil-mod minn ċikli sħaħ ta' intolleranza, biża', vjolenza u persekuzzjoni.



# 01

# Migrazzjoni għax-xogħol

L-ewwel taqsima ta' din il-wirja fiha dokumenti li jipprovdu ħarsa storika lejn il-migrazzjoni li għandha x'taqsam max-xogħol u l-impiegi.

Irid jingħad li l-migrazzjoni li għandha x'taqsam max-xogħol saret dibattibbli ħafna fl-Ewropa f'dawn l-aħħar snin. Tqajmu diversi argumenti ħorox bejn dawk li jaraw il-benefiċċji ekonomiċi tal-immigrazzjoni fejn l-esperjenza tax-xogħol tkun qed tissaħħah filwaqt li d-diversità kulturali tkun qed tikber, u dawk li huma totalment kontra - jew għax jirreżistu d-diversità kulturali jew għax iħossu li fi żmien qasir seħħet ħafna immigrazzjoni. Ħarsa ħafifa lejn il-politika Ingliża turi li l-immigrazzjoni kienet waħda mit-temi ewlenin li tat spinta għar-referendum tal-2016 biex l-Ingilterra toħroġ mill-Unjoni Ewropea. Kulħadd għandu l-opinjoni tiegħu fuq l-immigrazzjoni.

L-istorja tal-Ewropa toffri numru kbir ta' eżempji ta' nies jivvjaġġaw minn kontinent għall-ieħor biex jeżerċitaw is-sengħa tagħhom, jew biex isibu impieg. Fi żmien il-Medju Evu, kummerċjanti barrani kienu jkunu f'kull belt ewlenija, l-aktar fejn hemm portijiet li dak iż-żmien kienu jiffjorixxu bil-merkanzija. Negozjanti Ġermanizi kienu popolari ħafna fuq ir-rotot kummerċjali tal-Baħar Baltiku u l-Baħar tat-Tramuntana, filwaqt li dawk Taljani kienu minn ta' quddiem biex joħolqu imperi kummerċjali sħaħ fil-Mediterran. Bis-saħħa ta' investimenti kbar, dawn mhux biss gawdew huma, imma għenu biex l-ekonomija u l-prestiġju tal-pajjiżi li laqgħuhom jikbru ukoll.

Dan jista' jingħad ukoll għall-ħaddiema barranin li użaw il-ħila teknika tagħhom fil-qalba tal-industrija Ewropea. Fil-fatt, ħafna drabi, din il-ħila kienet ta' ġid kbir biex ikunu stabbiliti setturi industrijali f'ċerti pajjiżi. Ix-xogħol tal-barranin kien ukoll ta' importanza biex postijiet u reġjuni li nqerrdu bil-gwerra, reġgħu ħadu r-ruħ. Dan kien il-każ fiċ-ċentru tal-Ewropa waqt il-Gwerer Ottomani fil-bidu tal-perjodu modern.

Barra minn hekk, fis-Sekli Dsatax u Għoxrin, l-Ewropa għaddiet minn sensiela ta' migrazzjoni ta' gruppi sħaħ ifittxu x-xogħol. L-aktar grupp magħruf kien dak tal-massa mill-Ewropa għall-Amerka ta' Fuq. Bejn l-1820 and l-1980, 37 miljun persuna ħalliet l-Ewropa fil-*Great Atlantic Migration* (Il-Migrazzjoni l-Kbira fl-Atlantiku).

Minn dan kollu, meta wieħed jikkonsidra b'mod ħolistiku d-dokumenti f'din it-taqsima, joħroġ ċar li l-immgrazzjoni għax-xogħol mhix xi fenomenu ta' llum biss.


dad de Seuilla han e tienen
de los señores Reyes de Casti
lla. E de leon: Secuntur:
Sepan quantos esta Carta vieren como
Ante mj iohn aluares de valladares
Alcalde por nuestro señor el Rey
en la muy noble cibdat de Seuilla.
Vinieron micer juan oto saluago
E micer Agostin centurion Consu
les delos mercadores genueses esta
tes en la muy noble cibdad de seuilla
Por si e en nonbre e en boz delos otros mercadores genueses
Estantes en la dicha cibdat. E mostraron me vna Carta
de preuillegio del Rey don Alfonso que dios de sancto
parayso. segund por ella parescia escripta en pargamino de
cuero e firmada e sellada con vn sello de plomo pendiente
en filos de seda de ciertas colores. E otro si otra carta de
sentencia del Rey don Alfonso que dios de sancto para
yso segund por ella parescia escripta en pargamino de
cuero e firmada de ciertos nonbres. E otra carta de segund
del Rey don Alfonso que dios de sancto parayso segund
por ella parescia escripta en pargamino de Cuero e firma
da e sellada con vn sello de plomo pendiente en filos de
seda de ciertas colores. E otro si otra Carta de segund del
Rey don Alfonso que dios de santo parayso segund por
ella parescia Escripta en pargamino de cuero e firmada
e sellada con vn sello de plomo pendiente en filos de seda
de ciertas colores. E otro si otras tres cartas de preuillegios

# Privileġġi lill-merkanti Ġenoviżi ta' Sevilja

Dan id-dokument hu eżempju mill-aqwa ta' paġna manuskritt minn volum illegat ta' privileġġi rjali, mogħtija lill-merkanti Ġenoviżi ta' Sevilja, Spanja bejn l-1251 u l-1537. Hu miktub bi tliet linki differenti: linka sewda għall-parti l-kbira tat-test, linka ħamra u bluna għall-ewwel ittri mżejna. It-test ewlieni hu bl-Ispanjol, b'xi noti fil-ġenb miktuba bil-Latin. Il-volum innifsu hi llegat bi qxur tal-injam imgeżwra f'ġilda skura u b'illustrazzjonijiet imqabbżin. Żgur li dan kien xi ktieb ta' ċerta importanza.

Il-preżenza tal-merkanti Ġenoviżi f'Sevilja tmur lura għas-seklu 12. F'dak iż-żmien Ġenova kienet waħda mill-bliet-portijiet prinċipali tad-dinja Mediterranja. Barra minn hekk, il-belt kienet kabbret sewwa l-influwenza tagħha billi bniet qafas ta' negozju u influwenza f'għadd ta' pajjiżi u territorji oħra. Kienet tikkompeti ma' Venezja bħala qawwa kummerċjali fuq il-kosta tal-Levant (in-naħa ta' fejn illum hemm is-Sirja u l-Lebanon), u kienet kisbet kontroll ta' ħafna minn Korsika u t-tramuntana ta' Sardinja. Din il-ħakma ġeografika wiesgħa tat lill-Ġenoviżi aċċess għal firxa kbira ta' prodotti fuq is-suq bħal żebgħa, ħwawar, mediċina, metall, suf u deheb. Il-Ġenoviżi kienu wkoll fuq quddiem fl-iżvilupp tas-servizzi bankarji.

Fil-Peninżola Iberika l-merkanti Ġenoviżi żviluppaw xibka pjuttost kumplessa u soda ta' kummerċ li kienet mifruxa fuq is-saltniet medjevali kollha ta' Spanja, inkluża Granada li kienet taħt il-Musulmani. Din kienet imsaħħa minn rabtiet marittimi permezz tad-diversi portijiet Iberiċi, kif ukoll minn ċentri kummerċjali ewlenin fl-Afrika ta' Fuq, bħal Tunis u Oran. Barra s-superjorità tagħhom fit-trasport u l-bejgħ, huma bdew jikkontrollaw ukoll il-produzzjoni f'bosta lokalitajiet. Kollox ma' kollox, is-sehem tagħhom kien vitali biex ġab prosperità u prestiġju lis-saltniet Spanjoli.

Il-privileġġi mogħtija lill-Ġenoviżi ta' Sevilja bdew bħala ringrazzjament minn Ferdinandu III ta' Kastilja għall-għajnuna li kienu tawh biex ħa f'idejh il-belt minn taħt idejn il-Musulmani fl-1248. B'kollox f'dan il-volum hemm ħamsa u ħamsin privileġġ, kollezzjoni li sservi biex tkopri bosta aspetti tal-ħajja kummerċjali u ta' kuljum li jinkludu arranġamenti favorevoli fil-kambju tal-munita u drittijiet speċjali fejn tidħol taxxa. Flimkien huma jiffurmaw kollezzjoni notevoli li tixhed għall-importanza tat-tip ta' konnettività internazzjonali li l-Ġenoviżi kien irnexxielhom jaħkmu taħt idejhom fil-Medjuevu.

Kopja tal-privileġġi u l-konċessjonijiet irjali oħra mogħtija mir-rejiet ta' Kastilja u Leon lill-merkanti Ġenoviżi li jgħixu fil-belt l-aktar nobbli ta' Sevilja, 1251-1537

Volum illegat, qoxra tal-injam miksija b'ġilda skura bi tpenġijiet u disinji bbuzzati, 119-il folja, parċmina quarto, kitba bi tliet inki differenti; 24 x 33 x 5 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – Arkivju Ġenerali ta' Simancas

Referenza: ES.47161.AGS/5.2.0//PTR, LEG, 46, DOC.73






Privileġġi lill-Ġermaniżi mogħtija mir-Re Afonso V, ir-Re Manuel, ir-Re Ġwanni III u l-Viċi Re tal Portugall il-Kardinal Arċiduka Albert tal- Awstrija, li jawtorizzawhom iħaddmu s-sengħa tagħhom, jagħmlu negozju u jeżentahom minn xi taxxi u konċessjonijiet oħra, 1588

Volum illegat, 31 folio, manuskritt fuq il-karta; 22,0 x 16,0 ċm

Torre do Tombo – L-Arkivji Nazzjonali tal-Portugall

Referenza: PT/TT/MSLIV/2253

# Iffavoriti b'libertajiet: Privileġġi mogħtija lil merkanti Ġermaniżi

Dan id-dokument jittratta privileġġi mogħtija lill-merkanti Ġermaniżi fis-sekli 15 u 16. Dawn ingħataw mir-rejiet Portugiżi Afonsu V (m. 1481), Manwel I (m. 1521), u Ġwanni III (m. 1557), u mill-Viċi Re tal-Portugall, l-Arċiduka Albertu tal-Awstrija (m. 1621). Essenzjalment, il-privileġġi kienu jservu biex jikkonfermaw il-"libertajiet u l-eżenzjonijiet" mogħtija lill-Ġermaniżi fis-swieq Portugiżi, partikularment in-negozju minn u lejn il-kolonji tal-Oċean Indjan u l-Lvant Imbiegħed li kien jirrendu profitti kbar.

Għal sekli sħaħ il-merkanti Ġermaniżi kellhom pożizzjoni ċentrali fil-kummerċ Ewropew. Bejn is-sekli 12 u 15 il-Lega Ansaetika (il-Hansa) kienet tiddomina l-kummerċ fl-Ibħra Baltiċi u Nordiċi u l-madwar. Il-Hansa kienet komunità ta' bliet u merkanti li kienu ngħaqdu flimkien biex jiżguraw drittijiet u privileġġi kummerċjali komuni f'reġjuni barranin. Fil-qalba tagħha kien hemm għadd ta' bliet Ġermaniżi tul il-kosta tal-parti ta' isfel tal-Baħar Baltiku, fosthom Lübeck, Riga (illum fil-Latvja), Tallin (illum fl-Estonia, bil-Ġermaniż: Reval), u Gdańsk (illum fil-Polonja, bil-Ġermaniż: Danzig).

Kif nistgħu naraw minn dan id-dokument Portugiż tal-1588, il-kunċett ta' privileġġi speċjali kien xi ħaġa importanti għall-merkanti Ġermaniżi, imqar meta l-attenzjoni prinċipali tal-kummerċ kienet qed titbiegħed mill-ibħra Baltiċi, Nordiċi u Mediterranji lejn l-Oċean Atlantiku u r-rotot marittimi tiegħu lejn l-Asja. Iktar tard, il-kummerċ fl-Atlantiku kellu jikber iżjed bit-twaqqif tal-kolonji Ewropej fl-Amerika ta' Fuq.

Il-Portugall kien l-ewwel wieħed mill-pajjiżi Ewropej fuq l-Atlantiku li esploraw ir-rotta minn Cape of Good Hope lejn l-Oċean Indjan u lil hinn. L-esploratur Portugiż Vasco da Gama kien l-ewwel wieħed li vvjaġġa sal-Indja fl-1497-98, u għadd kbir ta' avventuriera mxew fuq il-passi tiegħu. Fl-1510, is-suldat u statista Alfonso de Albuquerque ħa lil Goa taħt idejh, li mbagħad saret il-bażi Portugiża prinċipali fir-reġjun. Is-sena ta' wara ħa Malacca, li kienet tikkontrolla l-kummerċ kollu li kien jgħaddi miċ-Ċina għall-Indja bil-baħar. Sa nofs is-seklu 16, il-Portugiżi marru iktar minn hekk u fetħu linji diretti ma' portijiet imbiegħda fil-lvant, fejn innegozjaw prodotti fini bħal ħarir u ħwawar. Il-Ġermaniżi kellhom ħafna x'jirbħu bi preżenza fil-Portugall f'dak iż-żmien.

Imma, kif ġralhom l-imperi kollha (kummerċjali u mhumiex), dak tal-Portugiżi wkoll kellu jara t-tmiem. Sa nofs is-seklu 17, l-Olandiżi kienu ħadu r-riedni f'idejhom bħala s-sidien tal-kummerċ Ewropew fir-rotta marittima tal-Lvant Imbiegħed; imbagħad lil dawn ħadulhom posthom l-Ingliżi tul is-seklu 18. Sa dak iż-żmien, il-privileġġi li l-Ġermaniżi żguraw fil-Portugall kien biss storja.


MENSURA PROPORTIONATA

# Tiftix għall-Fidda tan-Norveġja: Tpenġija tal-Minjiera ta' Samuel

Fl-1623, instabu depożiti ta' fidda qrib Kongsberg fin-nofsinhar tan-Norveġja. L-awtoritajiet indaħlu minnufih biex jieħdu dan it-teżor f'idejhom, u fl-1624 Kristjan IV tad-Danimarka-Norveġja ħareġ digriet irjali li bih waqqaf il-Minjieri tal-Fidda ta' Kongsberg bħala kumpanija. L-ewwel triq pubblika fin-Norveġja nbniet f'dan iż-żmien biex tiffaċilita it-trasport ta' materjal lejn il-minjieri u lura. Tant kien kbir is-suċċess tal-attività fil-minjieri li bejn 2 u 12-il tunnellata ta' fidda kienu jiġu estratti kull sena, bil-produzzjoni totali stmata li tammonta għal xi 1,350 tunnellata sa meta x-xogħol waqaf fl-1958. Iktar minn hekk, il-Minjieri tal-Fidda ta' Kongsberg saru wieħed mill-ikbar ażjendi li jħaddmu nies fin-Norveġja. Fis-snin 1770, meta l-produzzjoni kienet fl-aqwa tagħha, fuq 4,000 persuna sabu impjieg tajjeb, jew direttament fix-xogħol tal-minjieri jew f'xogħol ieħor marbut magħhom.

Id-dokument illustrat ġej mid-depożiti tal-Arkivju Nazzjonali tan-Norveġja u jagħtina dehra ta' dik li kienet magħrufa bħala l-Minjiera ta' Samuel. Din issemmiet għal Samuel Los, dak li skopra d-depożitu tal-fidda fl-1630. It-tpenġija nfisha tibqa' sors storiku eċċellenti, u tagħti idea ċara ta' kif il-minjiera kienet taħdem kif ukoll tal-kundizzjonijiet li l-minaturi kellhom jaħdmu fihom. Isfel nett tax-xaft insibu bosta minnhom jaħdmu fi kmamar li min jaf kemm kienu umdi u skomdi. L-arja kienet tgħaddi minn sistema ta' pompi 'l fuq tul il-minjiera kollha. Jidher ukoll il-lift li kien jintuża biex iġorr id-depożiti tal-fidda sa fuq, waqt li qalb il-binjiet fis-sular ta' isfel nistgħu naraw l-istrutturi ppuntati fejn kienu jintużaw iż-żwiemel biex titħaddem is-sistema. Il-minaturi nfushom ma kellhomx dan il-lussu, għax kellhom ta' kuljum jinżlu u jitilgħu billi jixxabbtu ma' serje ta' slielem.

Id-dokument hu wkoll notevoli għall-fatt li hu miktub bil-lingwa Ġermaniża. Il-Ġermaniż spiċċa l-lingwa amministrattiva f'dawn il-minjieri u kien użat fi tpinġijiet tekniċi bħal din. Dan hu konferma ċara tal-għadd kbir ta' inġiniera u ħaddiema Ġermaniżi li sabu impjieg fil-minjieri ta' Kongsberg matul is-snin bikrin tal-industrija tal-minjieri fin-Norveġja. Il-Gwerra ta' Tletin Sena, bejn l-1618 u l-1648, qerdet ħafna mill-industriji u l-ħajja fl-istati Ġermaniżi, fosthom fis-Sassonja, li kienet ċentru ta' ħila fil-minjieri tal-fidda sa mis-seklu 12. B'xorti tajba għal dawk il-minaturi li kienu f'qagħda li jħallu l-Ġermanja, sabu min jilqagħhom b'idejh miftuħa f'pajjiżi oħra minħabba l-ħiliet tagħhom. F'dan is-sens, il-migrazzjoni tagħhom nistgħu nħarsu lejha bħala primarjament marbuta max-xogħol, f'kuntrast mal-azzjonijiet ta' oħrajn li ma kellhom imkien ieħor fejn imorru.

Tpenġija tal-Minjiera ta' Samuel, 1716

Paġna, mappa mpenġija bl-idejn fuq il-karta; 48 x 67 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja

Referenza: RA/EA-5930/T047b32/0002 – KS II C IIa 2a



Il-kuntratt dwar l-issetiljar fir-raħal ta' Vöröstó, 3–4–1723, Várpalota (qabel Palota, bil-Ġermaniż: Burgschloß)

2 paġni, manuskritt fuq il-karta; 20,5 x 32 ċm

L-Arkivju tal-Kontea ta' Veszprém fl-Arkirvji Nazzjonali tal-Ungerija

Referenza: HU-MNL-VeML – IV – 1 – m – № 95

# Ripopolazzjoni: il-kuntratt tal-issetiljar fir-raħal ta' Vöröstó

Il-kampanji militari tal-Imperu Ottoman huma preżenti ħafna l-istorja tal-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk. Mit-13 sat-18-il seklu, l-Ottomani ġġieldu serje ta' gwerer kiefra mad-diversi saltniet u stati f'dik ix-xaqliba tad-dinja. Għalihom, biċċa sew minn dan il-perjodu kien ikkaratterizzata minn suċċessi frekwenti fuq il-kamp tal-battalja, flimkien mal-ġirja sfrenata għall-espansjoni territorjali. Imma sa nofs is-snin 1680, is-sitwazzjoni kienet bdiet tinbidel. L-Imperu Ħabsburgu u l-istati Nsara l-oħra kien irnexxielhom iwaqqfu l-avvanzata Ottomana, u matul l-għexieren ta' snin ta' wara l-armati tagħhom reġgħu ħadu f'idejhom biċċiet kbar ta' art li kienu ntilfu.

Naturalment, din l-attività militari kollha kienet waslet għal devastazzjoni tal-ħajjiet tal-popli fiż-żoni ta' gwerra kif ukoll tal-postijiet fejn kienu jgħixu. Imma dan seta' wkoll joħloq opportunitajiet għal kull min lest 'jiġbor il-biċċiet' wara li l-gwerriera kienu jitilqu biex imorru jitqabdu band'oħra.

Il-kuntratt tal-issetiljar tar-raħal ta' Vöröstó huwa eżempju tajjeb ta' dan. Vöröstó, bħal bosta lokalitajiet Ungeriżi, kien sofra ħafna matul il-gwerer, hekk li sal-1723 kien tbattal bil-kbir. In-nobbli sid ir-raħal, il-Konti Imre Zichy, daħħalha f'moħħu li jerġa' jimla l-villaġġ b'nies mill-Ġermanja, mis-Slovakkja, u minn bnadi oħra tal-Ungerija.

Fil-kitba tal-kuntratt naraw li l-persuna li kienet qed tirrappreżenta lil dawk li ġew biex joqogħdu kien jisimha Hans Adam Höckl, li ġie minn Hohebach fil-Ġermanja. Zichy ħa ħsieb li jipprovdi lil Höck u lil sħabu 'siti, ġonna, materjal għall-bini, u biżżejjed injam biex jibnu d-djar tagħhom u jirripopulaw ir-raħal. Ikompli jgħid:

'*Barra minn hekk, dawk li jiġu biex joqogħdu hawn għandhom jiġu eżentati għal tliet snin mill-ħlas tat-taxxi lokali u taxxi dovuti lill-Imperatur [Qaddis Ruman Karlu VI], u mill-obbligu li jaħdmu għal sid l-art u li jipprovdu alloġġ għal suldati*'.

Dawn kienu kundizzjonijiet tajbin ħafna. Tabilħaqq, jagħtuna idea ċara tal-kundizzjoni li r-raħal kien fiha. M'hemmx dubju li kienet biċċa xogħol kbira biex jerġa' jsir abitabbli. Madankollu, Zichy kien qed jistenna li fiż-żmien jagħmel profitt minn dan. Żied ukoll li wara tliet snin dawk li ssetiljaw kienu obbligati li '*kull sena jħallsu erba' Guldens taxxa lil sid l-art, u jkunu jafuh ħamest ijiem xogħol. Iktar minn hekk, huma obbligati jħallsu wieħed minn disgħa [taxxa oħra lil sid l-art] wara l-użu tal-għelieqi tagħhom, u huma obbligati jħallsu d-dieċma lill-isqof ukoll*'.

Kellu raġun l-istatista kbir Amerikan Benjamin Franklin meta qal li, 'fid-dinja m'hemm xejn iżjed ċert mill-mewt u t-taxxi'.


84
Formede Pocaler
Nº 334
Nº 468.

# Ħġieġ tagħhom: Il-kotba bid-disinni ta' Ib Olufsen Weyse

Il-produzzjoni tal-ħġieġ ilha attività kummerċjali mill-inqas minn kemm ilha tinżamm dokumentazzjoni storika. Żibeġ tal-ħġieġ Eġizzjan waslulna sa minn madwar is-sena 2500 QK, u oġġetti tal-ħġieġ kienu jiċċirkolaw ħafna fid-dinja antika Rumana. Matul il-perjodu Medjevali l-gżira Venezjana ta' Murano saret ċentru ewlieni tal-produzzjoni tal-ħġieġ, u sa kmieni fis-seklu 18 is-sengħa assoċjata max-xogħol fil-ħġieġ u d-dekorazzjoni tiegħu kienet infirxet f'ħafna rkejjen tal-Ewropa, l-aktar fl-Ingilterra, il-Boħemja u l-Ġermanja.

Sa dak iż-żmien, kull Norveġiż li ried jakkwista prodotti tal-ħġieġ kellu jistennieh ikun importat minn barra. Għal ħafna, dan ftit beda jagħmel sens meta n-Norveġa kellha ħafna mill-prerekwiżiti naturali għall-produzzjoni tal-ħġieġ. Il-firxiet kbar ta' foresti setgħu jipprovdu biżżejjed injam għan-nar, waqt li l-ħafna lagi u xmajjar kienu jservu tajjeb ir-rotot ta' trasportazzjoni mill-portijiet u lura. Ir-ramel tal-kwarz u l-potassa kienu disponibbli biex jintużaw.

Ma damx ma beda x-xogħol tal-ħġieġ bħala parti mill-Kumpanija parastatli Norveġiża *Det Konelige Octroyerede Norske Fabrique-Campagnie*, li twaqqfet fl-1739. Fil-bidu is-suċċess tal-kumpanija kien jiddipendu minn kemm l-istat Daniż-Norveġiż kellu bħala prijorità politika ekonomika merkantili. Il-kumpanija ngħatat monopolju ta' bejgħ u l-importazzjoni ta' ħġieġ maħdum barra ġiet ipprojbita. Li kien joqoshom in-Norveġiżi kienet is-sengħa. Għalhekk, il-kumpanija għolliet il-pagi biex tiġbed ħaddiema intiżi fix-xogħol tal-ħġieġ miċ-ċentri ewlenin tal-produzzjoni fl-Ewropa. Bħala riżultat, il-ħġieġ maħdum fin-Norveġja beda jħabbatha ma' kull ħġieġ ieħor fuq is-suq internazzjonali.

Id-dokument li jidher hawn huwa paġna minn ktieb tad-disinni (essenzjalment katalgu), li juri xi wħud mill-aqwa disinni għal xogħol fil-ħġieġ f'Nøstetangen. Il-kotba tad-disinni, ippubblikati mill-1763-1764, kienu l-invenzjoni ta' inċiżitur bażat f'Copenhagen jismu Ib Olufsen Weyse. Fihom kien u jidhru xogħlijiet fini għal fuq il-mejda, bħal tazzi tal-inbid, kalċijiet u gandlieri, kif ukoll oġġetti ta' kuljum għad-djar bħal kontenituri tal-melħ, żejt u ikel. Il-kotba kienu disponibbli għall-konsumatur biex setgħu jixtru minn uħud mill-aqwa ħwienet tad-Danimarka u n-Norveġja.

Fuq ix-xellug tal-istampa nistgħu naraw eżempju ta' wieħed mill-kalċijiet żgħar maħduma f'Nøstetangen. Ġie ddisinjat biex iżomm fih madwar 25 ċentilitru ta' likwidu. Fuq il-lemin naraw tazza għal spirti delikati. Dawn id-disinni, u l-prodotti li jirreklamaw, juru l-livell ta' sengħa mitlub biex jinħadmu. F'dan il-każ partikulari ħaddiema minn barra kellhom rwol importanti biex ġabu industrija ġdida fin-Norveġja.

Il-ktieb tad-disinji ta' Weyse, 1763, Copenhagen

volum illegat, 348 paġna + indiċi, tpenġijiet fuq il-karta; 22 x 34 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja

Referenza: RA/PA-0001/Fa/L0036



Il-kitba tal-lieva tal-popolazzjoni Griega fil-belt-suq ta’ Szécsény, 21–7–1778, Szügy (Ungerija)

2 paġni, manuskritt fuq il-karta; 48 x 38 ċm

L-Arkivju tal-Kontea ta’ Nógrád fl-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

Referenza: HU-MNL-NML – IV – 1 – b – № 135

# Ċensiment tal-popolazzjoni Griega fil-belt-suq ta' Szécsény

Dan iċ-ċensiment tal-belt ta' Szécsény fil-kontea ta' Nógrád hu dokument importanti ħafna li jixhed għat-twaqqif ta' komunitajiet Griegi fl-Ungerija tul is-seklu 18. Hu mqassam b'mod pjuttost tipiku. Serje ta' kolonni jagħtu tagħrif bħalma huma l-ismijiet tal-individwi, l-età, ir-reliġjon u n-nazzjonalità tagħhom, mnejn ġew, u meta daħlu fit-territorju Ħabsburgu.

Teknikament, l-individwi mniżżla fiċ-ċensiment huma msejħa sudditi Ottomani, li hu tabilħaqq rifless preċiż tal-istatus politiku tagħhom dak iż-żmien. It-Torok Ottomani kienu ħakmu l-Balkani fil-perjodu Medjevali, u sa tard fis-seklu 18 kienu għadhom jikkontrollaw ħafna mir-reġjun. Il-kelma 'Grieg' jidher li f'dak iż-żmien kienet tintuża bħala terminu li jiġbor taħtu bosta popli ta' fidi Nisranija Ortodossa li kienu jafu l-oriġini tagħhom fil-partijiet tan-nofsinhar tar-reġjun tal-Balkani. Fil-fatt, ħafna mill-individwi msemmija fiċ-ċensiment kienu ġejjin mill-Maċedonja, reġjun mifrux li llum hu mdawwar bil-fruntieri mal-Greċja, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja, il-Kosovo, l-Albanija, u l-Bulgarija.

L-immigranti Griegi rnexxielhom jieħdu vantaġġ mix-xewqa tal-Ħabsburgi li jerġgħu jibnu u jirripopolaw l-artijiet Ungeriżi, li fl-aħħar żminijiet kienu taħt il-madmad tal-Ottomani. Bħala grupp huma ma damux ma stagħnew fid-dar ġdida tagħhom. B'mod partikulari setgħu jħaddmu l-ħiliet intraprenditorjali tagħhom biex jibnu profil konsiderevoli fid-dinja tan-negozju u l-kummerċ. Għen ukoll il-fatt li kienu kapaċi jidħlu f'kuntatt fil-kummerċ li kien għaddej fit-territorji Ottomani u hemm ifittxu monopolju fin-negozju ta' ċerti prodotti lejn l-Ungerija. Tabilħaqq, tant kien kbir is-suċċess tagħhom li l-Grieg sar il-lingwa komuni għall-kummerċ fil-Balkani.

Il-Griegi taw sehemhom ukoll fil-ħajja kulturali Ungeriża. Dan deher b'mod ċar fi Balassagyarmat, belt oħra fil-kontea ta' Nógrád. Sa nofs is-seklu 18 il-belt kienet miżgħuda b'familji tal-klassi medja, u fl-1785 hemmhekk inbniet l-ewwel knisja Ortodossa tal-kontea. Matul is-snin il-karattru ta' Balassagyarmat inbidel minn dak ta' belt ċkejkna, b'suq iffukat lokalment, għal dak ta' waħda li kienet tfittex kuntatti ġodda 'l barra minnha, mimlija b'nies tas-sengħa u nies tan-negozju. Is-suċċess tagħha jirrifletti s-suċċess universali tal-immigranti Griegi tal-Ungerija matul is-seklu 18.


Von dem Magiſtrat der königl. Frei-
ſtadt Preßburg in Ungarn.
Wanderbuch.
Nach der hohen königlichen ungariſchen Statthalterei-
Verordnung vom 16. Juli 1816. Nro. 21080.
(64 Seiten enthaltend.)
ORSZÁGOS LEVÉLTÁR
R szekció





# Il-*wanderbuch* ta' Jakob Modern, ħaddiem tal-għodod

Xi storiċi jirriferu għall-perjodu bejn is-snin 1780 u nofs is-snin 1800 bħala l-Epoka tar-Rivoluzzjonijiet. B'dan it-terminu ma jirreferux biss għal ġrajjiet politiċi ewlenin bħalma hi r-Rivoluzzjoni Franċiża tal-1789 u r-rivoluzzjonijiet pan-Ewropej tal-1848, imma wkoll għar-Rivoluzzjoni Industrijali. Din kienet moviment li beda fl-Ingilterra u kellu impatt siżmiku fuq il-ħajja tax-xogħol tal-biċċa l-kbira tal-Ewropej. Forsi l-aktar aspett fundamentali ta' dan kien il-mod kif il-magni ħadu post l-artiġjani u n-nies tas-sengħa bħala l-ewwel aġenti fil-produzzjoni tal-massa.

Imma niżbaljaw jekk naħsbu li r-Rivoluzzjoni Industrijali ħassret għal kollox ix-xogħol artiġjanali. Il-*wanderbuch* (ktejjeb tal-vjaġġi) ta' Jakob Modern hu konferma ta' dan. Imniżżla fih hemm il-vjaġġi ta' ħaddiem tal-għodod fl-Ewropa Ċentrali matul is-snin 1823-1829. Jekk wieħed sempliċiment iqalleb fih jista' jieħu impressjoni tajba ta' kif kienet il-ħajja tax-xogħol ta' Modern.

Fl-ewwel stampa nistgħu naraw il-ftuħ tad-dokument. L-għan tiegħu bħala *wanderbuch* hu msemmi b'mod ċar, kif ukoll il-fatt li nħareġ mill-maġistrati tal-Belt Irjali Ħielsa li llum hija Bratislava (illum kapitali tas-Slovakkja, bil-Ġermaniż Pressburg u Pozsony bl-Ungeriż). Id-dettalji personali ta' Modern huma mniżżla fit-tieni paġna. Fost ħwejjeġ oħra, insiru nafu li xagħru kien kannella, għajnejh blu, imnieħru 'proporzjonat', u ħalqu 'ordinarju'. Minn paġna 8 'il quddiem ningħataw dettalji ta' kull wieħed mill-postijiet fejn waqaf Modern fil-vjaġġi tiegħu biex iħaddem in-negozju tiegħu. F'paġni 24 u 25, ngħidu aħna, naraw li bejn l-20 ta' Settembru u s-27 ta' Settembru 1824 kien fi Stuttgart, Ulm, Neu Ulm, u Munich. F'paġna 60 (biex naraw eżempju ieħor) ninnutaw li bejn l-1 ta' Ottubru u t-3 ta' Ottubru 1827 hu żar Berna, Lucerne u Zürich.

Il-kunċett tal-artiġjan li jivvjaġġa għandu storja li tmur lura lejn l-oriġni tal-għaqdiet tas-sengħa tal-Medjuevu. Wara li jkun għamel apprentistat, il-ħaddiem żagħżugħ ikun intitolat jivvjaġġa lejn bliet oħra, fejn jitgħallem iktar dwar is-sengħa tiegħu minn mgħallmin oħra. It-teorija kienet li eventwalment jikseb ħiliet u esperjenza biżżejjed biex isir mgħallem hu stess u jibbaża ruħu f'xi post fiss. Imbagħad ikun jista' jħarreġ apprentisti oħra tiegħu, li huma wkoll jibdew il-vjaġġi tagħhom ta' skoperta. Imma aktarx nistgħu ngħidu b'ċertezza li ftit ivvjaġġaw daqs Jakab Modern.

*Wanderbuch* (Ktieb tal-Ivjaġġar) ta' Jakob Modern, ħaddiem tal-għodod minn dik li llum hija Bratislava, 1823-1829, Bratislava (dak iż-żmien bil-Ġermaniż: Pressburg bl-Ungeriż: Pozsony)

Ktejjeb, 35 faċċata, kitba bl-idejn fuq karta stampata; 10 x 17 ċm (magħluq), 20,5 x 17 ċm (miftuħ)
Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija
Referenza: HU-MNL-OL – R 276 –No. 271


3. Personliste over Folketallet 3 December 1900.

Kaħħala Talja ġewwa Oslo, 3–12–1900, Oslo (dak iż-żmien Kristiana)

1 paġna, kitba fuq karta stampata, karta; 31 x 19 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja

Referenza: RA/SSB/S-2231/E/Ft1900/Oslo/box no. 122 and 162

# Il-kaħħala Taljani ta’ Oslo

Iċ-ċensimenti jipprovdu ħafna tagħrif utli, partikularment għal dawk involuti fir-riċerka tal-istorja tal-familja, u għal dawk li jfittxu janalizzaw kif żviluppat l-emigrazzjoni. L-ewwel ċensiment sħiħ Norveġiż sar fl-1769, u jagħti informazzjoni dwar in-numru ta’ nies li kienu jgħixu f’kull dar. Iċ-ċensiment tal-1801 kien l-ewwel wieħed li ddokumenta d-dettalji kollha ta’ ismijiet, etajiet, u professjonijiet tan-nies tan-Norveġja, u mill-1815 din l-informazzjoni bdiet normalment tinġabar kull għaxar snin.

Dan id-dokument hu paġna miċ-ċensiment tal-1900, u jittratta l-abitanti ta’ Schwensens gate 12 f’Oslo (imsejjaħ Kristiania qabel l-1925). Isem Giovanni de Paolis jinsab fuq nett fil-lista, u minnha nafu li hu twieled fl-1865 u kien Taljan. Xogħolu hu mniżżel bħala: ‘*gibs og cementsøberi (eier)*’, li nittraduċuha bħala ‘negozju (proprjetarju) tat-tikħil u s-siment’. Taħt ismu hemm dak ta’ martu, Grethe de Paolis, u l-ħames uliedhom, Margrethe, Umberto, Astrid, Marit, u Randi.

Giovanni emigra lejn in-Norveġja mal-ġenituri tiegħu Antonio u Maria u ż-żewġ ħutu ikbar minnu fis-snin 1870. Il-familja kienet ġejja minn Varallo fl-Italja ta’ fuq, fejn Antonio kien tħarreġ u ħadem bħala kaħħal. Meta wasal in-Norveġja, Antonio kompla f’din il-professjoni, u mbagħad iż-żewġ uliedu Giovanni u Bartholomeo komplew fuq il-passi tiegħu. Fl-1898, ħutu fetħu l-fabbrika tagħhom f’Vahls gate 3, Oslo, taħt l-isem tal-kumpanija ‘*Brødrene de Paolis Gibsmageri og Cementsøberi*’ (‘Il-kumpanija tal-Ġibs u s-Siment tal-Aħwa de Paolis’). Sa Diċembru 1900 (meta sar iċ-ċensiment) l-aħwa impjegaw seba’ kaħħala Taljani fil-fabbrika tagħhom.

Tul it-tieni nofs tas-seklu 19, Oslo kien id-destinazzjoni prinċipali fin-Norveġja għall-immigranti. In-Norveġiżi tal-post ukoll bdew jiċċaqilqu f’numri sinifikanti mill-kampanja għal ġol-ibliet, u hekk għenu biex tikber l-urbanizzazzjoni. Bejn l-1855 u l-1900, il-popolazzjoni ta’ Oslo kibret mhux ftit, fenomenu li fih innifsu kompla żied id-domanda għal ċerti prodotti u servizzi importanti. Billi kien hemm bżonn kbir ta’ xogħol ta’ bini u l-ħtieġa ta’ dekorazzjoni fuq ġewwa, il-familja de Paolis kienet għażlet żmien tajjeb biex iġġib fin-Norveġja l-esperti tat-tikħil.

Bħala Taljani, żgur ma kinux waħidhom qed ifittxu li jħallu art twelidhom. It-titjib fil-kwalità tal-ħajja fid-dawl tal-unifikazzjoni tal-pajjiż wassal biex il-popolazzjoni kibret, u fl-istess waqt l-użu differenti tal-art kien ifisser li kien hemm inqas opportunitajiet ta’ xogħol, partikolarment fin-nofsinhar. Dawk li ma kellhom ebda sengħa partikulari aktarx kienu jmorru fl-artijiet Amerikani, fejn l-opportunitajiet kienu varjati u bosta. Imma artiġjani bħal missier Giovanni de Paolis kellhom l-opportunità li jsibu xogħol f’pajjiżi Ewropej oħra bħalma kienet in-Norveġja.



Emigranter afgaaade med S. S. "TITANIC" 10. April — Adrisse No. 10.

Christiania den 3. April 1912 — "Oslo"

| No. | Navn | over 12 Aar | over 1 Aar | under 1 Aar | fra | til | Kr. | Øre | Anm. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 71. | [illegible] | 18 | | | [illegible] | New York | 320 | — | [illegible] |
| 72 | Carl Midtsjö | 22 | | | Ski | Chicago, Ill. | 238 | — | 57 |
| 73 | Olaf Persen | 29 | | | Sandefjord | New York | 181 | 00 | [illegible] |
| | | 3 | | | | | | | |

"CELTIC" 11th April 1912. F/S "Oslo" 3. April. Adv. 19.

| No. | Navn | over 12 Aar | over 1 Aar | under 1 Aar | fra | til | Kr. | Øre | Anm. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 027 | Alexander Carlson | 49 | | | [illegible] | New York | 157 | 00 | #22 |

# Passaġġ għall-Amerika: Il-Migrazzjoni Kbira tal-Atlantiku

Ċertu kliem jista' jġib quddiem għajnejna xbihat tal-biża'. F'dan id-dokument naraw l-isem 'Titanic' u s-sena 1912 u minnufih nibdew naħsbu f'ibħra mimlija bi glaċieri kbar, vapur kbir qed jegħreq taħt l-mewġ, u d-dgħajjes tas-salvataġġ b'passiġġieri jsalpaw biex isalvaw.

Din il-lista tal-passiġġieri hi preservata fl-Arkivju Nazzjonali tan-Norveġja bħala parti mill-kollezzjoni tal-kumpanija tal-vapuri White Star Line. Il-White Star Line kienet ta' sidien Ingliżi imma kellha uffiċċju f'Oslo biex tipproċessa passiġġieri Norveġiżi li riedu jmorru r-Renju Unit biex jiżguraw il-passaġġ fuq wieħed mill-vapuri tagħhom lejn l-Amerika. Fuq il-lista hemm tlieta mit-28 passiġġier Norveġiż abbord it-Titanic meta dan telaq minn Southampton fl-10 ta' April 1912. Tnejn minn dawk imniżżla, Arne Johan Fahlstrøm u Carl Midtsjø, għamlu l-vjaġġ minn Oslo (dak iż-żmien Kristiana) fit-3 ta' April. Il-vapur tagħhom kien jismu 'Oslo'. It-tielet, Olaf Pedersen, eventwalment ivvjaġġa minn Larvik fil-5 ta' April. Minn dawn it-tliet irġiel, Midtsjø biss baqa' ħaj wara d-diżastru tat-Titanic, wieħed minn 705 li salvaw minn total ta' madwar 2,200 passiġġier u membru tal-ekwipaġġ.

In-Norveġiżi fuq it-Titanic kienu wkoll jiffurmaw parti minn ġrajja storika usa', dik tal-migrazzjoni tal-massa ta' bosta miljuni ta' Ewropej lejn l-Amerika. Dan il-moviment ta' nies fl-Atlantiku kien ilu għaddej sa mill-'iskoperta' tad-Dinja l-Ġdida tard fis-seklu ħmistax. Madankollu, sa nofs is-seklu dsatax konnessjonijiet aħjar u inqas spejjeż kienu għenu jiffaċilitaw it-trasportazzjoni ta' numri dejjem jikbru. Iktar nies inġibdu lejn l-opportunitajiet kbar li setgħu joffru pajjiżi li kienu qed jespandu, bħalma kienu l-Istati Uniti tal-Amerika. F'dan is-sens huma kienu mmotivati minn dawk li l-istoriċi jsejħulhom fatturi li 'jiġbdu'. Imma f'ċerti punti fiż-żmien bdew jippredominaw l-hekk imsejħa fatturi li 'jimbuttaw'. Tard fis-snin 1840, ngħidu aħna, mewġa kbira ddisprata emigrat mill-Irlanda u l-Ġermanja wara d-diżastru fil-ħsad, il-ġuħ u t-taħwid politiku f'pajjiżhom.

Midtsjø, Fahlstrøm u Pedersen, kull wieħed bil-mod tiegħu, kienu telqu lejn l-Amerika jfittxu opportunitajiet ġodda. Fahlstrøm kien irċieva l-flus tal-passaġġ mill-ġenituri tiegħu biex jistudja t-teatru fi New York. Pedersen kien diġà ċittadin tal-Istati Uniti u kien qed jirritorna lura wara li mar in-Norveġja biex jiżżewweġ. L-intenzjoni tiegħu kienet li l-mara ġdida Norveġiża tiegħu tingħaqad miegħu fl-Amerika meta jkun għamel biżżejjed flus biex iżomm lill-familja tiegħu. Midtsjø kien iben bidwi, u kien l-ewwel fost diversi wlied li emigraw lejn l-Istati Uniti. Billi kien jivvjaġġa fit-tielet klassi u kien raġel adult b'saħħtu, seta' jgħodd ruħu b'xortih tajba li sab post fuq waħda mid-dgħajjes ta' salvataġġ tat-Titanic f'dak il-lejl tal-biża'

Emigrazzjoni lejn l-Istati Uniti – vjaġġaturi fuq it-Titanic, 10–4–1912, Oslo (dak iż-żmien Kristiana)

Volum illegat, 484 faċċata, kitba bl-idejn fuq karta stampata, karta; 30 x 18 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja– Arkivju Reġjonali tal-Istat, Oslo

Referenza: SAO/PAO-0201/Da/L0004, image 169






PUMA



# Emigranti Portugiżi fi triqthom lejn partijiet oħra tal-Ewropa

Mal-ewwel daqqa t'għajn, ir-ritratti li jidhru hawn juru sitwazzjoni li hi familjari għal ħafna nies. L-ivvjaġġar jista' jgħejjik, partikularment jekk isir bil-ferrovija u jkollok tqandel bagalji tqal ħafna. F'dan il-każ, l-individwi fi tnejn mir-ritratti jidhru jġorru numru kbir u mhux tas-soltu ta' bagalji. Il-mara liebsa n-nuċċali tax-xemx tidher li qed titħabat ma' diversi oġġetti, fosthom dak li qisu radju kbir. Mara oħra qed tfittex xi ħaġa fil-basket waqt li żewġha qed iżomm tarbija. Ir-raġuni għal dan kollu kollha hi li dawn huma emigranti Portugiżi li xtaqu jibdew ħajja ġdida barra minn pajjiżhom. Ma kinux waħidhom. Fl-1971, meta ttieħu dawn ir-ritratti, ħafna għexieren ta' eluf ta' Portugiżi għażlu li jemigraw mill-pajjiż.

Din ma kinitx ħaġa ta' darba, unika għal dak iż-żmien partikolari. Emigrazzjoni tal-massa mill-Portugall kienet ilha għaddejja ħafna snin. Hu kkalkulat li bejn l-1933 u l-1974, emigraw madwar 1.98 miljun ruħ. Qabel l-1960 il-parti l-kbira marru l-Brażil  li qabel kien kolonja Portugiża. Mill-1960 sal-1974, l-attenzjoni ċċaqilqet għal fuq il-pajjiżi tal-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE), partikularment Franza u l-Ġermanja. Dawn kellhom isiru l-aqwa snin tal-emigrazzjoni Portugiża. Iż-żieda f'daqqa fl-emigrazzjoni Portugiża kienet parzjalment għal raġunijiet ekonomiċi. Fi kliem sempliċi, l-opportunitajiet kienu hemm biex in-nies tagħmel iżjed flus f'ekonomiji li kienu qed jikbru malajr fil-blokk tal-KEE. Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, l-attitudni tal-gvern Portugiż lejn l-emigrazzjoni saret aktar pożittiva. Tul is-snin 1930, 1940 u 1950, il-gvern ried iżomm il-ħaddiema fil-pajjiż, u allura għadda numru ta' liġijiet biex ma jħallix l-emigrazzjoni tkompi tinfirex. Imma bil-modernizzazzjoni tal-ekonomija Portugiża fis-snin 1960 naqas il-bżonn tax-xogħol mhux speċjalizzat marbut mas-settur tradizzjonali agrikolu. Uffiċjalment, il-bieb kien miftuħ għal dawk li xtaqu jħallu l-pajjiż.

Ħafna minn dawk li emigraw kienu rġiel żgħażagħ fl-aqwa tagħhom. Is-sitt irġiel li jidhru fl-ewwel ritratt faċilment nistgħu npoġġuhom f'din il-kategorija. Xi nies iċċaqilqu bħala parti minn gruppi ta' familji, kif jidher ċar miż-żewġ ritratti l-oħra. Kollox ma' kollox, kollha kienu b'saħħithom fiżikament u lesti li jagħtu kontribut pożittiv fil-pajjiżi fejn kienu sejrin.

Emigranti Portugiżi fi triqthom lejn l-Ewropa, 1971

4 ritratti suwed u bojod, karta; numru 026: 12,3 x 18,2 ċm; numru 035: 18,2 x 13 ċm; numru 036: 18,1 x 13,3 ċm; numru 043: 24 x 15,7 ċm

Torro do Tombo – L-Arkivji Nazzjonali tal-Portugall

Referenza: PT/TT/DME/AF/001/2076/026, 035, 036 and 043

# 02

# Migrazzjoni marbuta mal-gwerra

Huwa ovvju li l-gwerra hija waħda mill-aktar esperjenzi traġiċi u ta' ħela kbira maħluqa mill-bniedem. L-istorja tal-gwerer tmur lura sal-bidu nett. Fi żminijiet qabel iż-żmien modern, il-gwerer kienu jkunu miġġiela b'mod magħluq, fis-sens li l-għedewwa kienu jaffaċċċjaw lil xulxin u jitqatlu bl-idejn bejniethom. Imma biż-żmien, dan il-ġlied żviluppa f'dik li tissejjaħ 'il-gwerra sħiħa.' Din tfisser gwerra imxerrda u miftuħa, kemm fl-użu ta' armi, kif ukoll fil-għan. Din tiġbor fiha l-attakki bil-bombi fuq żoni urbani iffullati bin-nies, l-użu ta' tattiċi bla sens, ir-rewwixti u l-bumbardamenti ta' pajjiżi sħaħ jew bliet, l-attakki u l-mira ta' vapuri mimlijin merkanzija, l-użu ta' azzjonijiet bħala tpattija, u ż-żamma ta' gruppi partikolari f'kampijiet speċjali.

Maż-żmien, l-Ewropa rat ħafna gwerer. Minn kunflitti lokali u gwerer ċivili sa ġlied fuq skala akbar li jinvolvi numru ta' pajjiżi. Il-poplu Ewropew kien minn ta' quddiem biex imexxi gwerer fuq livel internazzjonali. F'kull każ, il-miżerja umana kienet waħda mir-riżultati ewlenija ta' dan il-ġlied.

Din is-sezzjoni tal-wirja tagħti ħarsa fil-fond lejn din il-migrazzjoni marbuta mat-taqbid. Iġġib flimkien materjal li jmur lura sas-Seklu Sbatax u jwassal sa l-ewwel nofs tas-Seklu Għoxrin.

Uħud mid-dokumenti juru każijiet fejn il-bniedem kellu jispostja ruħu għal post ieħor jew jaħrab fl-eżilju biex jiskansa l-effetti ħorox tal-ġwerra. Dokumenti oħra jħarsu lejn it-tbatija li għaddew minnha dawk kollha li kellhom jemigraw minn art twelidhom jew għax kienet okkupata mill-għadu waqt żmien ta' gwerra, jew għax ċediet bħala parti mit-trattrat ta' paċi jew għax ikun sar ftehim internazzjonali. Fi kliem ieħor, dawn id-dokumenti għandhom x'jaqsmu ma' nies li emigraw biex jaħarbu l-persekuzzjoni wara falliment fi ġlied ċivili jew meta pajjiżhom kien maħkum mid-ditattorjat militari.

Uħud mill-materjal f'din il-wirja jippunta lejn l-irwol li kellhom organizzazzjonijiet internazzjonali biex jipprovdu għajnuna li dawn in-nies maħruba, filwaqt li materjal ieħor jirrakkonta l-esperjenzi ta' ċertu uffiċjali li għenu lir-refuġjati billi tawhom id-dokumenti meħtieġa biex jaħarbu lejn pajjiżi aktar sereni u paċifiċi.

Fuq kollox, din is-sezzjoni hija xhieda ħajja tal-prezz qares imħallas mill-poplu u minn individwi meta n-nazzjonijiet sħaħ (jew partijiet minnhom) jidħlu għall-ġlied.



Von Gottes Gnaden Wir Carl Fürst und Regierer des Hauses Liechtenstein/ Hertzog in Schlesien zu Troppaw/ Höchstermelter Kay: May: Gehaimber Rath/ Cammerer/ und der zeit in der Cron Böhaimb Vollmechtiger Commissarius, etc.

Thuen hiemit jedermenniglich Khundt und zuwissen/ daß Wir von der Röm: Kay: auch zu Hungern und Böhaimb Khönigklich:

Euch Heinrich Matthes Grafen von Thurn/ Gottlob Berka/ Joachimb Andreß Schlickh Grafen/ Wentzl Wilhelm von Ruppaw/ Wentzl Berka/ Johann Albin Schlick Grafen/ Radislaw von Wchinitz/ Adelspach Berka/ Adam Lukschan/ Emil Hoditzowsky/

Johann von Bubna/ Paul Kapler/ Peter Müllner/ Ernfriede Berbißdorff/ Emil von Michalowitz/ Hanns Müllner/ Johann Baptista Eysen/ Johann Orssinowsky/ Friedrich Georg D./ Beniamin Fruwein/

Daniel Schkreta/ Wentzl Pisecky/ Elias den Jüngern Roshn/ Johann Felix Goliáss/ Samuel von Weleslawin/ Ulrich Erdtl/ Paul Geschin/ Paul Kuttnaur/ Hanß Knott/ und Jakob Hüfnagel/

Karel ta’ Lichtenstein iħarrek nies li emigraw lejn pajjiżu wara l-battalja tal-Muntanja l-Bajda, 17–2–1621, Praga

1 paġna, stampata fuq il-karta; 47,7 x 38,2 ċm; b’siġill (diametru 3,5 ċm)

L-Arkivji Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka

Referenza: NA, AČK, inv. no. 2368

# L-Eżiljati Protestanti tal-Boħemja: It-taħrika ta' Karlu ta' Liechtenstein fl-1621

Fit-8 ta' Novembru 1620, kien hemm battalja fil-Muntanja l-Bajda (Bílá hora). Kienet il-quċċata ta' perjodu ta' konfrontazzjoni qawwija bejn il-prinċipijiet Protestanti, in-nobbli tal-Ġermanja u l-Ewropa Ċentrali fuq naħa, u l-istituzzjoni Kattolika tal-Imperu Qaddis Ruman fuq in-naħa l-oħra.

Sa mill-bidu tiegħu fil-Medjuevu bikri, l-Imperu Qaddis Ruman kien jikkonsisti f'ġabra ta' stati, prinċipati, bliet u territorji li bejniethom kienu jkopru l-Ewropa Ċentrali u dik li llum hija l-Ġermanja, kif ukoll partijiet minn dawk li llum huma l-Italja ta' fuq u l-Ivant tal-Franza. Fit-tmun kien hemm monarka elett, l-Imperatur Qaddis Ruman, li fi żmien il-Battalja tal-Muntanja l-Bajda kien Ferdinandu II tad-Dinastija Ħabsburga.

Il-Protestanti li qamu kontra Ferdinandu (li kollha kienu sudditi tiegħu) kienu mmexxija minn Federiku V, mexxej tar-reġjun Palatinjan fil-Ġermanja. Fl-1618, l-assemblea fil-Boħemja kkontrollata milll-Protestanti rribellat kontra l-predeċessur ta' Ferdinandu, Mattija, u għamlet lil Federiku r-re tal-Boħemja. Iż-żewġ naħat ġabru l-armati tagħhom, u dan wassal għal konfrontazzjoni inevitabbli fuq il-Muntanja l-Bajda. L-armata Kattolika ta' Ferdinandu għelbet għalkollox il-qawwiet ta' Ferderiku, u kompliet dieħla biex tieħu f'idejha Praga, biex hekk ħonqot għalkollox ir-ribelljoni. Federiku u ħafna mill-kapijiet Protestanti ħarbu lejn l-eżilju.

Dan id-dokument juri l-qagħda li l-Protestanti tal-Boħemja sabu ruħhom fiha wara t-telfa li sofrew. Ġie ppubblikat fis-17 ta' Frar 1621 f'isem Karlu ta' Liechtenstein, wieħed mill-ogħla uffiċjali ta' Ferdinandu II. L-Imperatur ordna l-ġuri tar-'ribelli u suġġetti infidili fl-art ereditarja tiegħu [tal-] Boħemja', u li dawk li marru l-eżilju jiġu mħarrka jidhru quddiemu biex jagħtu kont tar-'reati enormi' tagħhom. Issegwi lista, li ssemmi lil dawk li kienu ġew indikati bħala l-akbar fost ir-ribelli. Imma fil-verità t-taħrika saret biex tapplika għall-Boħemjani kollha li kienu appoġġjaw b'mod attiv il-kawża Protestanta. Huma 'mgħajta bl-istess mod bħallikieku ġew imsemmija b'isimhom'.

Għal dawk li resqu għall-ġuri l-konsegwenzi kienu ħorox. 27 minnhom ingħataw il-mewt fi Praga f'Ġunju 1621, u l-bqija fil-parti l-kbira tteħdulhom l-artijiet u t-titli li kellhom li ġew mgħoddija lil nobbli u sinjuri (ilkoll Kattoliċi) li kienu leali għal Ferdinadu. Il-Protestantiżmu kien ipprojbit, u fl-1627 inħatar gvern ċentralizzat.

Il-konsegwenzi kienu tal-biża' għal dawk li kienu jgħixu taħt il-Kuruna tal-Boemja. In-numru ta' rziezet niżel mill-151,000 ta' qabel il-gwerra għal 50,000 biss fl-1648. Hu stmat li l-popolazzjoni naqset minn 3 miljun ruħ għal 800,000.

Fuq livell usa' Ewropew, ir-riperkussjonijiet tar-Rivolta Boħemjana kienu kbar. Il-kunflitt ta bidu għal serje ta' gwerer ġo xulxin (magħrufa flimkien bħala l-Gwerra tat-Tletin Sena) li fniet lil ħafna mill-Ewropa Ċentrali. Kien biss bit-Trattat ta' Westphalia fl-1648 li l-Ewropa Ċentrali daħlet mill-ġdid (b'xorti ħażina għal ftit żmien biss) fi stat ta' paċi.


Isten békességes maradásával szerencsés kegyelme-
tek közönséges, kivánnyuk.

[illegible]

Tiszasason 1707. 20. Januar.

Kegyelmetek jóakaró Mago Mihály
és Csaba Mátyás.

56.

# Talba tal-vittmi tal-gwerra għall-għajnuna mill-belt ta' Kecskemét

Ittri miktuba min-nies fi żmien ta' gwerra spiss joffru lill-istoriċi tieqa unika fin-natura tal-kunflitt armat kif ukoll fil-kaos u l-qerda li dan jikkawża. Hawn għandna eżempju mis-snin bikrija tas-seklu 18 fl-Ungerija, miktub minn żewġ individwi (Mihály Magó u Mátyás Csaba) fil-qalba ta' rvell magħruf bħala l-Gwerra ta' Rákóczi għall-Indipendenza. It-tnejn flimkien jindirizzaw l-ittra tagħhom lill-mexxejja tal-belt ta' Kecskemét u jitolbuhom l-għajnuna. Huwa xieraq li nikkwotaw il-karbiet tagħhom fit-tul:

'*B'għafsa ta' qalb qed nirrappurtawlek il-kastig mis-sema li qed insofru – l-Għadu ma ħallielna xejn mill-ġid li kellna, serqulna l-bhejjem kollha, għabbewhom fuq il-karrettuni, u ma ħallewlna xejn biex ngħixu. Bħalissa, għandna biss il-ħwejjeġ ta' fuqna, imma, bil-ħniena ta' Alla, ħadd minna ma ttieħed ilsir mill-Għadu. Fis-sewwa kollu rċivejna l-messaġġ tal-Grazzja Tiegħek, u sirna nafu li l-Grazzja Tiegħek qed tieħu ħsiebna. Billi ma nistgħu mmorru mkien mingħajr l-għajnuna ta' ħaddieħor, bi ħrara nixtieqU nitolbu lill-Grazzja Tiegħek biex tgħinna nirritornaw id-dar billi tibagħtilna erba' jew ħames karrettuni. Lesti nħallsu kif jixraq lis-sewwieqa tagħhom jekk jeħduna fi djarna bis-sliem ta' Alla. Ġentilment nitolbu wkoll lill-Grazzja Tiegħek tordna lis-suldati jiltaqgħu magħna hawn f'Ugi Réh b'żewġ stendardi biss, biex ikollna vjaġġ b'anqas periklu.*'

L-ittra nkitbet fl-20 ta' Jannar 1707 minn villaġġ fuq ix-xmara Tisza, xi 25 kilometru fil-lvant ta' Kecskemét. L-għadu li qed tirreferi għalih huma t-truppi Raskjani (Serbi) li f'dak iż-żmien kienu qed jimmarċjaw f'dik il-parti tal-Ungerija. X'aktarx li Magó u Csaba kienu mexjin lejn il-belt ifittxu kenn. Din il-ħolma tagħhom ma damitx ma għasfrot. Fit-3 ta' April 1707 ir-Raskjani ħatfu u ħarqu l-belt, qatlu madwar 400 ruħ, u ħadu xi 155 raġel u mara bħala lsiera. Ma nafux kif baqgħu Magó u Csaba.

Il-Gwerra ta' Rákóczi għall-Indipendenza faqqgħet fl-1703 u baqgħet tkarkar tmien snin. Issemmiet għal Ferenc II mill-familja famuża Rákóczi. Fuq livell nazzjonali, ħadet ix-xejra ta' rivolta kontra l-istat minn attivisti anti-Ħabsburgi (il-Kuruc). Fuq livell internazzjonali, daħlet fil-Gwerra tas-Suċċessjoni Spanjola (1701-1714), b'Rákóczi jallinjaw ruħhom u lis-segwaċi tagħhom mal-Franċiżi. Diffiċli nsiru nafu kemm Magó u Csaba kienu jafu li huma kienu biss sempliċi pedina f'taqbida politika ta' livell hekk għoli.

Ittra ta' Mihály Magó u Mátyás Csaba lill-mexxejja tal-belt ta' Kecskemét biex jitolbu l-għajnuna, 20–1–1707, Tiszasas (Ungerija)

1 folio, manuskritt fuq il-karta; 20,5 x 31,4 ċm

L-Arkivju tal-Kontea ta' Bács-Kiskun fl-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

Referenza: HU-MNL-BKML – IV. – 1525. – 6. – 97



Copia

1791 — 38 — 201

[illegible]

| No. | Nahmen der Familien | Köpfe | [illegible] | No. | Nahmen der Familien | Köpfe | [illegible] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nedelko Petrovich | 5 | [illegible] | 70 | Despot Attanaskov | 5 | [illegible] |
| 5 | Stoyan Georgievich | 1 | | 73 | Peter Markovich | 2 | [illegible] |
| | Anastas Nicolich | 7 | [illegible] | 75 | Risto Mirovich | 1 | [illegible] |
| 6 | Lazar Nicolich | 4 | [illegible] | 88 | Nogoi Petkovich | 5 | [illegible] |
| | Peter Milloskovich | 4 | [illegible] | 89 | Jovan Millovanovich | 3 | [illegible] |
| 10 | Lazar Jovanovich | 5 | [illegible] | 96 | Milan Petrovich | 6 | [illegible] |
| 14 | Andie Mosa | 1 | [illegible] | 100 | Gavrila Stamitovich | 4 | [illegible] |
| 15 | Mihail Gavrilovich | 4 | [illegible] | 112 | Janko Nedelko | 2 | [illegible] |
| 17 | Pannko Ilia | 4 | [illegible] | 113 | Dimitar Jvelkovich | 3 | D° |
| 19 | Hagia Jvelkovich | 4 | [illegible] | 130 | Jasim Dozich | 1 | D° |
| 20 | Jenko Stephanovich | 5 | [illegible] | 141 | Mileta Millitovich | 8 | [illegible] |
| 26 | Peter Markovich | 2 | D° | 167 | Milko Gerzdanovich | 3 | [illegible] |
| 38 | Dimitro Jovanovich | 3 | D° | 161 | Dimitar Stojkovich | 3 | D° |
| 38 | Jovan Milojevich | 2 | [illegible] | | Nedelko Nicolovich | 2 | |
| 49 | Peter D° | 4 | [illegible] | | Lazar Chismar | 3 | [illegible] |
| 50 | Radanina Georgeva | 2 | [illegible] | 191 | Peter D° | 2 | [illegible] |
| | Marica Stanilovich | 3 | D° | | Ignatz D° | 3 | |
| 51 | Georg Milkovich | 4 | [illegible] | 194 | Stojan Mihailovich | 1 | [illegible] |
| 58 | Stoiko Joakim | 1 | [illegible] | 200 | Hagji Georgi | 4 | [illegible] |
| 59 | Georg Stephanov | 3 | [illegible] | 214 | Janko Petkovich | 4 | [illegible] |
| 60 | Antonie Jovanovich | 5 | [illegible] | 1037 | Nicola Radosavlevich | 5 | |
| 61 | Teodor Stojanovich | 5 | D° | 1038 | Stojan Antonovich | 1 | [illegible] |
| 66 | Vlaiko Vladkovich | 4 | [illegible] | 1039 | Jovan Andrievich | 3 | |
| 70 | Marko Ilia | 3 | [illegible] | | Kusia Jakal | 5 | |

[illegible] 48 [illegible] 137 [illegible] 20 [illegible] 791.

Jakobiesska mp.
Major

ИАБ-ЗМ-1469-1791-ф38-201

# Familji Serbi jemigraw lejn il-Monarkija Ħabsburga

Fil-15 ta' Ġunju 1389, l-armata Ottomana ta' Murad I għelbet armata ta' Serbi, Albaniżi u Ungeriżi flimkien fil-Battalja ta' Kosovo. Għas-Serbi b'mod partikulari, il-battalja kienet ta' importanza kbira. Għal medda twila ta' żmien, għenet biex issaħħaħ sens ta' identità nazzjonali Serba mibnija fuq l-idea ta' martirju erojku għal kawża ogħla.

Matul is-sekli ta' wara, is-Serbi għamlu xi reżistenza sporadika fl-għamla ta' rvellijiet lokali. Dawn saru iktar serji meta l-Imperu Ottoman beda jitlef is-saħħa li kellu lejn is-snin 1600. Fl-1690 faqqgħet ribelljoni Serba kbira b'appoġġ lil kampanja militari Awstrijaka kontra l-Ottomani. Imma din ġiet mirbuħa, u s-Serbi spiċċaw f'qagħda ħażina. Fl-1691, bejn 30 u 40 elf Serb ħarbu lejn it-territorju taħt il-kontroll Ħabsburgu biex ma jkollhomx jaffaċċjaw il-korla mġedda tal-ħakkiema tagħhom.

Kellhom jgħaddu bosta għexieren ta' snin qabel feġġet opportunità ġdida għal-libertà. Meta faqqgħet il-gwerra mill-ġdid fl-1788, il-qawwiet Ħabsburgi akkumpanjati minn 5,000 suldat Serb irnexxielhom jeħilsu partijiet sostanzjali mis-Serbja (inkluż Belgrad) minn taħt idejn l-Ottomani. Imma din kienet biss rebħa għal ftit żmien. Fl-1791 l-Ottomani attakkaw lura bis-saħħa u ġiegħelu lill-qawwiet Awstro-Ungeriżi u Serbi jaħarbu għal darb' oħra 'l fuq mix-xmajjar Sava u Danubju. Fl-4 ta' Awwissu 1791, it-Trattat ta' Sistova (illum fil-Bulgarija, bir-Rumen Șiștova u fi żmien l-Ottomani Ziștovi) ġab il-gwerra fi tmiemha.

Waqt li l-Ħabsburgi ftit li xejn gawdew mit-trattat, is-Serbi rċivew assigurazzjonijiet li l-Ottomani kienu se jagħtuhom xi drittijiet, fosthom il-kontroll tat-taxxi lokali. Imma xi Serbi xorta ppruvaw jiċċaqilqu lejn territorju kkontrollat mill-Ħabsburgi.

Dan id-dokument hu lista ta' 48 familja Serba (157 ruħ b'kollox) li min Belgrad marru lejn il-belt ta' Zemun, malli taqsam ix-Xmara Danubju. Hu ddatat 20 ta' Settembru 1791, ftit ġimgħat wara li għalaq it-trattat. Il-lista hi mqassma f'erba' kolonni, kull linja għal familja differenti: l-ewwel, insibu n-numru tad-dar f'Belgrad; it-tieni, l-isem tal-familja; it-tielet, in-numru ta' persuni fil-familja; ir-raba', il-professjoni tal-kap tal-familja. Dokument bħal dan igħin lill-istoriċi jaraw aktar fil-fond mill-medda kbira ta' storja militari u politika u jiksbu informazzjoni dwar il-ħajja ta' nies ordinarji. Hu permezz tagħhom li jista' jkollna għarfien vera ta' xi swiet tassew il-gwerra.

Lista ta' 48 familja Serba, fil-biżża l-kbira nies tas-sengħa, li jħallu Belgrad u jmorru Zemun wara l-paċi ta' Svistovo, 20–9–1791, Belgrad

paġna 1, manuskritt fuq il-karta; 24,3 x 38 ċm

L-Arkivji Storiċi ta' Belgrad

Referenza: IAB, ZM, 1791, f. XXXVIII, No. 201



Reġistru taċ-ċittadini Awstrijaċi ta' nazzjonalità Taljana jew Slovena, li kienu mqiegħda fid-Distrett ta' Pasca fil-Kontea ta' Żala, 10–7–1915, Pacsa (Ungerija)

Ktejjeb, 12-il paġna, formoli miktuba bl-idejn, karta; 21,0 x 34,0 ċm

L-Arkivju tal-Kontea ta' Zala County fl-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

Referenza: HU-MNL-ZML – IV. – 404. – e. – 2442/1915

# Rifuġjati Taljani u Sloveni mill-Peniżula ta' Istria

Meta faqqgħet il-Gwerra l-Kbira fl-1914, l-Awstrija-Ungerija kellha tiġġieled fuq iktar minn front wieħed. Fuq il-Front tal-Lvant ingħaqdet mal-Ġermanja kontra l-qawwa tal-Armata Russa. Fix-xlokk kellha tiġġieled kontra s-Serbja f'kontinwazzjoni tal-kunflitt li kien strumentali biex id-dinja daħlet fil-gwerra. Id-dħul tal-Italja fil-gwerra f'Mejju 1915 fetaħ front fil-lbiċ.

Il-kmand għoli Awstro-Ungeriż malajr iddikjara il-peniżola ta' Istria bħala żona tal-gwerra. Fil-ponta ta' fuq nett tal-Baħar Adrijatiku, din kienet qrib l-Italja u għalhekk l-awtoritajiet raw opportunità li jqisuha bħala front. Fil-fatt, il-belt ta' Pola, isfel nett tal-peninżula, daħlet mill-ewwel fi stat ta' gwerra. Kienet il-port ewlieni tal-flotta Awstro-Ungeriża u għalhekk ta' valur strateġiku tremend.

Miżura importanti tal-awtoritajiet Awstro-Ungeriżi kienet li jevakwaw iċ-ċivili minn Istria. Hawn għandna parti minn reġistru ta' wħud mill-2,108 rifuġjati Taljani u Sloveni li ttieħdu mill-peniżola lejn il-Kontea ta' Zala f'Mejju 1915.

Għall-bidu l-ħajja kienet iebsa. Minħabba l-kundizzjonijiet tal-gwerra u allura n-nuqqas ta' kumditajiet kien diffiċli li wieħed jilqa' influss hekk kbir ta' nies. Ħafna minnhom ma kinux kapaċi jaħdmu, fatt li ikkomplika iktar is-sitwazzjoni. Fuq kollox, l-istatus politiku tagħhom baqa' mhux ċar. Fid-dawl tan-nazzjonalità Taljana tagħhom, kellhom jiġu ttrattati bħala rifuġjati jew bħala internati? Il-kwistjoni damet biex issolviet, u iktar ikkontribwiet għas-sitwazzjoni ta' konfużjoni dwar l-akkomodazzjoni u l-provediment ta' dak meħtieġ. Hu x'inhu, jingħad li n-nies tal-post għamlu mill-aħjar biex il-waqfa ta' dawn l-abitanti ġodda jagħmluhielhom komda kemm jista' jkun. L-evakwati baqgħu fil-Kontea ta' Zala sa Novembru 1915, meta ġew ittrasferiti għall-kamp tar-rifuġjati ta' Leibnitz qrib Graz, fl-Awstrija.

Ironija kbira kienet li l-armata Taljana qatt ma rnexxielha tavvanza sal-peniżola ta' Istria. Serje ta' battalji ġew miġġielda bejn l-armata Awstro-Ungeriża u dik Taljana f'dik li llum hi l-parti tal-punent tas-Slovenja (il-front ta' Isonzo). Il-quċċata ntlaħqet bir-rebħa ewlenija Awstro-Ungeriża fil-Battalja ta' Caporetto (bis-Sloven Kobarid) f'Novembru 1917 u l-irtirata tal-armata Taljana wara dan.

Madankollu, il-kaos assoċjat mal-aħħar xhur tal-gwerra, flimkien mat-telfa tal-Awstrija-Ungerija u l-alleati tagħha, kienu jfissru li l-evkwati ta' Istria kellhom jistennew sakemm jiġu ripatrijati. Ħafna ma reġgħux lura sa kmieni fl-1919, u sa dak iż-żmien it-Taljani kienu ħadu vantaġġ tat-telfa ġenerali tal-Qawwiet Ċentrali biex ħadu Istria. Dawn kienu l-inżul u tlajja' li spiss wieħed seta' jassoċja mal-gwerra.



MINISTERIO DE ESTADO

Sección de Política

I.C-5

.191

Expediente

Convenio hecho con General en Jefe para traslado a Isla y España

MINISTERIO DE ESTADO
Archivo-Biblioteca
Leg. 3165
Núm. 6

A. H. N.
EXTERIORES

Terminado el de de 191

# Ir-rilokazzjoni ta' sudditi Ġermaniżi tal-Kamerun fi Spanja

Għal ħafna nies, l-Ewwel Gwerra Dinjija ġġibilhom quddiem għajnejhom ġlied moħli fit-trunċieri, fl-għelieqi tal-Fjandri u Franza, il-Front tal-Lvant, jew il-peniżola ta' Gallipoli. Imma l-Afrika ekwatorjali wkoll kienet teatru ta' operazzjonijiet tul il-kunflitt.

Il-Ġermanja ġġieldet qatigħ (u b'riżorsi limitati ħafna) biex tiddefendi l-kolonji Afrikani tagħna matul il-Gwerra. Dan deher l-aktar fl-Afrika tal-Lvant fejn il-Ġeneral Paul von Lettow-Vorbeck irnexxielu jrekken u jżomm lill-Alleati għat-tul kollu tal-gwerra. Band'oħra, l-affarijiet ma marrux hekk tajjeb. Il-Brittaniċi u l-Franċiżi ħadu lil Togoland (Togo) u l-Kosta Dehbija (Ghana) fl-1914, u l-Afrika tal-Lbiċ Ġermaniża (in-Namibja) fl-1915. L-Alleati sabu iktar oppożizzjoni ħarxa fil-Kamerun imma eventwalment żguraw ir-rebħa fi Frar 1916.

Dan id-dokument jiddeskrivi s-sitwazzjoni tal-Ġermaniżi tal-Kamerun u s-sudditi nativi tagħhom f'dan iż-żmien. Hija l-qoxra ta' ftehim li sar mal-'Kap Ġeneral' tal-qawwiet Alleati fil-Kamerun b'arranġament għall-internament ta' sudditi Ġermaniżi taħt protezzjoni Spanjola, u r-rilokazzjoni tagħhom lejn Spanja. Kmieni fi Frar 1916 fuq 45,000 minnhom qasmu l-fruntiera lejn il-Guinea Spanjola biex ifittxu kenn hemmhekk. Fosthom kien hemm madwar 1,000 Ġermaniż (staff kolonjali, suldati u ċivili). Il-gvernatur tal-Guinea Spanjola ordna r-ripatrijazzjoni ta' ħafna min-nativi imma ħalla lill-Ġermaniżi jibqgħu sakemm tinstab soluzzjoni permanenti. Il-ftehim li ntlaħaq mal-Alleati wassal biex l-ewwel il-Ġermaniżi jiġu meħuda lejn il-gżira ta' Fernando Pó (Bioko) u minn hemm jiġu ttrasferiti lejn Spanja.

Meta l-Ġermaniżi waslu f'Bioko huma sabu li s-servizzi tagħhom kienu meħtieġa ħafna. F'dak iż-żmien il-gżira kienet qed issofri minn nuqqas ta' ħaddiema, u allura kien faċli li wieħed isib xogħol. Fil-fatt, xi wħud mir-rifuġjati baqgħu fil-gżira għal għadd ta' snin. Dawk il-Ġermaniżi li vvjaġġaw lejn Spanja ngħataw merħba daqstant ieħor sabiħa. L-istampa faħħrithom, u l-Ispanjoli raw fihom nies edukati ħafna, li jżommu l-ordni u bieżla. Ħafna mill-Ġermaniżi qatgħuha li jibqgħu joqogħdu Spanja u saru magħrufa għan-natura intraprenditorjali tagħhom u l-ħerqa tagħhom biex jibdew u jmexxu negozji b'suċċess. Kull darba huma wrew li kienu iktar milli kapaċi japprofittaw bl-aħjar mod miċ-ċirkustanzi li sabu ruħhom fihom.

Ftehim mal-Kap Kmandant tal-Qawwiet Alleati fil-Kamerun dwar l-internmanet tas-sudditi Ġermaniżi li għażlu l-protezzjoni Spanjola u li jkunu rilokati fi Spanja, 27–1–1916 – 12–2–1916

fajl 1, 130 dokument, karta; 21,0 x 27,5 ċm u 16,5 x 22,5 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja– l-Arkivju Storiku Nazzjonali

Referenza: ES.28079.AHN/2.3.1.5.8.5//Mº_EXTERIORES_H, 3103, Exp.6


POLIZEIDIREKTION WIEN

Behörde, welche das Dokument ausstellt: / Autorité, qui délivre le certificat — den / le 7 Juli 1928.

Z. / No. 114

Identitätsschein

Certificat d'identité

gültig bis / valable jusqu' 10. Juli 192neun 1929

Der vorliegende Ausweis ist für die Rückkehr in das Land, in welchem er ausgestellt wurde, nicht gültig, wenn dies nicht auf dem vorliegenden Dokumente ausdrücklich vermerkt ist, und verliert seine Gültigkeit, sobald der Inhaber, wann immer, nach Rußland einreist.

La présent certificat n'est pas valable pour le retour dans le pays qui l'a délivré sans une mention spéciale inscrite sur le présent document. Il cessera d'être valable, si le porteur pénètre, à un moment quelconque, en Russie.

Familienname: / Nom de famille: Borodine

Vornamen: / Prénoms: Alexandra

Geburtsdatum: / Date de naissance: 12. 10. 1904

Geburtsort: / Lieu de naissance: Archangelsk

Familienname des Vaters: / Nom de famille du père:

Familienname der Mutter: / Nom de famille de la mère:

Russischer Abstammung, ohne irgendeine andere Staatsbürgerschaft erlangt zu haben.
D'origine russe, n'ayant acquis aucune autre nationalité.

Beruf: / Profession: Private

Früherer Wohnsitz in Rußland: / Ancien domicile en Russie: Archangelsk

Gegenwärtiger Wohnort: / Résidence actuelle:

Personsbeschreibung: / Signalement

Alter: / Âge: 23 Jahre

Haare: / Cheveux: braun

Augen: / Yeux: braun

Gesicht: / Visage: oval

Nase: / Nez: normal

Besondere Kennzeichen: / Signes particuliers: keine

Unterschrift des Inhabers: / Signature du titulaire: Alexandra Borodine

Bemerkungen: / Observations:

Der Gefertigte bestätigt, daß die beigefügte Photographie sowie die Unterschrift jene des Inhabers des vorliegenden Dokumentes sind.
Le soussigné certifie que la photographie et la signature apposées ci-contre sont bien celles du porteur du présent document.

Unterschrift der Behörde: / Signature de l'autorité:

SOCIETE DES NATIONS — 1928 — 5 FR OR — RESOLUTION DE GENEVE — BIT

Dieses Dokument ist ausgestellt im Sinne des Beschlusses der zwischenstaatlichen Konferenz in Genf, welche vom Hochkommissär für russische Flüchtlinge Dr. Nansen für den 3. bis 5. Juli 1922 einberufen wurde.
Ce certificat est délivré conformément aux résolutions de la Conférence gouvernementale convoquée par le Dr. Nansen, Haut-Commissaire pour les Réfugiés Russes, à Genève, le 3–5 juillet 1922.

Il-Passport Nansen, 7–7–1928, Vjenna

paġna 1, formola mimlija bl-idejn, karta; 22 x 35 ċm b'ritratt iswed u abjad

L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja

Referenza: RA/S1561/Dm/Russian refugees 1929 – 1935

# Widen għall-Karba tar-Rifuġjati: il-Passaport Nansen



Fridtjof Nansen hu magħruf l-aktar bħala wieħed mill-aktar esploraturi Norveġiżi qalbiena. Fl-1888 il-qsim tiegħu lejn Greenland ġie ċċelebrat bil-kbir, kif ukoll l-espedizzjonijiet tiegħu fil-Baħar Artiku fis-snin 1890. Bix-xieraq, il-bastiment tiegħu, *Fram*, illum jinsab fil-qalba ta' wieħed mill-aktar mużewijiet popolari ta' Oslo.

Inqas imfakkra llum il-ġurnata hi l-ħidma umanitarja tiegħu tul is-snin 1920. L-interess qawwi tiegħu fi kwistjonijiet ta' din ix-xorta ħareġ fuq ix-xena internazzjonali fl-1920, meta mexxa d-delegazzjoni Norveġiża fl-ewwel assemblea tal-Lega tan-Nazzjonijiet. Il-Lega fdat f'idejn Nansen il-missjoni tar-ripatrijazzjoni ta' mijiet ta' eluf ta' suldati Ġermaniżi u Awstro-Ungeriżi li kienu għadhom miżmuma priġunieri tal-gwerra fir-Russja. Dan għamlu b'suċċess kbir. Imbagħad, fl-1921, Nansen ġie maħtur kummissarju għoli biex jikkordina l-għajnuna lil ħafna miljuni ta' nies milquta mill-ġuħ fir-Russja ta' wara r-rivoluzzjoni.

Problema kbira li rriżultat mir-Rivoluzzjoni Russa u l-Gwerra Ċivili li segwiet kienet dik tar-rifuġjati. Mar-rebħa tal-Armata l-Ħamra, ħafna Russi għażlu li jmorru fl-eżilju iktar milli joqogħdu taħt ir-reġim il-ġdid. L-istat Sovjetiku wieġeb f'Diċembru 1921 billi ċaħħad lil dawn l-eżiljati miċ-ċittadinanza tagħhom, u hekk f'temp wieħed mat-800,000 persuna spiċċaw bla stat. Nansen ħassu dmir tiegħu jgħinhom.

Sa Lulju 1922, kien ħeġġeġ lil-Lega tan-Nazzjonijiet biex tinkoraġixxi stati membri joħorġu karta tal-identità għal eżiljati Russi, u hekk tejjeb bil-kbir l-opportunitajiet tagħhom li jivvjaġġaw u jibdew ħajja ġdida. Dawn id-dokumenti bir-raġun kollu saru magħrufa bħala l-'Passaporti ta' Nansen', imsemmija għal dan ir-raġel li kien ispira l-ħolqien tagħhom.

Fl-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja hemm mas-sittin eżempju ta' passaporti bħal dawn, indikazzjoni ta' kemm kienu ftit l-eżiljati Russi li għażlu li jmorru n-Norveġja. Madankollu, xorta jibqgħu tifkira affaxxinanti u emozzjonanti tal-perjodu traġiku fl-istorja umana. L-eżempju muri hawn kien ta' Alexandra Borodine, mara ta' 25 sena minn Archangel fil-majjistral imbiegħed tar-Russja. Il-passaport inħarġilha fi Vjenna fl-1928, u kien validu għal sena biss (ġeneralment, Passaporti ta' Nansen kellhom jiġġeddu kull sena). F'dan il-każ partikulari, l-Konsulat Ġenerali Awstrijakk f'Oslo għażel li ma jġeddidulhiex meta dan il-passaport skada fl-1929. Ma nafux x'ġara minn Borodine wara dakinhar.

L-esperjenza ta' Borodine m'għandha bl-ebda mod tneħħi mill-impatt pożittiv li l-passaporti kellhom fuq ħafna eluf ta' persuni. Fl-1938, l-Uffiċċju Internazzjonali ta' Nansen għar-Rifuġjati rebaħ il-Premju Nobel għall-Paċi b'rikonoxximent tal-isforzi tiegħu. Nansen innifsu rebaħ l-istess premju fl-1922. F'ġest tassew tipiku tiegħu, hu għażel li jagħti l-flus tal-premju biex jgħin itaffi mit-tbatija ta' min kien fil-bżonn u ta' min ma kellu xejn.

(Fuq) Ritratt ta' Fridtjof Nanse meħud minn Ludwik Szaciński
Mużew ta' Oslo



Oslo Politikammer
Fremmedregistret.

Navn: Frahm Herbert Ernst Karl

Stilling: student

Født: 18/12-13 Lübeck

Hjemsted:

Statsborgerforhold: tysk

Ankommet til Norge: 4/4-33 fra Tyskland

Hvor opholdt sig i Norge:

Meldebevis (opholdsbok) utstedt: av

Gift med:

Hjemmeværende barn under 21 år:

Norsk statsb. ?

Hvor bosatt (flytninger).

| Når | Hvor |
|---|---|
| | Hollender-gt. 2 III t. Bygdøy |
| 24.1.47 | Tyskland Berlin Zoo Norwegian Military Mission iflg. folkereg. |



Hovedregister nr. 514

NAVN Frahm, Herbert Ernst Karl, 18/12-13, Lübeck

PASS nr 199/40 fra Leg. St. holm gyldig til 1/8-42 forlenget

HØYDE 1.79 HÅRFARGE Mörk blond ØYENFARGE Brune ANSIKT Ovalt

19/6-46 adr. Berlin Zoo, Norwegian Military Mission, ... Tyskland.

HJEMSTEDSADRESSE Oslo

STILLING OG UTDANNELSE Journalist (Artium-studert historie)

REG. M. Ingen

KOM TIL SVERIGE 1/7-40 ØKONOMISK STILLING Set. oppholdet selv

ADR. I SVERIGE Finn Malmgrensvei 23-Hammarbyhöyden. ... Sthlm.

REIST

FAMILIEFORHOLD G.m.nr 4290 Carlota Anna. Datter nr 4291 Ninja Carlota.

Reġistru tal-Barranin. Ir-reġistrazzjoni ta' Herbert Frahm, 1933-1947

2 paġni, card tal-indiċi miktuba bl-idejn fuq il-karta; 12 x 20 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja – Arkivju Statali Reġjonali ta' Oslo

Referenza: SAO/A-10085/E/Ef/Efab/L0002

# Jaħrab min-Nażi: L-Eżilju ta' Willy Brandt fin-Norveġja



Willy Brandt rebaħ il-Premju Nobel għall-Paċi fl-1971 għall-isforzi tiegħu biex jirrikonċilja r-Repubblika Federali tal-Ġermanja (popolarment magħrufa bħala l-Ġermanja tal-Punent) mal-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant fil-blokk Sovjetiku. Din kienet il-quċċata ta' karriera mill-aqwa fil-politika. Lejn l-aħħar tas-snin ħamsin u l-bidu tas-sittinijiet hu kien sar famuż ħafna fuq skala dinjija bħala s-sindku ta' Berlin tal-Punent, partikolarment wara l-bini tal-Ħajt ta' Berlin fl-1961. Mill-1964 hu kien il-mexxej tal-Partit Soċjali Demokratiku tal-Ġermanja (SPD), u fl-1969 sar Kanċillier tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, kariga li żamm tal-1974.

Sa ċertu punt, dawn is-suċċessi kollha aktarx nessew xi ftit l-ewwel snin xejn inqas importanti tiegħu bħala attivista politiku u għadu tar-reġim Nażista. Fis-snin bikrin tal-1930 kien għadu magħruf b'isem twelidu, Herbert Ernst Karl Frahm u sar membru tal-Partit Soċjalista tal-Ħaddiema tal-Ġermanja (SAPD). Ftit wara li Adolf Hitler tela' fil-poter f'Jannar 1933, iż-żagħżugħ Frahm kien in-Norveġja jfittex is-sapport tal-Partit Laburista Norveġiż fit-taqbida politika kontra l-Faxxiżmu. F'lejl wieħed kien sar rifuġjat politiku u pprova jagħmel l-aħjar li seta' mill-qagħda li sab ruħu fiha. Beda wkoll juża kullimkien il-psewdonimu li bih aktar tard kellu jsir famuż.

Tgħallem jikteb u jaqra n-Norveġiż f'temp ta' ftit ġimgħat, u għex mix-xogħol tiegħu ta' ġurnalist waqt li fl-istess ħin iddedika ħafna ħin għall-ħidma politika tiegħu. Ħa sehem f'għadd ta' konferenzi internazzjonali, u għal xi żmien ħadem bil-moħbi fil-Ġermanja. Ingħata ċ-ċittadinanza Norveġiża fis-sajf tal-1940, imma malajr kellu jaħrab lejn l-Iżvezja wara l-invażjoni Ġermaniża tal-pajjiż. Kien biss wara li l-Ġermanja ċediet f'Mejju 1945 li huwa mar lura fl-art addottiva tiegħu. Eventwalment irritorna l-Ġermanja bħala espert tal-istampa fil-missjoni militari Norveġiża f'Berlin. Imbagħad qatagħha li jibda dik li kellha ssir karriera illustri fil-politika.

Hawn għandna d-dokument ta' Brandt fir-Reġistru tal-Aljeni tad-Distrett tal-Pulizija ta' Oslo. Din infetħet mal-wasla tiegħu fin-Norveġja fl-1933. Fost ħwejjeġ oħra fiha hemm imniżżel li hu twieled fit-18 ta' Diċembru 1913 f'Lübeck, u li kien student. Ismu tat-twelid hu mniżżel, kif ukoll l-indirizz li fih għex flimkien ma' bosta membri oħra tal-SAPD. Isfel nett hemm żieda li saret 'il quddiem b'mistoqsija jekk hux ċittadin Norveġiż. Kitba oħra 'l quddiem (fuq il-ġenb tal-lemin) tinnota r-ritorn tiegħu lejn il-Ġermanja ('Tyskland') fl-1947, u li l-indirizz tiegħu hu l-'Missjoni Militari Norveġiża' li hemm fiż-'Żoo ta' Berlin'. Dan l-indirizz hu mogħti bl-Ingliż għax kien fis-settur ta' Berlin i kkontrollat mill-Ingliżi.

(Fuq) Ritratt ta' Willy Brandt
L-Arkivji u l-Librerija tal-Moviment Tal-Ħaddiema Norveġiż


56

NOTA DE CULPA

---------------------

Francisco de Paula Brito Júnior, Conselheiro de Legação e Chefe da Repartição das Questões Económicas do Ministério dos Negócios Estrangeiros, deduz, na qualidade de Instructor do processo disciplinar mandado instaurar por Sua Excelência o Senhor Ministro dos Negócios Estrangeiros contra o Dr. Aristides de Sousa Mendes do Amaral e Abranches, Consul de 1ª classe actualmente na situação de disponibilidade por conveniencia de serviço, os seguintes artigos de acusação:

1º

Em 27 de Novembro e 6 de Dezembro de 1939, solicitou o arguido ao Ministério dos Negócios Estrangeiros autorisação para visar o passaporte do súbdito austríaco Dr. Arnaldo Wiznitzer e respectiva familia. A Polícia de Vigilância, consultada pelo Ministério dos Estrangeiros sôbre o pedido de que se trate, averiguou que os referidos súbditos austríacos se encontravam já em Portugal, tendo o seu passaporte sido visado pelo arguido em 2 de Novembro do citado ano, isto é, seis dias antes de dirigir a sua primeira consulta a êste Ministério. Este facto determinou o despacho a fls. 73 dos Autos, no qual lhe era estranhado o seu proceder.

2º

Em 2 de Fevereiro de 1940, o arguido solicitou autorisação ao Ministério dos Estrangeiros para visar o passaporte do cidadão espanhol Eduardo Neira Laporte, a qual lhe foi negada por despacho de 11 de Março a fls. 72 dos Autos. Todavia, no dia 12 de Março o Snr. Laporte chegava a Lisboa no vapor francês "Aurigny" com uma carta de chamada do Govêrno Boliviano visada pelo arguido em 1 de Março do referido ano. Este procedimento deu lugar à advertência constante do despacho a fls. 71 dos Autos.

3º

Em oficio de 7 de Junho, a Polícia de Vigilância e Defeza do Estado comunicou a êste Ministério que três polacos se encontravam retidos em Vilar Formoso munidos de passaportes visados pelo arguido em 29 de Maio, visto esse que constitui derogação às prescrições constantes do Despacho circular nº14, de 11 de Novembro de 1939, a fls.75 a 77 dos Autos.

4º

A Embaixada de Sua Majestade Britânica em Lisboa participou ao Ministério dos Negócios Estrangeiros em 20 de Junho do corrente ano, por Memorandum constante de fls. 58 dos Autos, que o arguido protelava para além das horas de expediente a

# Il-Konslu Ġenerali Umanitarju: Każ kontra Aristides de Souza Mendes

Hekk kif Aristides de Souza Mendes kien fuq is-sodda tal-mewt fit-3 ta' April 1954, ma kontx tlumu jekk jaħseb li d-dinja kienet abbandunatu għalkollox. Kien ġie mkeċċi mis-servizz konsulari Portugiż fl-1941, u minn dakinhar għex ħajtu fil-għaks. Kien jidher tmiem kiefer u morr għal wieħed li darba kien għamel daqshekk biex jgħin lill-oħrajn permezz ta' xogħolu.

Il-karriera bikrija ta' Souza Mendes kienet waħda pjuttost normali għal wieħed fil-professjoni tiegħu. Iggrawda mill-Università ta' Coimbra fl-1908, u daħal fis-servizzi konsulari ftit wara. Serva f'bosta pajjiżi tul it-tletin sena ta' wara, fosthom Zanzibar, il-Brażil, l-Istati Uniti tal-Amerika, Spanja u l-Belġju. Malli faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija fl-Ewropea fl-1939, hu kien Konslu Ġenerali f'Bordeaux, fil-lbiċ ta' Franza.

Sa dan iż-żmien il-Portugiżi kienu taħt id-dittatorjat ta' Antonio de Oliveira Salazar, il-fundatur tal-*Estado Novo* (it-Tieni Repubblika). Salazar u l-gvern tiegħu mhux biss riedu jżommu intatta n-newtralità tal-Portugall matul il-gwerra, imma fittxew ukoll kif jillimitaw l-ammont ta' rifuġjati li jidħlu fil-pajjiż. F'Novembru 1939 il-gvern ħareġ ċirkulari lill-konsli kollha b'lista tal-kategoriji ta' rifuġjati tal-gwerra li kienu meqjusa inkonvenjenti jew perikolużi għall-istat. Il-konsli tħallew joħorġu visas imma bil-kundizzjoni li ċerti każi speċifiċi kellhom jiġu riferuti lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin f'Lisbona biex jiddeċiedi fuqhom hu. Fuq quddiem dawn kienu jinkludu persuni bla stat, ċittadini Russi, dawk li kellhom passaport ta' Nansen, u Lhud imkeċċija minn pajjiżhom.

Dawn id-direttivi ma kinux jaqblu mal-viżjoni li kellu Souza Mendes ta' x'inhu tajjeb li jsir. Hu kien jaf x'kienet it-talba tar-rifuġjati li jgħaddu minn Bordeaux u ddeċieda li joħroġ visas kif jidhirlu hu. Din il-ħaġa setgħet tibqa' għaddejja sakemm ġibdet l-attenzjoni tal-awtoritajiet f'Liżbona. Għalhekk, Souza Mendes ġie mneħħi minn postu u ttieħdu miżuri ta' dixxiplina kontrih.

Id-dokument ta' hawn jagħti dettalji ta' xi akkużi li nġabu kontra Souza Mendes meta instema' l-każ dixxiplinari tiegħu f'Lulju 1940. Jagħtu numru ta' każi speċifiċi pproċessati minn Souza Mendes lejn tmiem l-1939 u l-bidu tal-1940. Madankollu, dan lanqas jibda mal-għadd ta' rifuġjati li hu għen f'dan iż-żmien. Għalkemm mhux lakemm naslu għal numru preċiż, hemm qbil li Souza Mendes ħareġ viża għal għexieren ta' eluf ta' rifuġjati matul l-ewwel ftit xhur tal-gwerra. Flok ma huma prova tal-ħtija ta' Souza Mendes, dawn id-dokumenti jibqgħu testment tal-kuraġġ u tal-umanità ġeneruża tiegħu.

Aristides de Sousa Mendes do Amaral e Abranches – Ħruġ ta' viża u passaporti lil numru mhux magħruf ta' refuġjati biex jaħarbu mill-Ġermanja Nażista, 1939-1953

paġna 1, typewriter, karta; 32,5 x 22,5 ċm

Torre do Tombo –L-Arkivji Nazzjonali tal-Portugall

Referenza: PT/TT/PIDE/D-A/1/6358




| Sorszám | Név | Születési hely és év | Vallás | Anyja neve | Családi állapota | Vele menekült: felesége neve | Vele menekült: 14 éven aluli gyermekeinek száma | Foglalkozása | Honnan és mikor menekült | Jelenlegi tartózkodási helye | Jegyzet |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

Ċensiment tar-refuġjati Rumeni fil-kamp ta' Nagyléta (illum: parti minn Létavértes), 1940-1941

volum 1, formola mimlija bl-idejn, karta; 41,5 x 32 ċm

L-Arkivju tal-Kontea ta' Hajdú-Bihar fl- Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

Referenza: HU-MNL-HBML – V. – 653. – c – 8/k.

# Ċensiment tar-rifuġjati Ungeriżi etniċi fil-kamp ta' Nagyléta

Huwa bir-raġun li r-Rumeni ħassewhom xortihom ħażina fl-ewwel sena tat-Tieni Gwerra Dinjija. Ir-Rumanija kienet appoġġjat lill-Ġermanja fis-snin 1930 imma ma bbenefikatx mis-suċċessi militari tal-qawwiet tal-Assi fl-1939 u l-1940; anzi, bil-maqlub. F'Ġunju 1940, il-Ġermaniżi poġġew pressjoni fuq il-gvern Rumen biex iċedi l-Bessarabia u t-tramuntana ta' Bukovina lill-Unjoni Sovjetika. F'dan l-istadju Hitler kien għadu mhux lest jikser il-patt tiegħu ta' non-aggressjoni mar-Russi, u allura kien lest joqgħod għat-talbiet ta' Stalin dwar il-provinċji Rumeni.

Wara dan f'Awwissu ġiet telfa kbira oħra ta' territorju ieħor Rumen. Bħala parti minn arranġament maħdum mill-Ġermaniżi, l-Ungerija rebħet it-tramuntana tat-Transilvanja mingħand ir-Rumanija. L-Ungerija kienet tilfet it-Transilvanja fil-proċess ta' paċi wara l-Ewwel Gwerra Dinjija, u kienet qed thedded b'azzjoni militari biex terġa' tirbaħha. Min-naħa tagħhom il-Ġermaniżi riedu jipproteġu l-aċċess ipprivileġġjat tagħhom għal żoni taż-żejt u għalhekk riedu jillimitaw il-livell ta' aġitazzjoni fir-reġjun. Għal darb'oħra l-interessi Rumeni ġew issagrifikati.

Imma l-aġitazzjoni kienet qalb l-Ungeriżi etniċi u r-Rumen etniċi li tħallew fuq in-naħa l-ħażina tal-fruntiera, wara l-arranġamenti l-ġodda. Iż-żewġ gruppi bir-raġuni kollu kienu qed jibżgħu jaraw tikber il-qasma bejn ir-Rumanija u l-Ungerija. Tabilħaqq, meta l-armata Ungeriża daħlet fit-tramuntana tat-Transilvanja f'Settembru 1940, dritt inħoloq l-inkwiet u kien hemm l-imwiet fuq iż-żewġ naħat. Fost l-oħrajn kien hemm qtil ta' ċivili Rumeni u Lhud.

Dan id-dokument hu parti minn ċensiment ta' rifuġjati etniċi Ungeriżi mir-Rumanija li kienu ntbagħtu f'kamp temporanju f'Nagyléta, fuq in-naħa Ungeriża tal-fruntiera l-ġdida. Iċ-ċensiment hu mifrux fuq volum sħiħ, u fih dokumentazzjoni dwar 189 persuna. Ħafna minnhom kienu ġuvintur li ħassew li kellhom jitilqu biex jevitaw li jgħajtulhom fl-armata Rumena. Insibu dettalji ta' ismijiet, etajiet, reliġjon, stat taż-żwieġ, impjieg u l-bqija. Ta' min jinnota l-preżenza ta' ħafna ħaddiema taċ-ċikkulata. Jidher ukoll li huma kienu qed jgħixu ħajja tranżitorja. Xi wħud baqgħu hemm biss għal ġimgħa jew tnejn, u ġeneralment il-ħin kollu kienu ġejjin u sejrin nies ġodda. L-instabbiltà assoċjata mal-ħajja ta' rifuġjat żgur li kienet preżenti hawn, l-istess kif kienet f'postijiet oħra u f'epoki oħra qabel.



Ritratt ta' grupp ta; Lhud Ewropej waqt it-talb ta' fil-għodu (Shajarit) abbord il-vapur Portugoż *São Thomé*, fi triqthom lejn il-Messiku biex jaħarbu l-Olokawst, 3–1942 – 4–1942

ritratt iswed u abjad 1; 21,0 x 29,7 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja– Ċentru għad-Dokumentazzjoni tal-Memorja Storika

Referenza: ES.37274.CDMH/10.69.3//FOTOGRAFÍAS_EMIL_VEDIN,68

# Lhud Ewropej fi triqithom lejn il-Messiku fuq il-vapur *São Thomé*

Fir-Rebbiegħa tal-1942, il-vapur merkantili tal-istim *São Thomé* għamel vjaġġ importanti minn Liżbona sal-port ta' Veracruz fil-Messiku, fejn wasal grupp ta' rifuġjati Lhud li kienu qed jaħarbu mill-Olokawst Nażista. Fir-ritratt nistgħu naraw numru minnhom waqt it-talb tagħhom ta' filgħodu (Shacharit). Min jaf kemm ħassewhom xortihom tajba li setgħu jħallu l-Ewropa f'dak iż-żmien, l-aktar meta tqis li f'Novembru 1941 l-istat Ġermaniż kien ipprojbixxa l-emigrazzjoni ta' Lhud mit-territorji taħt il-kontroll tiegħu. Iktar minn hekk, f'Jannar 1942, in-Nażisti kien waslu għas-'soluzzjoni finali', il-pjan għall-eliminazzjoni sħiħa tal-Lhud kollha tal-Ewropa.

Il-Lhud ta' *São Thomé* kienu xortihom tajba li l-gvern Messikan kien lest iħallihom jinżlu Veracruz. Bħala ħafna pajjiżi Latin-Amerikani tul il-perjodu 1933-1945, il-Messiku ma kienx ħerqan li jilqa' rifuġjati Lhud. Din l-attitudni kien dovuta l-iktar għall-klima ekonomika ta' dak iż-żmien. Id-Dipressjoni l-Kbira tas-snin 1930 kellha impatt qawwi fuq il-ħajja ta' kuljum ta' kulħadd, u ħafna nies bdew jibżgħu li iktar imigrazzjoni kienet sa ġġib iżjed kompetizzjoni għal impjiegi. L-anti-Semitiżmu skjett ukoll lagħab il-parti tiegħu, kif ukoll il-preżenza ta' ħafna eks patrijotti Ġermaniżi fl-Amerika Ċentrali u ta' Isfel.

Dan ma kienx fenomenu tal-Amerika Latina biss. Il-qawwiet il-kbar bħall-Istati Uniti tal-Amerika u l-Gran Brittanja ma tantx xtaqu jilqgħu rifuġjati Lhud aktar mil-livelli stabbiliti fil-kwoti. Din is-sitwazzjoni ħarġet ħafna f'konferenza internazzjonali miżmuma f'Evian, Franza f'Lulju 1938. Mill-25 pajjiż li attendew, ir-Repubblika Dominikana biss tat kelma li tieħu aktar rifuġjati. Iktar tard dik is-sena, il-Gran Brittanja llaxkat xi ftit ir-regoli tagħha biex tilqa' aktar tfal Lhud li kienu f'riskju, imma dan kien biss f'rispons għal pressjoni kbira minn aġenziji li jgħinu u mill-pubbliku b'mod ġenerali.

Kollox ma' kollox, l-inizjattiva ta' individwi u aġenziji kienet essenzjali biex kienu salvati l-Lhud fis-snin tat-tirannija Nażista. L-isforzi ta' nies bħal Raoul Wallenberg fl-Ungerija u Oskar Schindler fil-Polonja okkupata mill-Ġermanja huma partikolarment magħrufa llum minħabba fl-attenzjoni tal-midja li ġibdu lejhom tul is-snin. Imma dawn kienu biss żewġ persuni qalb ħafna. L-azzjonijiet ta' Aristides de Souza Mendes u Ángel Sanz Briz, ngħidu aħna, huma rrakkuntati band'oħra f'din il-wirja. Il-Lhud tas-*São Thomé* bbenefikaw mill-intervent ta' benefattur individwali. Il-maġġoranza tagħhom kisbu passaporti u viżas mingħand Gilberto Bosques Saldivar, il-konslu Messikan fil-belt Franċiża ta' Marsilja. In-numri salvati minn nies bħal dawn jistgħu jidhru żgħar meta tqis is-sitt miljun Lhudi maqtula min-Nażi fit-Tieni Gwerra Dinjija. Imma kif jgħallem it-test Lhudi tat-Talmud, 'min isalva ħajja waħda, isalva d-dinja kollha'.




Ħrib mill-Estonja bejn l-1940 u l-1944, 1940-1944

1 paġna, mappa mġpenġija bl-idejn fuq il-karta; 18,5 x 16,7 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tal-Estonja

Referenza: RA, ERA.1050.1.50, page 2

# L-Agunija tal-Estonja – Eżodu bejn l-1940 u l-1944

Mapep storiċi spiss jagħtu tagħrif importanti b'mod ċar u effettiv. Fid-dokument ta' hawn, jintużaw vleġeġ ħoxnin suwed għal żewġ skopijiet: l-ewwel, biex juru żewġ rotot: dik li ħafna Estonjani ħadu biex jaħarbu minn pajjiżhom fit-Tieni Gwerra Dinjija u t-tieni, ir-rotta li ntużat biex Estonjani oħra jittieħdu lejn ir-Russja. Jingħtaw ukoll figuri approssimattivi bl-ammont ta' nies li ħadu r-rotot. Il-mappa hi parti minn arkivju privat miġbur mill-ekonomista (u refuġjat) Arvo Horm (1923-1996), u mogħtija lill-Arkivju Nazzjonali tal-Estonja bosta snin wara mewtu.

Dak li l-mappa ma tagħtix hu s-serje ta' ġrajjiet politiċi u militari li wasslu għal eżodu hekk kbir ta' nies. Meta l-Ġermanja u l-Unjoni Sovejtika qablu fuq patt ta' non-aggressjoni f'Awwissu 1939, l-Estonja u pajjiżi oħra Baltiċi iktar ġew esposti għall-kilba tar-Russja għall-art. Fis-sajf tal-1940, is-Sovjetiċi okkupaw l-istati Baltiċi u għamluhom parti mill-USSR. Xi 60,000 Estonjan ġew deportati lejn ir-Russja fl-ewwel sena tal-okkupazzjoni, figura li l-mappa tirreferi għaliha. Ħafna minn dak in-numru kienu ddestinati għall-mewt fil-kampijiet ħabs tas-Siberja.

Meta l-Ġermanja invadiet l-Unjoni Sovjetika f'Ġunju 1941, ħafna Estonjani sabu ruħhom meħlusa mill-madmad tal-oppressjoni. Dan, ovvjament, ma kienx il-każ tal-Lhud li kien baqa' fil-pajjiż. Il-maġġoranza tal-Lhud tal-Estonja rnexxielhom jaħarbu l-avvanz tal-Ġermanja billi ħarbu lejn il-lvant. Imma, ħafna mill-1,000 li baqgħu hemm spiċċaw maqtula mill-iskwadri tal-mewt Nażisti.

L-agunija tal-Estonja ma ntemmitx hawn. Wara t-telfiet militari Ġermaniżi fuq il-Front tal-Lvant fl-1943 u l-1944, ir-Russi avvanzaw mill-ġdid fl-Estonja. Xi 75,000 ruħ għażlu li jaħarbu lejn il-punent, il-parti l-kbira bil-baħar, fi triqthom jew lejn il-Ġermanja jew lejn l-Iżvezja. Xi wħud marru l-Fillandja l-ewwel u mbagħad qabdu vapur lejn l-Iżvezja. Xi wħud għamlu l-vjaġġ lejn il-Ġermanja bl-art. Xi 6-9% minn dawk li ħarbu mietu fit-triq.

Ħafna minn dawk li għamluha sal-Ġermanja sabu ruħhom f'kampijiet ta' wara l-gwerra għal nies bla dar, immexxija mill-Amministrazzjoni tal-Ġnus Magħquda għall-Għajnuna u r-Riabilitazzjoni (UNRRA). Hawn baqgħu fil-periklu li jiġu rimpatrijati fl-Estonja. Il-mexxejja Alleati kienu qatgħuha li l-pajjiżi Baltiċi kellhom jibqgħu parti mill-Unjoni Sovjetika, li ħalliet lill-istaff tal-UNRRA fil-pożizzjoni xejn sabiħa li jkollu jimponi r-rimpatrijazzjoni fejn meħtieġ. Fil-verità, il-parti l-kbira tal-Estonjani nqdew b'bosta mezzi biex jiskappaw dan id-destin.

Ħafna minn dawk li ġew rimpatrijati kellhom futur inċert quddiemhom, kif kellhom dawk li kienu baqgħu dejjem fil-pajjiż. Xi 80,000 Estonjan ġew deportati lejn ir-Russja fis-snin 1945-1953. L-Estonjani kellhom jistennew il-waqgħa tal-Unjoni Sovjetika fl-1991 qabel setgħu jduqu l-ħelsien mill-ġdid.



I5 · E 21

LEGACIÓN DE ESPAÑA
BUDAPEST

Budapest, 26 de agosto 1944 147

No. 160
Europa

B-1.

R/ informe s/. trato a los judios en los campos de concentración alemanes.

-9 SET 1944
SECCIÓN
ENTRADA

Excmo Señor.

Muy Señor mio: Adjunto elevo a manos de V. E. un informe sobre el trato a que se condena a los judios en los campos de concentración alemanes.

Dicho informe me ha sido entregado por elementos de la junta directiva de la organización sionista de esta capital. Su origen, pues, le hace sospechoso de apasionamiento. Sin embargode los informes que he podido obtener de personas no directamente interesadas en la cuestión y de mis colegas al Cuerpo diplomático aqui acreditado, resulta que una gran parte de los hechos que en él se describen, son desgraciadamente, auténticos.

Lo comunico a V. E. para su debida información.

Dios guarde a V. E. muchos años.

El Encargado de Negocios

Angel Sanz Briz

--------

ARCHIVO DE EUROPA
ENTRADA
15 SEP. 1944
N.° 5159

Excmo Señor Ministro de Asuntos Exteriores

Il-Protokolli ta' Auschwitz. Rapporti dwar il-qagħda tal-priġunieri u d-deportati Ungeriżi fil-kampijiet ta' konċentrament Ġermaniżi, 26–8–1944, Budapest

Ktieb b'454 faċċata, rapport ta' 33 paġna, karta; 29,6 x 20,9 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja– Arkivju Ġenerali tal-Amministrazzjoni

Referenza: ES.28005.AGA/2.5.1.1.1.2.8.2.1//AGA,82,05247,005

# Xhieda tal-Olokawst: Il-'Protokolli' ta' Auschwitz

Ángel Sanz Briz kellu ħafna xi jtaqqallu moħħu fis-sajf tal-1944. Bħala l-ogħla rappreżentant tal-Gvern Spanjol fil-kapitali Ungeriża ta' Budapest, kien ilu għal xi żmien konxju li l-Lhud Ungeriżi kienu jinsabu f'pożizzjoni dejjem aktar perikoluża.

Sal-1944, il-popolazzjoni Lhudija tal-Ungerija kien irnexxielha taħrab l-qtil tal-massa li kienu qed iwettqu l-qawwiet Nażisti. L-Ungerija kienet alleata tal-Ġermanja fil-gwerra sa minn Novembru 1940 imma kienet ħaddnet politika indipendenti (xorta waħda diskrimintorja) fejn jidħlu l-Lhud. Tabilħaqq, taħt it-tmexxija tal-Prim Ministru Miklós Kállay (Marzu 1942-Marzu 1944) l-Ungerija pprovdiet xi forma ta' protezzjoni lil-Lhud fi żmien meta t-Tielet Reich kien beda jimplimenta s-'Soluzzjoni Finali għall-Kwistjoni Lhudija'. Madankollu, dan kollu nbidel fid-19 ta' Marzu 1944 meta l-Ġermaniżi invadew l-Ungerija biex ma jagħtux ċans lil Kállay ifittex paċi separata mal-Alleati tal-Punent. Dritt segwiet id-deportazzjoni tal-massa tal-Lhud Ungeriżi, u sa kmieni f'Lulju tal-inqas 450,000 kienu ġew ittrasportati għall-kumpless tal-esterminazzjoni f'Auschwitz.

Huwa u għaddej dan, Sanz Briz sar jaf b'xhieda okulari tal-biża' li kienet bdiet tiċċirkola fost il-komunità diplomatika f'Budapest. Din waslet f'għamla ta' rapporti minn persuni li kienu ħarbu minn Auschwitz u li riedu juru lid-dinja kollha l-orruri kienu qed isiru hemm. Sa kmieni f'Ġunju, dettalji minn dawn ir-rapporti kienu dehru fl-istampa Amerikana, u f'Lulju r-reġġent Ungeriż, Miklós Horthy, wara pressjoni politika kbira mill-Alleati, ordna li ma jibqgħux isiru deportazzjonijiet.

Hawn għandna ittra li Ángel Sanz Briz bagħat lill-Ministru tal-Affarijiet Barranin Spanjol, José Felix Lequerica fis-26 ta' Awwissu 1944. Hu qed jgħid li hemeż wieħed mir-rapporti dwar Auschwitz, u jżid li 'donnu parti kbira mill-fatti deskritti fih huma, b'xorti ħażina, vera'. Sa dan iż-żmien żgur li kienu ġew aċċettati bħala vera mill-gvernijiet tan-nazzjonijiet Alleati. F'Novembru, il-Bord tar-Rifuġjati tal-Gwerra tal-Istati Uniti ppubblikahom sħaħ, u tressqu bħala evidenza tul il-Ġuri ta' Nuremberg. Maż-żmien ir-rapporti kisbu t-titlu b'xi mod żbaljat ta' 'Protokolli' ta' Auschwitz.

Fil-verità, l-ordni ta' Horthy f'Lulju 1944 waqqfet biss il-proċess ta' deportazzjoni fl-Ungerija għal ftit żmien biss. F'nofs Ottubru l-Ġermaniżi ġiegħlu lil Horthy jabdika u floku poġġew gvern estremist lemini. Sa dan iż-żmien Sanz Briz, fuq inizjattiva personali, kien qiegħed jipprova jsalva kemm jista' Lhud tal-Ungerija. Fi tmiem Awwissu hu għen biex 500 tifel u tifla Lhud jingħataw viżas biex imorru f'Tangier, fl-Afrika ta' Fuq, li kienet ikkontrollata minn Spanja; f'Diċembru żgura karti ta' protezzjoni minn Spanja għal 2,295 Lhudi tal-Ungerija ta' kull età, li 45 biss minnhom kienu Sephardim (dawk li kienu jafu l-oriġni tal-familja tagħhom lill-komunità Medjevali Lhudija fi Spanja). Fl-1989 il-gvern Iżraeljan onora lil Ángel Sanz Briz (wara mewtu) bħala wieħed mill-'Ġusti Fost il-Ġnus'.




Il-kotba ta' kontroll ta' Norveġiżi evakwati,1944-1951

Ktejjeb, 20 paġna, kitba bl-idejn, formoli stampati fuq il-karta; 10 x 14,5 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja

Referenza: RA/S-1677/H/L0079

# Ħarba mit-Tramuntana: Il-kotba ta' kontroll ta' Norveġiżi evakwati

Meta l-qawwiet Nażisti invadew u okkupaw in-Norveġja fir-Rebbiegħa tal-1940 huma ġew ippreżentati b'għadd ta' opportunitajiet strateġiċi. F'salt wieħed, il-qawwiet navali tagħhom kellhom aċċess aħjar għall-Baħar tat-Tramuntana u l-Oċean Atlantiku, waqt li l-iskwadri tal-bombers tagħhom ibbażati fin-Norveġja issa kienu qrib sew tal-miri tagħhom fil-parti ta' fuq tal-Gran Brittanja. Fuq dan kollox, kienu żguraw aċċess vitali għall-ħadid mit-tramuntana tal-Iżvezja, u żiedu fiċ-ċans tagħhom li jiżviluppaw armi nukleari bl-użu tal-pjanti ta' produzzjoni tal-ilma fin-Norveġja.

Imma kellhom ukoll iħabbtu wiċċhom ma' żvantaġġi strateġiċi. Il-kosta twila tan-Norveġja u l-popolazzjoni mifruxa ħafna mal-pajjiż kienu jħallu lill-Alleati għażla tajba ta' fejn jattakkaw bil-commandos tagħhom. Barra minn hekk, meta l-Unjoni Sovjetika daħlet fil-gwerra f'Ġunju 1941 il-Ġermanja kellha bilfors tiddefendi il-fruntiera tat-tramuntana tan-Norveġja mar-Russja. Kien fuq dan il-front li tard fl-1944 iċ-ċivili Norveġiżi għal darb'oħra esperjenzaw it-terrur ta' ġlied qalil fuq l-art.

F'Settembru 1944, il-Fillandja alleata tal-Ġermanja, iffirmat armistizju mal-Unjoni Sovjetika u hekk dgħajfet bil-kbir il-pożizzjoni tal-qawwiet Assi fit-Tramuntana. Meta fis-7 ta' Ottubru bdiet l-offensiva Sovjetika, il-Ġermaniżi kienu diġà ddeċidew li jirtiraw il-qawwiet tagħhom mill-partijiet ta' fuq tal-Fillandja u minn Norveġja. Ir-Russi malajr ħadu lil Petsamo qabel imxew mal-fruntiera biex jieħdu Kirkenes fil-provinċja ta' Finnmark.

Il-Ġermaniżi addottaw politika li jeqirdu l-art kollha huma u jirtiraw, għax ma riedu jħallu xejn ta' valur lill-qawwiet Sovjetiċi. Ikkawżaw ħsarat kbar lill-infrastruttura ta' Finnmark u ta' Troms, u ħarqu l-parti kbira tal-bliet u l-irħula l-kbar tar-reġjun. Fuq kollox, evakwaw xi 50,000 ruħ kontra r-rieda tagħhom u bagħtuhom fit-Troms tan-Nofsinhar, Nordland, u f'partijiet oħra tal-pajjiż. Xi 20,000 individwu rnexxielhom jevitaw ir-rilokazzjoni billi staħbew f'postijiet muntanjużi jew fil-mini.

Biex jiffaċilitaw l-evakwazzjoni, l-awtoritajiet Ġermaniżi ħarġu ktieb tal-kontroll għal kull persuna. Dawn il-kotba kellhom funzjoni simili għal dik ta' passaport, u dettalji personali u marki tas-subgħajn, kif ukoll taqsimiet fejn tiddaħħal informazzjoni dwar mnejn kienu vvjaġġaw il-persuni, fejn kienu għexu, u x'kienu rċivew bħala għajnuniet. Meta l-gwerra fl-Ewropa ntemmet f'Mejju 1945, is-sistema baqgħet taħdem u kienet amministrata mid-Direttorat tar-Rifuġjati Norveġiżi u l-Priġunieri Barranin. Id-Direttorat estenda wkoll il-ħidma tiegħu biex inkluda suldati Ġermaniżi kif ukoll ċittadini barranin li kienu nżammu bħala priġunieri matul l-okkupazzjoni.

Fir-ritratt naraw għażla żgħira mill-kotba ta' kontroll bħala parti mill-kollezzjonijiet tal-Arkivju Nazzjonali tan-Norveġja. Id-diversi noti u timbri uffiċjali jirrakkuntaw firxa ta' stejjer affaxxinanti ta' persuni.


SLOVENSKO VÁS VOLÁ


SLOVÁCI, SLOVENKY!
Československá presídľovacia komisia v Maďarsku volá Vás na slovenské verejné shromaždenie, ktoré sa koná
v Nyiregyháze
v nedeľu dňa 7. apríla 1946 o 11. hod. predpoludním
na námestí pred mestkým domom (Városháza).
Program:
Popoludní v budove szinházu bude divadelné predstavenie zo života Slovákov.
Začiatok o 2. hod. a o 6. hod. popoludní.
Dôverníci, vyzdvihnite si lístky v sobotu v kancelárii oblastnej úradovne. (v Korona-szálló.)
Vstup bezplatný.
Čsl. presídľovacia komisia


BRATIA SLOVÁCI!
CHCETE
sa navrátiť do svojej rodnej vlasti
NA SLOVENSKO?
Chcete sa osadiť a žiť medzi svojimi bratmi?
Chcete pracovať na svojom a pre seba?
Chcete, aby vaše deti chodily do slovenských škôl?
Chcete sa stať občanmi víťazného československého štátu?
Chcete obsadiť polia a majetky, ktoré sú pre vás pripravené?
Chcete nájsť dobre platenú prácu v továrňach?
Ak chcete, príďte,
Československá republika
vás čaká!
Prihláste sa u Československej presídľovacej komisie v Budapešti alebo v jej oblastných úradovniach, ktoré sa postarajú o vaše presídlenie do Československej republiky!

# Iċ-Ċekoslovakkja qed tistenniek!

Dawn il-posters attraenti ġew ippubblikati fl-1946 mill-Kumitat Ċekoslovakk għar-Resettlement. L-għan tagħhom kien li jipperswadu lis-Slovakki etniċi jħallu l-Ungerija u jsiru ċittadini taċ-Ċekoslovakkja, l-istat magħmul mill-Boħemja, il-Moravja (illum ir-Repubblika Ċeka) u s-Slovakkja, li kienet teżisti tul is-snin 1918-1939 u 1945-1992.

L-ewwel eżempju ma setax kien aktar sempliċi. Juri mara u tifla li se jitgħannqu, u fih il-kelmiet 'Iċ-Cekoslovakkja qed tistenniek!'. Simbolikament, din l-istampa tista' tinqara bħala l-art tat-twelid (il-mara) li qed tilqa' d-dar wild li kien ilu mitluf (is-Slovakki fl-Ungerija). Fuq livell iktar litterali, ix-xbieha ta' omm u bintha qed jerġgħu jingħaqdu flimkien diġà kellha saħħa kbira fiha nfisha, meta tqis il-livell ta' tħarbit li t-Tieni Gwerra Dinjija ħolqot fil-familji.

It-tieni poster jinqeda b'aktar retorika biex iwassal il-messaġġ. Jiddikjara:

'Aħwa Slovakki! Tridu terġgħu lura f'art twelidkom, fis-Slovakkja? Tridu tissetiljaw u tgħixu qalb ħutkom? Tridu taħdmu f'artkom stess u għalikom infuskom? Tridu li wliedkom jattendu fi skejjel Slovakki? Tridu ssiru ċittadini tal-istat rebbieħ Ċekoslovakk? Tridu tieħu f'idejkom proprjetajiet u għelieqi miżmuma apposta għalikom? Tridu ssibu impjieg imħallas tajjeb f'fabbrika? Jekk tridu dan, ejjew, ir-Repubblika Ċekoslovakka qed tistenniekom!'

Madankollu, il-pożittività f'dawn il-posters tgħid biss parti mill-istorja. Waqt li l-awtoritajiet kienu qed jippruvaw jattiraw Slovakki etniċi lejn iċ-Ċekoslovakkja, kienu wkoll qed iħeġġu dawk ir-residenti li ma kinux Ċeki jew Slovakki biex iħallu l-pajjiż. L-Ungeriżi etniċi kienu mira prinċipali ta' din il-miżura. Għall-bidu l-istat Ungeriż rrifjuta li jiskambja minoranzi, imma malajr kellu jerġa' jaħsibha wara li l-awtoritajiet Ċekoslovakki bdew ikeċċu lill-Ungeriżi minn djarhom. Fi Frar 1946 ġie miftiehem skambju volontarju ta' persuni u bdew jiċċirkolaw il-posters. Eventwalment xi 90,000 Ungeriż ġew skambjati għal madwar 60,000 Slovakk.

Il-minoranza etnika l-oħra li kienet qed taffaċċja d-deportazzjoni miċ-Ċekoslovakkja kienu r-residenti ta' lingwa Ġermaniża fil-majjistral tal-Boħemja (popolarment magħruf f'dak iż-żmien bħala s-Sudetenland). Dan il-grupp ta' nies kien ittrattat ħażin ħafna minn dawk iċ-Ċeki u Slovakki li issa kellhom pożizzjonijiet ta' awtorità. Saru brutalitajiet bla tarf u mijiet ta' Ġermaniżi etniċi għamlu suwiċidju f'dan iż-żmien. Ħafna għexieren ta' eluf ta' Ġermaniżi kellhom iħallu l-pajjiż, biex hekk iħallu t-triq miftuħa għal influss ta' Ċeki u Slovakki li riedu jissetiljaw fil-post. Dan ifakkarna kif poplu ppersegwitat jista' xi darba jsir persekutur hu stess.

Posters ta' propoganda Ċekoslovakka, 1946

3 posters stampati, 1 bil-kulur, karta, 94 x 62,8 ċm; 59,6 x 41,3 ċm; 24 x 16 ċm
L-Arkivju tal-Kontea ta' Szabolcs-Szatmár-Bereg fl-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija
Referenza: HU-MNL-SZSZBML – V. – 77/c. – I. – 5/1946



Mudell tal-kamp ta' konċentrament ta' Mauthausen, circa 1942, 1950ijiet

injam; 11,5 x 71,5 x 97 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – Ċentru għad-Dokumentazzjoni tal-Memorja Storika

Referenza: ES.37274.CDMH//OBJETOS,623

# Niftakru f'Mauthausen: il-mudelli ta' Juan García Gisbert

Ix-xhieda ta' nies li ħarġu ħajjin mis-sistema terribbli tal-kampijiet ta' konċentrament tal-Ġermanja Nażista għandha ħafna forom. Dawn jinkludu tifkiriet, intervisti ffilmajti li dehru f'dokumentarji dwar it-Tieni Gwerra Dinjija, poeżiji minn xi nies li baqgħu ħajjin u stejjer imnebbħa mill-Olokawst. Oħrajn ippruvaw jirrakkontaw l-esperjenzi tagħhom f'pittura jew skultura.

Din hija stampa ta' mudell tal-parti ta' ġewwa tal-kamp ta' konċentrament f'Mauthausen, kif kien jidher lejn is-sena 1942. Inbena fis-snin ħamsin mill-artist Spanjol Juan García Gisbert, u jifforma parti minn kollezzjoni usa' ta' minjaturi li García Gisbert għamel tal-kamp.

Juan u ħuh Ramón intbagħtu Mauthausen f'Awwissu 1940, wara li kienu ġew assenjati fil-kamp tal-priġunieri tal-gwerra ta' Stalag I-B Hohenstein. Mid-dehra t-tnejn kienu servew fl-Armata Franċiża, u ġew maqbuda meta l-Ġermaniżi avvanzaw fi Franza dak is-sajf. Juan kellu jibqa' f'Mauthausen sakemm il-kamp ġie meħlus mill-Armata Amerikana fil-5 ta' Mejju 1945.

L-aħwa Gisbert kienu biss tnejn minn madwar 7,300 Spanjol internati f'Mauthausen tul il-gwerra, 20km fil-lvant ta' Linz fl-Awstrija. Ħafna, jekk mhux kollha, kienu Repubblikani li ħarbu lejn Franza wara r-rebħa tal-qawwiet Nazzjonalisti tal-Ġeneral Francisco Franco fil-Gwerra Ċivili Spanjola (1936-1939). Madwar 40,000 minn dawn l-irġiel ingħaqdu mal-Armata Franċiża, b'ħafna minnhom jispiċċaw vittmi tan-Nażisti.

Imwaqqaf f'April 1938, Mauthausen malajr kiseb fama bħala wieħed mill-agħar kampijiet ta' konċentrament. Kien jipprovdi xogħol sfurzat għal barrieri fil-qrib, bir-riżultat li ħafna minn dawk li ntbagħtu hemm spiċċaw mejta fuq xogħolhom. Għall-bidu l-priġunieri kienu l-aktar kriminali, imma ma' dawn malajr ingħaqdu priġunieri politiċi (bħar-Repubblikani Spanjoli) u elementi oħra meqjusa 'asoċjali'. Qabel l-1941 ma ntbagħtux Lhud f'Mauthausen.

Bħal gruppi oħra fil-kamp, l-Ispanjoli kellhom iħabbtu wiċċhom ma' mewt kiefra. Xi 2,000 ruħ ħarġu ħajjin fi tmiem il-gwerra u spiċċaw iħabbtu wiċċhom ma' futur inċert. L-amministrazzjoni ta' Franco fi Spanja ma kienet għamlet ebda tentattiv biex issalvahom ssalvahom mill-orruri ta' Mauthausen, u kull futur għalihom f'art twelidhom kien imċajpar sew. Għalhekk il-maġġoranza (fosthom Juan García Gisbert) irritornaw fi Franza biex ifittxu futur hemmhekk.

Fi Spanja, ix-xorti tar-Repubblikani Spanjoli kienet suġġett mhux diskuss għal ħafna snin. Illum ukoll, ftit nies għandhom xi livell għoli ta' għarfien dwarha. Għal din ir-raġuni, il-mudelli ta' Mauthausen ta' Gisbert iġiegħluna naħsbu kif ukoll jibqgħu tifkira importanti ħafna ta' ġrajjiet minn dak iż-żmien li m'għandhom jintesew qatt.

178

Die Föderation vereinigt:
— die Widerstandskämpfer, die Partisanen und alle Patrioten, die an der Befreiung ihres Vaterlandes teilgenommen haben;
— die Deportierten, die Internierten, die politischen Häftlinge und alle anderen vom Nazismus und Faschismus verfolgten Personen;
— die Hinterbliebenen.

**INTERNATIONALE FÖDERATION DER WIDERSTANDSKÄMPFER**

SEKRETARIAT: 1021 Wien II, Postfach 149, Castellezgasse 35 (Österreich) · Telefon 33 74 49
Telegrammadresse: FEDERINDIR

1977.02.17
Gy-1/36

Im Antwortschreiben anführen

WB IR/ 6

Wien, den 14. Februar 1977

AN DIE ANGESCHLOSSENEN VERBÄNDE

Liebe Kameraden!

Wir übermitteln Ihnen heute zu Ihrer Information in der Anlage eine "Informelle Niederschrift zur Frage der Repatriierung der griechischen politischen Emigranten, die uns vom Koordinationskomitee der griechischen Widerstandsbewegung, Athen, zugegangen ist.

Mit kameradschaftlichen Grüßen,

Wolfgang BERGOLD
Sekretär

Beilage

Die FIR ist eine nicht-staatliche Organisation mit Konsultativ-Status Kategorie II beim Wirtschafts- und Sozialrat der Vereinten Nationen

XXVIII-M-21-Gy-1/36-1977 (299 f. 4 de./1977)

# Rapport fuq ir-ripatrijazzjoni ta' emigranti Griegi

Fl-1946 faqqgħet gwerra ċivili fil-Greġja bejn il-qawwiet tal-gvern (fuq in-naħa tal-monarkija Griega li riċentement kienet għadha kemm ġiet rijabilitata) u r-ribelli Komunisti. Għall-bidu, il-Komunisti avvanzaw sew, b'tattiċi gwerillieri biex jiksbu kontroll ta' ħafna mill-Greċja ta' Fuq. Madankollu, l-interventi Amerikani fuq in-naħa tal-gvern ftit ftit xaqilbu l-miżien u sas-sajf tal-1949, il-Komunisti ġew megħluba.

Ħafna għexieren ta' eluf ta' ribelli ħarbu mill-pajjiż. Parti kbira minnhom qasmu l-fruntiera lejn l-Albanija qabel xterdu fid-diversi pajjiżi Komunisti tal-Ewropa tal-Lvant. Għalkemm din l-azzjoni serviet biex jitneħħew mill-periklu immedjat ta' xi rivolta oħra, kellha prezz magħha. Fl-1947 il-gvern għadda att li rrevoka ċ-ċittadinanza ta' dawk kollha li kienu ġġieldu fuq in-naħa Komunista u marru fl-eżilju. Il-gvern kien ukoll żamm ħafna mill-eżiljati milli jirritornaw u kkonfiska l-ġid tagħhom.

Id-dokument ta' hawn hu parti minn rapport li ġie f'idejn il-Federazzjoni Internazzjonali ta' Ġellieda tar-Reżistenza fl-1977. Jipprovdi lista tar-raġunijiet għaliex il-gvern Grieg ma riedx jilqa' l-eżiljati Komunisti lura fil-pajjiż, f'dak iż-żmien. L-ewwel, jinħass li l-istat ma kienx kapaċi jipprovdi għall-'kważi 45,000' persuna li riedu jiġu rimpatrijati. It-tieni, l-istat ma kienx kapaċi jirritornalhom il-proprjetà tagħhom. Dan għaliex kienet ġiet ikkonfiskata u mogħtija lil bdiewa bla art. It-tielet, jinħass li r-ripatrijazzjoni kienet se twassal biex 'jisħnu s-sentimenti' fil-pajjiż.

Ir-realtà tas-sitwazzjoni (skont ir-rapport) kienet xi ftit differenti. Fil-fatt, l-emigranti setgħu jservu ta' siwi kbir għal pajjiżhom. Ħafna kellhom professjoni, ħiliet u esperjenzi kbar. Fuq kollox, l-emigranti iktar imdaħħlin fiż-żmien u kellhom pensjonijiet li setgħu jsostnuhom meta jirritornaw il-Greċja. Barra dan, il-kwistjoni tal-proprjetà ma kinitx sa tkun problema li ma tissolviex. Fis-sewwa kollu, diġà kienu waslu għal ftehim li jagħtu parti mill-proprjetà konfiskata lil rappreżentanti legali tal-emigranti. Fl-aħħar nett, nafu li fil-każ ta' eżiljati li diġà kienu rritornaw il-Greċja, ma kienx jidher li 'saħnu' ebda sentimenti. Bil-maqlub, in-nies tal-post kienu qed jagħtu merħba sabiħa lil dawk li rritornaw.

Dawn l-argumernti eventwalment rebħu. Fl-1982 il-gvern Grieg għadd liġi ta' amnestija biex jippermetti r-ritorn ta' ċittadini Griegi li kienu marru fl-eżilju fil-Gwerra Ċivili.

Rapport tal-Kumitat ta' Koordinament tar-Reżistenti Griegi lill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tar-Reżistenti dwar il-kwestjonijiet ewlenin tal-emigranti Griegi mill-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant, 12–1976 – 2–1977

5, jinkuldu 13-il folio, typewriter, karta; 21 x 29,7 ċm

Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

Referenza: HU-MNL-OL – XXVIII-M – 21. – 4. őe. – No. Gy-1/36-1977

# 03

# Qawmien politiku, taqlib, u persekuzzjoni

Stejjer ta' intolleranza, persekuzzjoni, esplojtazzjoni, ġlied u ribelljoni jimlew paġni sħaħ tal-istorja. Ħafna drabi oħra, ħlas kbir uman kien imħallas minn dawk ikkunsidrati bħala parti minn minoranza nferjuri jew perikoluża, jew dawk li spiċċaw telliefa wara taqbida kbira politika jew reliġjuża. Matul iż-żmien, ħafna ma tantx kellhom għażla oħra ħlief li jfittxu l-kenn f'pajjiż ieħor biex isalvaw jew ikomplu jħaddnu twemmin jew politika partikolari. F'każijiet oħra, gruppi sħaħ ta' nies kellhom iħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjoni fejn jew joqgħodu għal li jgħid l-Istat jew ikollhom jeżiljaw ruħhom.

Għaldaqstant, it-terminu "refuġjat" ilu jintuża għal ħafna snin. Qabel iż-żmien modern, l-kenn politiku rarament kien ikollu oppożizzjoni kemm mill-Istati kif ukoll mill-mexxejja. Imma bl-għaqda tal-pajjiżi, u bi fruntieri ħafna aktar kkontrollati, il-vjaggi bejn pajjiż u ieħor saru ħafna aktar regolarizzati.

Il-parti l-kbira tas-sorsi f'din it-taqsima tal-wirja joħorġu każijiet ta' soppressjoni u kenn. Xi drabi, juru wkoll il-livell tat-tolleranza li kienet tintwera ma' gruppi f'minoranza bħal Lhud, Misilmin u Żingari, li biż-żmien din it-tolleranza inbidlet f'intolleranza. Din kienet storja komuni fil-parti l-kbira tal-Ewropa. Xi minoranzi kellhom jaħarbu fl-eżilju, jew minħabba politika ripressiva min-naħa tal-gvernijiet jew minħabba x-xewqa li ma joqgħodux għall-konformità suppressiva. Ħafna minn dawn qatt ma reġgħu raw art twelidhom.

L-esperjenza tal-migranti politiċi tidher ħafna f'numru minn dawn id-dokumenti. Dawn jesebixxu numru ta' eżilji, minn dawk li ħadu sehem f'rivoluzzjonijiet u oħrajn li rreżistew bis-saħħa tan-nobbiltà u l-familji rjali. Huwa interessanti li jsir tqabbil u jinstab kuntrast tal-esperjenzi bejn dawk li b'xi mod jew ieħor setgħu jgħixu komdi meta kienu eżiljati ma' dawk li ma setgħux. Dokumenti oħra jirrakkuntaw l-istejjer ta' dawk li ħassew il-bżonn li jeżiljaw ruħhom hekk kif feġġet l-instabilità politika f'dawk l-istati li kienu kolonji.

Imma fost l-istejjer ta' persekuzzjoni hemm stejjer oħra ta' dawk li urew solidarjetà ma' dawk li jew riedu jaħrbu jew opponew il-ħakma intolleranti. Wieħed kien isib dawn l-individwi f'kull klassi tas-soċjetà u mxerrdin mal-Ewropa kollha. L-istorja, bħall-ħajja nnifisha, hija maqsuma f'dawl jew dlam, bid-dellijiet griżi kollha li jidħlu feles bejniethom.



# Ir-Romani fi Spanja tal-Medjuevu mwaħħar

Dan id-dokument hu l-eqdem sors li għandna b'xhieda tal-preżenza tal-poplu Romani fi Spanja. Hi ittra ta' protezzjoni minn Jannar 1425, mogħtija mir-Re Alfonzo V ta' Aragona lil individwu msejjaħ Ġwanni tal-Eġittu ż-Żgħir. Ġwanni, li milli jidher kien il-mexxej ta' grupp ta' vjaġġaturi Romani, jingħata 'liċenzja biex imur f'diversi postijiet' u li 'jgħaddi minn xi partijiet tas-saltna u l-artijiet tagħna' fis-sliem u s-sigurtà. Hu enfasizzat 'taħt piena tal-korla u r-rabja tagħna' li Ġwanni u n-nies tiegħu m'għandhomx jiġu mmolestati b'xi mod u ebda ħsara m'għandha ssir lill-'mirkba tagħhom, ħwejjeġ, oġġetti, deheb, fidda, ħorġiet u kull ħaġa oħra li jġorru magħhom'.

Ir-Romani jafu l-oriġni tagħhom fit-tramuntana tal-Indja. Saru poplu nomadu u migratorju fil-Medjuevu bikri, u sal-bidu tas-seklu erbatax kienu laħqu n-nofsinhar tal-Ewropa. Hu ċar li Alfonzo V kellu qalbu miftuħa għalihom. Bosta xhur wara li ttratta l-każ ta' Ġwanni, hu ħareġ ittra simili ta' protezzjoni għal wieħed Konti Tomás tal-Eġittu ż-Żgħir, u dan it-trattament kellu jkompli tul is-saltna tiegħu u dik tas-suċċessur tiegħu, Ġwanni II.

Bidla fl-attitudni dehret lejn tmiem is-seklu ħmistax. Meta Ferdinandu II ta' Aragona u Iżabella I ta' Kastilja għaqqdu lil Spanja fl-1479, bdew jibnu soċjetà iktar regolata u omoġenja. Fl-1492 ordnaw it-tkeċċija tal-Lhud mill-pajjiż, u kmieni fis-seklu 16 ħeġġew għall-konverżjoni imposta tal-Musulmani Spanjoli. L-attitudni tagħhom lejn ir-Romani ġiet iċċarata iżjed f'digriet tal-4 ta' Marzu 1499. Huma kellhom iwarrbu l-istil ta' ħajja nomada tagħhom u jidħlu jgħixu fis-soċjetà Spanjola, inkella jitkeċċew.

Dan is-sentiment lejn ir-Romani irrifletta wkoll b'pajjiżi oħra ta' dak iż-żmien. Għal ħafna, ir-Romani setgħu jservu bħala dawk li jispiċċaw jieħdu t-tort għal nuqqas ta' kuntentizza ħafna usa' u iktar fundamentali. Ir-Romani kienu jidhru differenti, kellhom stil ta' ħajja differenti, u faċilment setgħu jħarsu lejhom bħala theddida għall-ordni tradizzjonali tal-affarijiet. Kienu (u għadhom) jirreferu komunement għalihom bħala Żingari, terminu peġġorattiv mill-assunzjoni żbaljata li oriġinarjament kienu ġejjin mill-Eġittu.

Il-livell ta' intolleranza ppersista fis-seklu Għoxrin. Tabilħaqq, matul it-Tieni Gwerra Dinjija r-Romani sofrew bil-kbir mill-preġudizzju qawwi li kien għadu jeżisti f'ħafna mis-soċjetà Ewropea – hu stmat li xi 400,000 minnhom ġew maqtula min-Nażi f'att ta' ġenoċidju maħsub. Jibqa' fatt ta' swied il-qalb li ħafna soċjetajiet isibuha bi tqila jaċċettaw nies li jarawhom differenti.

Ittra ta' protezzjoni favur Ġwanni tal-Eġittu ż-Żgħir, 12–1–1425, Zaragoza

1 folja, manuskritt fuq il-karta; 28,4 x 21,5 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja– Arkivju tal-Kuruna ta' Aragona

Referenza: ES.08019.ACA/9.1.5.11.-1.-1//ACA, CANCILLERÍA, Registros, NÚM.2573, folio 145v


Don fernando e doña ysabel por la gracia de dios rey
e rreyna de castilla de leon de aragon de secilia de gra
nada de toledo de valencia de galizia de mallorcas de
sevilla de cerdeña de cordova de corcega de murcia de jaen
del algarve de algezira de gibraltar e de las yslas de canaria
conde e condesa de barcelona e señores de vizcaya e de molina
duques de atenas e de neopatria condes de rosellon e
de cerdania marqueses de oristan e de goçiano al principe
don juan mi muy caro e muy amado hijo e a los ynfantes
perlados duques marqueses condes maestres de las or
denes priores ricos omes comendadores alcaydes de los
castillos e casas fuertes de los nuestros reynos e señorios
e a los concejos corregidores alcaldes alguaziles merinos cavalle
ros escuderos oficiales e omes buenos de la muy noble e
muy leal cibdad de burgos e de las otras cibdades e villas
e lugares de su obispado e de los otros arçobispados obispados
e diocesis de los dichos nuestros reynos e señorios e a las aljamas
de los judios de la dicha cibdad de burgos e de todas las dichas
cibdades e villas e lugares de su obispado e de todas las otras
cibdades e villas e lugares de los dichos nuestros reynos e señorios
e a todos los judios e personas singulares dellos asi varones
como mugeres de qualquier hedad que sean e a todas las otras
personas de qualquier ley estado dignidad pre
eminencia e condicion que sean a quien lo de yuso en esta
nuestra carta contenido atañe o atañer puede en qualquier
manera salud e gracia bien sabedes o deveys saber que por
que nos fuymos ynformados que en estos nuestros reynos
avia algunos malos christianos que judaysavan e apostatavan
de nuestra santa fee catolica de lo qual hera mucha causa la

# Spanja u t-tkeċċija tal-Lhud

1492 hija sena memorabbli fl-istorja Spanjola. Flimkien mal-vjaġġ epiku ta' Kristofru Kolombu lejn l-Indji, din is-sena mmarkat ir-rebħa Spanjola ta' Granada, l-aħħar fortizza Musulmana fil-peniżola Iberika. Rat ukoll ġrajja wisq inqas glorjuża, il-promulgazzjoni ta' editt li ordna t-tkeċċija tal-Lhud ta' Spanja.

Storikament, ir-relazzjoni bejn l-Insara u l-Lhud fi Spanja kienu tajbin. Il-Lhud kienu sudditi leali tal-monarki Spanjoli, b'ħafna minnhom jokkupaw postijiet amministrattivi u governattivi importanti. Il-Lhud kienu wkoll prominenti fl-oqsma tal-mediċina, ix-xjenza, u l-kummerċ. Taw kontribut sinifikanti lid-dinja akkademika Spanjola bl-involviment tagħhom fil-produzzjoni ta' traduzzjonijiet tal-Bibbja.

Din il-kordjalità bdiet titmermer fl-aħħar nofs tas-seklu 14. Hu maħsub li ċertu antagoniżmu popolari trewwaħ mill-kunċett żbaljat li l-Lhud kienu responsabbli għall-Mewt is-Sewda (il-pjaga kbira li fniet l-Ewropa tul is-snin 1340 u 1350). L-attivitajiet missjunarji żelanti tad-patrijiet Dumnikani u Franġiskani wkoll jidher li kellhom impatt fuq il-ħsieb tal-Insara Spanjoli, partikularment bit-tqassim ta' opri polemiċi b'attakki kemm fuq il-Lhud u kif ukoll fuq il-Musulmani. Il-monarki Kattoliċi bdew jagħmlu liġijiet li jnaqqsu mid-drittijiet tal-Lhud, u bdew jinħolqu pogroms anti-Semitiċi. Serje ta' inċidenti partikolarment vjolenti fl-1391 kkonvinċiet ħafna Lhud li aħjar jikkonvertu għar-reliġjon Nisranija biex isalvaw ġildhom.

Imma dawn il-konverżjonijiet tal-massa wasslu biss għal kumplikazzjonijiet ġodda. B'mod ġenerali, il-Lhud konvertiti (magħrufa bħala l-'*conversos*') żammew pożizzjonijiet influwenti fil-gvern u fis-soċjetà, bir-riżultat li r-rabja kontrihom ma naqsitx. Din kienet raġuni ewlenija li wasslet għat-twaqqif tal-Inkwiżizzjoni Spanjola fl-1478. L-Inwkiżizzjoni, maħsuba biex tiżgura s-safa tal-fidi Kattolika fi Spanja, kellha impatt qawwi ħafna fuq il-*conversos* ta' Spanja. Ħafna eluf ġew maħruqa fil-pubbliku, waqt li eluf oħrajn għażlu li jaħarbu mill-pajjiż.

L-editt tat-tkeċċija fl-1492 ifforma parti minn proċess kontinwu ta' 'purifikazzjoni'. Hawn qed naraw il-kliem tad-digriet irjali (tal-monarki Isabella I ta' Kastilja u Ferdinandu II ta' Aragona) li jagħti l-ġustifikazzjoni reliġjuża għat-tkeċċija, id-data tat-tluq u l-arranġamenti dwar il-bejgħ tal-ġid tagħom. Ġara li l-parti l-kbira tal-Lhud għażlu li jikkonvertu għar-reliġjon Nisranija flok imorru fl-eżilju. Bla dubju kien prezz qares li kellhom iħallsu, imma dan tal-anqas salvalhom ħajjithom u l-għixien tagħhom f'pajjiżhom u darhom.

Reġistru tad-Digriet Irjali tar-Rejiet Kattoliċi dwar it-tkeċċija tal-Lhud, 31–3–1492, Granada

4 folji, manuskritt fuq il-karta; 21 x 29,5 ċm
L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – Arkivju Ġenerali ta' Simancas
Referenza: ES.47161.AGS/5.2//PTR, LEG, 28,DOC.6



26

BANDO QVE EL EXCELENTISSIMO SEÑOR DON GASTON DE MONCADA, MARQVES DE AYTONA, &c. LVgarteniente y Capitan General en el preſente Reyno de Aragon, ha mãdado publicar, en nombre de la Mageſtad Catholica del Rey Don Felipe Tercero Nueſtro Señor, para la expulſion delos Moriſcos de dicho Reyno.

*Con Licencia, y Priuilegio.*

Impreſſo por Lorenço de Robles, Impreſſor del Reyno de Aragon, y de la Vniuerſidad. Año de 1610.

CA, leg 221, n. 26

# It-tkeċċija tal-*Moriscos* ta' Aragona

Ir-rebħa lura ta' Spanja Musulmana (ir-*Reconquista*) spiss hi assoċjata mal-leġġenda ta' El Cid, il-gwerrier li għamel tant biex ħeġġeġ lill-Insara Spanjoli għall-azzjoni tul is-seklu 11. Ħajtu ġiet iċċelebrata fil-mużika, il-letteratura u l-films, l-aktar magħruf il-film tal-1961 li jġib ismu.

Ir-*Reconquista* nfisha kienet tinvolvi ħafna individwi. Fuq kollox, seħħet fuq medda ta' bosta sekli, u ma ntemmitx qabel intrebħet il-belt ta' Granada fl-1492. L-impatt tagħha kien qawwi, mhux l'anqas għall-Musulmani li spiċċaw fuq in-naħa tat-telliefa.

Għall-bidu l-Insara mxew magħhom b'ċerta tolleranza u l-Musulmani baqgħu ħielsa li jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom. Din il-politika waqfet tard fis-seklu 15. Il-Musulmani ngħataw l-għażla li jew jikkonvertu għall-Kristjaneżmu inkella jmorru fl-eżilju. Dawk li kkonvertew saru magħrufa bħala l-*Moriscos*. Imma ħafna *Moriscos* baqgħu jgħixu l-Iżlam fil-moħbi u dan wassal għal azzjoni ta' riforma min-naħa tal-awtoritajiet Spanjoli. Fl-1566, ngħidu aħna, Filippu II ħareġ editt li ċaħħad lill-*Moriscos* ta' Granada mid-dritt li jużaw il-lingwa u d-drawwiet tagħhom.

Kmieni fis-seklu 17 il-gvern kien qatagħha li kien hemm bżonn ta' azzjoni iktar b'saħħitha. Bejn Settembru 1609 u Lulju 1610, Filippu III ħareġ serje ta' editti jordna d-deportazzjoni tal-*Moriscos* kollha ta' Spanja. Hawn għandha qoxra ta' quddiem ta' fuljett stampat li jħabbar it-tkeċċija tal-*Moriscos* minn Aragona. Hu ddatat 29 ta' Mejju 1610.

Sal-1614, xi 300,000 *Moriscos* kienu ġew deportati minn Spanja. L-evidenza turina li ħafna telqu fis-sliem; minoranza żgħira ħafna rreżistiet, u għażlet li taħrab lejn il-muntanji. Ħafna minn dawk li ħallew Spanja marru bil-baħar lejn l-Afrika ta' Fuq. B'mod ġenerali, ġew milqugħin tajjeb, u baqgħu jagħtu kontribut pożittiv lir-reġjun. Xi wħud saru bdiewa, waqt li oħrajn għażlu li jagħtuha għall-kummerċ jew isiru negozjanti. Oħrajn spiċċaw isiru kursari (pirati). Dan baqa' għażla miftuħa għal kull żagħżugħ li kien jgħix fuq il-kosta tal-Afrika ta' Fuq, u mhux biss għall-*Moriscos*.

It-telfa ħabta u sabta ta' 300,000 individwu kellha impatt qawwi fuq Spanja. Il-*Moriscos* kienu jagħmlu xi kwart tal-popolazzjoni ta' Aragona u Valencia, u allura l-bidla nħasset ħafna hemmhekk. B'konsegwenza ta' dan, wieħed ried jaħseb għal ċertu ammont ta' nies li jiġu joqogħdu hemm biex l-art żvujtata ma tispiċċax tinħela. Fuq kollox, dawn l-Ispanjoli li magħhom il-*Moriscos* kellhom xi djun kellhom iġarrbu telfiet kbar. Diffiċli ngħidu jekk kienx hemm minnhom min fehem li t-tkeċċija tal-*Moriscos* kienet taqbillu.

Avviż stampat iħabbar l-editt għat-tkeċċija tal-*Moriscos* (Musulmani li kkonvertew għall-Kristjaneżmu) mis-Saltna ta' Aragon, 29–5–1610

1 dokument stampat, 2 folji, karta; 21 x 30,5 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja– Arkivju tal-Kuruna ta' Aragona

Referenza: ES.08019.ACA/1.1.3.3.313//ACA,CONSEJO DE ARAGÓN,Legajos,0221,nº 026





Liġi tar-Re Ġwanni V li tipprojbixxi l-użu tad-drawwiet u l-lingwa taż-Żingari,
10-11–1708 – 21-11–1708, Liżbona

1 dokument, 4 paġni, manuskritt fuq il-karta; 20,5 x 30,1 ċm

Torre do Tombo – L-Arkivji Nazzjonali tal-Portugall

Referenza: PT/TT/GAV/2/4/42

# Ir-Romani: kif wieħed għandu jġib ruħu ma' imġieba 'devjanti' fil-Portugall tas-seklu 18

Ir-Re Ġwanni V tal-Portugall hu mfakkar għall-patrunaġġ kbir tiegħu tal-arti matul-ewwel parti tas-seklu 18. Fost ħwejjeġ oħra, hu ħareġ flus kbar għal libreriji, appoġġja l-istudji, waqqaf mużewijiet ta' storja naturali u arkitettura u fetaħ akkademja rjali tal-istorja. Beda wkoll il-bini ta' Kunvent-Palazz Irjali f'Mafra, waħda mill-aktar binjiet importanti tal-Portugall.

Meta tqis il-gosti kulturali tiegħu, il-liġi li għadda Ġwanni V fl-1708 dwar ir-Romani taf tidher bħala sorpriża. Tiftaħ b'dikjarazzjoni tal-bosta titlu li kellu r-re:

'*Ġwanni V, bil-grazzja ta' Alla Re tal-Portugall u tal-Algarves u ta' hawn u ta' lil hinn mill-baħar fl-Afrika, Sid tal-Guinea u tal-Konkwista, in-Navigazzjoni u l-Kummerċ tal-Etjopja, l-Arabja, il-Persja u l-Indja, etċ.*'

Imbagħad tgħid kif liġijiet ta' qabel fis-saltna ma kinux biżżejjed biex jikkontrolla l-ħajjiet 'skandalużi' tal-poplu Romani ('Żingaru'), li jingħad, 'spiss iwettqu serq, qerq u ħafna reati u esaġerazzjonijiet oħra.' Il-liġi tfittex li tittratta dan biex ma tħallix lil dawn in-nies jilbsu ħwejjeġ Romani u jużaw lingwa Romani, jew jipprattikaw l-istil ta' ħajja Romani. Dawk misjuba ħatja ta' xi ħaġa minn dawn kienu jlaqqtu l-kastig ta' swat, flimkien ma' eżilju mill-Portugall għal għaxar snin. Għall-irġiel dan kien ifisser ħajja ta' xogħol iebes fil-flotta Portugiża; għan-nisa deportazzjoni sfurzata lejn il-kolonja tal-Brażil.

Liġijiet konta r-Romani kienu ilhom jeżistu fil-Portugall għal żewġ sekli meta għaddiet din il-liġi tal-1708. L-għan tagħha kien li ma tħallix Żingari jidħlu fil-pajjiż u tkeċċi lil dawk li kienu diġà hemm, mingħajr ebda provvediment għal kastig korporali jew ħabs. Imma lejn tmiem is-seklu sittax l-awtoritajiet Portugiżi bdew jinfurzaw iktar kastigi ħorox simili għal dawk li jagħti hawn Ġwanni V fl-1708.

L-antipatija lejn ir-Romani tista' tiġi attribwita lil bosta fatturi. L-ewwelnett, kienu jħarsu lejhom bħala nies li ma jridu jagħmlu xejn u ma jipproduċux, m'huma tajbin xejn għall-ħajja fis-soċjetajiet tal-Ewropa tal-punent li kienu qed isiru dejjem iżjed ordnati u ġerarkiċi. Kienu jarawhom bħala theddida għall-ħajja Nisranija, kif ukoll għall-awtorità tal-Knisja u l-istat b'mod ġenerali. Ir-Romani kienu wkoll differenti ħafna fil-lingwaġġ u l-ilbies tagħhom, u fil-mod kif kienu jaqilgħu x'jieklu. Flimkien mar-rabta tagħhom ma' mġibiet 'kundannabbli' bħal logħob tal-azzard, kienu wkoll mistmerra minħabba l-faqar tagħhom u dik li f'għajnejh ħafna kienet ħajja kriminali. Fuq livell iktar fundamentali kienu meqjusa li għandhom 'demm imniġġes'.

Dan il-ħsieb kien wara x-xorta ta' leġislazzjoni li ppromova Ġwanni V. Hu fatt ta' swied il-qalb li dawn l-attitudnijiet kienu komuni ħafna.



Carl der Sechste von Gottes gnaden Erwellter Röm. Kayser, zu allen zeiten Mehrer deß Reichs, in Germanien, zu Hispanien, Hungarn und Böheimb etc. König, Erzherzog zu Österreich etc.

Wohlgeborner, Lieber Getreuer: Wir haben aus deinem wegen deren dasigen transmigranten sub dato 7. und 10. dis erstatteten gehorsambsten Berichten die zu bewürckung deren in sachen ergangenen Resolutionen mit gar gutem glimpf, und da es die noth erfordert, auch mit gehörigem ernst gefaste anordnungen, nicht weniger bey deren abschickung und sonsten in allem gebrauchte vorsichtigkeit mit Unserem besonderem wohlgefallen gehorsamst vernommen.

Wie Wir nun alle diese sowohl vor- und bey der abfahrt vorgekehrte veranstaltungen, alß auch weiters wegen besorg- und nachschickung deren wegen kranckheit und anderen hindernussen derzeit zurückgebliebenen wenigen Persohnen, und sonsten wegen richtigstell- und abhandlung deren abgeschickten Vermögen, auf verwilligten Zurtrag für die mittel-lose, den Wir noch in etwas vermehret haben, wohlgemachte vorsehungen, und was in deinen berichten weiters einkommt, gnädigst approbieren; solche anordnungen auch den guten effect gehabt, daß mehr berührte transmigranten



Ad mandatum Sac. Caes. Majestatis proprium

Ittra tal-Imperatur Karlu VI lill-kummisjoni għar-reliġjon tar-reġjun ta' Salzkammergut dwar it-transmigranti, 14–7–1734, Vjenna

3 paġni, manuskritt fuq il-karta; 21,7 x 32,5 ċm

L-Arkivji tal-Istat tal-Awstrija ta' Fuq (OÖLA)

Referenza: AT-OÖLA, Archiv der Landeshauptmannschaft, Sch. 65, no. 4

# Ittra mill-Imperatur Karlu VI dwar id-deportati Protestanti

Ir-Riforma tas-seklu 16 tibqa' waħda mill-ġrajjiet deċiżivi fl-istorja Ewropea. Fetħet żewġ sekli ta' konfront qalil bejn il-Kattoliċi u l-Protestanti tal-Ewropa, li rewħet konflitti armati kbar bħalma kienu l-Gwerer Franċiżi tar-Reliġjon (1562-1598) u l-Gwerra ta' Tletin Sena (1618-1648). F'ħafna pajjiżi irriżultat ukoll fil-persekuzzjoni ta' minoranzi reliġjużi, forsi l-aktar magħrufa l-Protestanti ta' Franza (l-Ugunotti), li ħafna minnhom ġew imġiegħla jaħarbu mill-pajjiż.

Id-dokument ta' hawn juri l-qagħda fl-Awstrija fis-snin 1730. Hija ittra mill-Imperatur Qaddis Ruman, Karlu VI, lil Johann Franz Freiherrn von Grünthal u Wolf Martin Ehrmann von Falkenau, tnejn mill-kummissarji tiegħu għar-reliġjon. L-imperatur jifirħilhom għall-ħidma li kienu għamlu sa dakinhar fit-trasport ta' grupp ta' Protestanti lejn it-Transilvanja. Il-grupp kien ta' 263 ruħ (47 familja) u kien ġej mir-reġjun ta' Salzkammergut. L-għan kien li jiżgura li l-Awstrija tkun kollha Kattolika Rumana. Jekk il-Protestanti ma kinux sa jaċċettaw dan, kien ikollhom jitneħħew.

Fil-kitba, datata 14 ta' Lulju 1734, Karlu juża t-terminu 'transmigranti', sempliċi kelma sabiħa minflok 'deportati'. Il-grupp riċentement kien ġie meħud fi Klosterneuburg, fit-tramuntana ta' Vjenna, u Karlu jinnota din il-'kisba eċċellenti' tal-kummissarji. Imbagħad jgħarrafhom bis-'sodisfazzjon l-aktar kbir' tiegħu għal dan. Minn Klosterneuberg id-deportati mbagħad ivvjaġġaw minn Ofen (Budapest) għal Neppendorf fit-Transilvanja.

Id-deportazzjoni tal-1734 ċertament ma kinitx l-ewwel waħda tax-xorta tagħha fl-Imperu Qaddis Ruman, u lanqas kienet l-ikbar. Fl-1732, ħafna eluf ta' Protestanti ħallew Salzburg wara l-ħruġ tal-editt tat-tkeċċija mill-Prinċep-Arċisqof Leopold Anton von Firmian. Ħafna minn dawn marru l-Prussja, fejn ir-Re Federiku Guliermu I laqagħhom b'idejh miftuħa. Bagħathom fil-partijiet tal-lvant tat-territorju tiegħu fejn tqabbdu joqogħdu f'artijiet li kienu żvujtaw wara l-pesta. Oħrajn marru l-Ingilterra, Hanover, u fil-kolonja Brittanika ta' Georgia fl-Amerika ta' Fuq. Xi wħud għażlu li jmorru fir-Repubblika Olandiża.

Id-deċiżjoni ta' Karlu VI li jagħmel it-Transilvanja d-destinazzjoni għad-deportati tal-1734 kienet ġejja l-aktar minn xewqa li jagħmel bħalma għamel ir-re tal-Prussja. Bħall-Prussja tal-Lvant, it-Transilvanja wkoll kienet sofriet minn depopolazzjoni, f'dan il-każ minħabba l-ħafna gwerer mal-Imperu Ottoman aktar milli minħabba l-pesta. Imma dawn il-mezzi kulma jmur kienu qed isiru ħaġa tal-passat fl-Ewropa. Il-libertà tal-kult ma kienx fadlilha wisq biex issir in-norma fil-kontinent. Fl-Awstrija dan seħħ uffiċjalment fl-1781 meta l-Imperatur Ġużeppi II għadda l-att tat-tolleranza reliġjuża.


Dom Joseph por Graça de Deos, Rey de Portugal, e dos Algarves, da quem, e da lem Mar, em Africa Senhor de Guiné, e da Conquista, Navegação, Commercio da Ethiopia, Arabia, Persia, e da India &c.ª Aos Vassallos de todos os Estados dos Meus Reinos, e Senhorios. Saude. Em Consultas, da Menza do Dezembargo do Paço, do Conselho Geral do Santo Officio da Inquizição, e da Menza da Consciencia, e Ordens, Me foi prezente: Que havendo a Igreja na sua Primitiva Fundação; no seu sucessivo progresso; e na propagação dos Fieis, que a ella se uniram; recebido no seu regaço, como May Universal, Gentios, e Judeos convertidos; sem distenção alguma, que fizesse differentes huns dos outros por huma separação contraria á Unidade do Christianismo, que he individua por sua Natureza: Sendo o sangue dos Hebreos o mesmo identico Sangue dos Apostolos, dos Diaconos, dos Presbiteros, e dos Bispos por Elles ordenados, e Consagrados: Sendo este, sempre o constante, e inalteravel Spirito da mesma Igreja, e da Doutrina, e Disciplina, que delle, e dellas emanaram em todos os Dezoitos Seculos da sua duração; Sem outras modificaçoens, que não fossem; a de que os Neophitos baptizados depois de adultos, como recentemente convertidos á Fé, se reputavam por Christãos Novos; e por Christãos Velhos os que por muito tempo perseveravam na Fé por Elles professada quando recebiam o Sacramento do Baptismo; para se suspender aos Primeiros a Collação das Honras, e Dignidades Ecclesiasticas, em quanto não excluiam com a sua firmeza a prezumpção de voltarem ao vomito; e para os segundos não só ficarem pela sua perseverança inteiramente habeis nas suas Pessoas para tudo o referido; Mas tambem para transmitirem esta Canonica habilidade, e ligitimidade a todos os seus Descendentes, que, como Elles viveram na mesma Santa


Foy publicada esta Carta de Ley na Chancellaria Mór da Corte e Reyno ... 26 de Mayo de 1773.

Id-digriet tar-Re Ġużeppi li abolixxa d-diskriminazzjoni bejn l-Insara, il-Ġentili u l-Lhud, 25–5–1773

3 paġni, manuskritt fuq il-karta; 21,3 x 34,5 ċm

Torre do Tombo – L-Arkivji Nazzjonali tal-Portugall

Referenza: PT/TT/LO/003/7/038

# Il-Portugall tas-seklu 18 ma jaċċettax il-persekuzzjoni tal-Lhud

F'Mejju 1773, ir-Re Ġużeppi tal-Portugall għadda liġi li neħħiet id-distinzjoni bejn l-hekk imsejħa Nsara 'antiki' u Nsara 'ġodda'. Din in-nomenklatura kienet ilha tintuża, bit-terminu 'Nisrani ġdida' tirriferi għal Lhud li kienu ġew imġiegħla jikkonvertu għall-Kristjaneżmu tard fis-seklu 15. L-ewwel paġna tal-att innifsu qed tidher hawn.

Għal xi żmien bikri fis-snin 1490 deher li l-Lhud Portugiżi kienu se jiskappaw dik it-tip ta' leġislazzjoni diskriminatorja li kienet qed issir kontra sħabhom il-Lhud ta' Spanja. Meta Ferdinandu u Iżabella ta' Spanja għaddew att ta' tkeċċija tal-Lhud fl-1492, għadd mhux żgħir minnhom applikaw b'suċċess biex ikollhom residenza fil-Portugall. Għal Ġwanni II tal-Portugall, dan aktar kien dwar ekonomija b'saħħitha milli li joħroġ idejh biex igħin poplu oppress; delegazzjoni ta' Lhud Spanjoli għonja jingħad li ħallsuh 60,000 cruzados (muniti Portugiżi tad-deheb u l-fidda) għall-privileġġ li jsiru suġġetti tiegħu.

Madankollu, fl-1496, is-suċċessur ta' Ġwanni, Manwel I, ċeda għall-pressjoni Spanjola u ordna t-tkeċċija tal-Lhud mill-Portugall. Din kienet kundizzjoni għaż-żwieġ tiegħu ma' Iżabella, it-tifla l-kbira ta' Ferdinandu u Iżabella. Għalkemm xi wħud mil-Lhud tal-Portugall tħallew jitilqu, ħafna ftit kellhom għażla ħlief li jikkonvertu l-Kristjaneżmu. L-istatus tagħhom bħala 'Nsara ġodda', waqt li fuq livell wieħed jenfasizza l-bidla tar-reliġjon tagħhom, fuq livell ieħor jirrifletti livell tal-perċezzjoni popolari li l-konverżjoni tagħhom kienet riċenti ħafna u allura ma kellhomx ikunu fdati. Dan is-sentiment żdied maż-żmien u kkontribwixxa direttament għat-twaqqif tal-Inkwiżizzjoni Portugiża fl-1536. Maż-żmien, l-idea li kienet hemm differenza fundamentali bejn 'Insara ġodda' u 'Nsara Antiki' ġiet minquxa fil-liġi.

It-tneħħija tad-diskriminazzjoni mir-Re Ġużeppi tal-liġi fl-1773 tista' tidher bħala att ta' bniedem ta' kuxjenza. Imma fir-realtà hu ħalla t-tmexxija tal-pajjiż f'idejn il-ministri tiegħu waqt li hu kien moħħu fl-interessi privati tiegħu. Fil-fatt il-liġi saret mill-Prim Ministru tiegħu, Sebastião de Carvalho e Melo, Markiż ta' Pombal. Din kienet waħda mill-ħafna riformi li saru fil-Portugall tul il-mandat tiegħu. Ta' min jinnota b'mod partikulari l-abolizzjoni tal-iskjavitù fil-Portugall u r-riorganizzazzjoni li għamel tal-forzi armati.

Għalkemm teknikament l-att tal-1773 ma ġabx fi tmiemha l-Inkwiżizzjoni, dan kien sinjal ta' lejn fejn kienet sejra s-soċjetà Portugiża. L-inkwiżituri issa kellhom jissodisfaw ruħhom li jagħmlu prosekuzzjoni tal-ateisti u dawk meqjusa sesswalment devjanti. Il-parlament Portugiż finalment abolixxa l-Inkwiżizzjoni fl-1821.







Riġment tal-Infanterija tal-Irlanda. Ktieb tal-Uffiċjali, l-Ewwel Surġenti u Kadetti tar-Riġment, miżmum sal-1776, 1774-1776

Ktieb mux illegat b'100 paġna, miktub bl-idejn, formoli stampati fuq il-karta; 21,2 x 30,3 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja– Arkivju Ġenerali ta' Simancas

Referenza: ES.47161.AGS/3.18.-1//SGU, LEG, 2600,2

# Is-Suldati Irlandiżi ta' Spanja: Dokumenti tas-servizz mill-1774

Dan id-dokument huwa parti minn kollezzjoni ta' dokumenti tas-servizz ta' uffiċjali Irlandiżi, surġenti u l-kadetti li servew fl-Armata Spanjola fl-1774. Huwa ta' suldat jismu Vicente Kindelan, li sa dak iż-żmien kien laħaq brigadier u li l-età tiegħu hi mniżżla 63 sena. Bħal dokumenti oħra fis-serje, id-dettalji tal-karriera tiegħu huma mogħtija b'mod ċar ħafna u konċiż fuq formola stampata. Meta naraw il-kollezzjoni sħiħa, għandna dokumenti ta' valur kbir bl-ismijiet tas-suldati, l-etajiet, il-promozzjonijiet, it-reġimenti tagħhom u l-kampanji li ġġieldu fihom.

Matul is-seklu 17 u 18, eluf ta' rġiel ħallew l-Irlanda biex ifittxu impjieg bħala suldati fl-armati tad-diversi stati tal-Ewropa ċentrali. Il-parti l-kbira ta' dawn il-migranti militari kienu Kattoliċi Rumani li kienu qed ifittxu li jitilqu minn art immexxija mill-gvernijiet mmexxija minn Protestanti bħall-Gran Brittanja u l-Irlanda. Kull darba li l-Irlandiżi Kattoliċi kienu jsofru minn daqqa ta' ħarta militari sinifikanti, kienet isseħħ mewġa ġdida ta' migrazzjoni. Dan kien b'mod speċjali evidenti wara r-ribelljoni ta' Desmond fl-1583, ir-ribelljoni ta' Tyrone tal-1593-1603, il-konwista tal-Irlanda minn Cromwell (1649-1653) u l-gwerra Ġakobita tal-1688-1691.

Aspett ieħor determinanti qawwi kien id-domanda kbira li kien hemm għal suldati f'dak iż-żmien. Matul il-Gwerra ta' Tletin Sena (1618-1648) kienu qed jinħolqu armati ikbar. U maż-żmien, mexxejja assolutisti bħal Lwiġi XIV ta' Franza u Federiku II tal-Prussja fittxew li jissodisfaw l-ossessjonijiet marzjali tagħhom billi jibnu u jużaw formazzjonijiet militari kbar.

Għalkemm l-Irlandiżi kont issibhom f'forzi armati ta' numru ta' pajjiżi Ewropej, dawn kienu jxaqilbu lejn dawk ta' Franza u Spanja Kattoliċi. Fil-fatt, tlieta mir-riġmenti ta' fanterija Irlandiża li sabu posthom sew fl-armata Spanjola tul is-seklu 18, fil-verità ttrasferew ruħhom mis-servizz Franċiż bejn is-snin 1709 u 1715. Kienu magħrufa bħala r-riġmenti Irlandia, Ultonia, u Hibernia. Is-suldati Irlandiżi ta' Spanja ġġieldu mhux biss fuq il-peniżola Iberika nfisha, imma wkoll fil-Fjandri, l-Italja, l-Afrika ta' Fuq u l-Ameriki.

Għalhekk l-esperjenzi ta' Vicente Kindelan jistgħu jitqiesu bħala simili ħafna għal dawk ta' bosta ġenerazzjonijiet ta' Irlandiżi li sabu impjieg fl-armati ta' Spanja. Iktar minn hekk, tnejn minn ulied Kindelan għamlu karriera militari mill-aqwa. Ibnu l-kbir, Sebsastian, laħaq kurunell fl-armata Spanjola u gvernatur tal-kolonja Spanjola ta' Kuba. Ibnu ieħor, Juan, ukoll daħal fis-servizz militari Spanjol u mexxa wieħed mir-riġmenti mibgħuta biex jingħaqdu mal-Grand Armée ta' Napuljun Bonaparti tul is-snin 1809-1813. Għal ħafna Irlandiżi ta' talent, Spanja kienet toffri opportunitajiet li ma kinux ħa jsibu f'art twelidhom.


Tripoli di Barbaria li 25 di Giunio 1792

Ittri ta’ Pietro Stellini lil ommu u lil martu, 25–6–1792

4 paġni ġewwa volum, manuskritt fuq il-karta; 35 x 26,5 ċm

L-Arkivji Notarili ta’ Malta

Referenza: NAV Verbali, 1791: Stellini

# Il-Kursar Nawfragat

Il-ħajja setgħet tkun iebsa u perikoluża għal kursar fil-Mediterran tas-seklu tmintax. L-ittri tal-baħri Malti Pietro Stellini jiftħulna tieqa rari f'dinja xi ftit jew wisq imbiegħda minn dik assoċjata mal-pirati avventuriera ta' Hollywood interpretati minn nies bħal Errol Flynn u Burt Lancaster.

Il-korrispondenza hi tal-25 ta' Ġunju 1792 u tirrakkonta vjaġġ diżastruż li Stellini għamel f'ġifen żgħir (galjotta) taħt il-kmand tal-Kaptan Beneditto Valentini. Fl-ewwel żewġ ittri Stellini jikteb lil ommu f'Malta, u jagħtiha dettalji tal-vjaġġ tal-ġifen u minn xiex għadda.

Hu jiddeskrivi kif il-ġifen beda jitqabad mat-tempesta meta kienu ħallew il-kosta tat-Tuneżija bejn Djerba u Sfax:

*'...f'erba' okkażjonijiet separati, il-mewt ħadna għalkollox, imma għall-grazzja ta' Alla ħlisnieha u sa nżul ix-xemx kulħadd kien qed jitlob għar-ruħ miżerabbli tiegħu.'*

L-ekwipaġġ kompla jħaffef il-ġifen:

*'btieti ta' nbid u ilma, xkubetti, pistoli, xwabel, balal tal-kanuni, imqadef, ħwejjeġ, kollox intefa' l-baħar waqt li aħna għal darb' oħra fdajna ruħna f'idejn Alla.'*

Eventwalment, mhux bogħod mill-port ta' Tripli, il-ġifen intlaqt minn żewġ mewġiet kbar u nqaleb u għereq. Stellini jagħtina rendikont tar-riżulat traġiku:

*'…stajt biss nisma' l-ilħna u l-krib ta' sħabi qed imutu. Ma stajt nagħmel xejn. Imbagħad ippruvajt ngħum sax-xatt…'*

*'…tajt ruħi b'mejjet meta f'daqqa waħda laqtitni mewġa u beżqitni għal fuq ix-xtajta u hemm bqajt mixħut bil-qmis ta' fuqi biss, mirżuħ bil-ksieħ. Filgħodu rajt il-galjotta li kienet ġiet mibżuqa fuq ix-xatt flimkien mal-baħrin mejta tagħna. Sebgħa minna biss ħelsuha. Il-bqija ntilfu.'*

Stellini jikkonkludi billi jinnota li għalkemm kien qed jinżamm fil-ħabs mill-mexxej ta' Tripli (Ali I tad-dinastija Karamanli), '*aħjar tkun ilsir milli mejjet bħall-oħrajn*.'

It-tieni ittra hi indirizzata lil mart Stellini, u tikxef li ż-żwieġ kien ilu mhux sejjer tajjeb. Is-sentenza qarsa li biha jiftaħ tgħid volumi sħaħ:

*'Qed nagħtik l-aħbar li int dejjem xtaqtli, jiġifieri [meta int] dejjem sħitt li jien għad nispiċċa lsir jew nintemm fil-baħar.'*

L-ittri ta' Pietro Stellini għadhom sħaħ fl-Arkivju Notarili ta' Malta għax intużaw kemm minn ommu u kemm minn martu bħala parti minn proċeduri legali biex jitolbu lura dak li kien dovut lilu minn xi vjaġġ ta' qabel. Barra minn hekk, jibqgħu bċejjeċ importanti ta' xhieda, li jagħtuna ħjiel tal-inċertezzi assoċjati mal-ħajja fil-marġini tas-soċjetà pre-moderna. Fl-istess ħin jagħtuna rakkont dettaljat u immedjat ħafna ta' tip ta' sfortuna li ħafna baħrin batew fi Żmien it-Tbaħħir.



Duplicate
No. 86.

Malta
Decr 17th 1841.

My Lord,

I have to acknowledge your Lordship's Despatch No. 11. of the 11th November, enclosing copy of a Note which the Sicilian Chargé d'Affaires had addressed to Her Majesty's Secretary of State for Foreign Affairs regarding certain Sicilian Refugees in Malta, and demanding their expulsion from the Island, on the ground of their abusing the

To.
The Right Honorable
Lord Stanley
&c &c &c

675



received your Lordship's instructions, to adopt this line of proceeding towards such Political Foreign Refugees as may attempt to convert the Free press of Malta into a weapon of attack against their respective Governments, and I have no doubt that the warning that has been given to the Sicilian Refugees will be useful in restraining others.

I have the honor to be,
My Lord,
Your Lordship's
Most obedient
humble Servant.

677

Talba mill-Gvern ta' Sqallija biex jitkeċċew refuġjati li allegatament kienu qed jabbużaw mil-libertà tal-istampa, 17–12–1841, Malta

5 ġewwa volum, manuskritt fuq il-karta; 20 x 31,5 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta

Referenza: GOV 1/2/19

# Rifuġjati politiċi Taljani f'Malta tul ir-Risorġiment

Il-ħajja ta' refuġjat dejjem kienet waħda iebsa, partikularment għal dawk li għażlu li jibqgħu politikament attivi fl-eżilju.

Dan id-dokument hu koppja doppja ta' ittra mibgħuta mill-Gvernatur Ingliż f'Malta, Sir Henry Bouverie, lis-Segretarju għall-Kolonji Lord Stanley f'Diċembru 1841. Bouverie jinforma lil Stanley li uffiċjali Sqalli kiteb lis-Segretarju Brittaniku għall-affarijiet barranin dwar ċerti refuġjati Sqallin f'Malta, u jitolbu:

'it-*tkeċċija* tagħhom mill-gżira, għax qed jabbużaw mil-libertà tal-istampa billi jippubblikaw artikli li jqanqlu għal rivolta fid-dominji tal-Maestà Sqallija Tiegħu.'

Stanley jinnota li l-awtoritajiet Sqallin identifikaw żewġ ġurnali partikulari li jixirqilhom jiġu ċċensurati: l-*Aristide*, editjat minn Mr Costanzo, u *Il Corriere Maltese*, editjat minn Costanzo, u Messrs Tornabene u Fernandez flimkien.

Malta, hekk qrib tal-istati Taljani, saret kenn importanti għal numru ta' ħassieba u rivoluzzjonarji Taljani tul is-snin li fihom kien attiv ir-Risorġiment. Dan il-moviment qam bħala reazzjoni għall-ħakma Awstrjaka fuq l-istati individwali Taljani wara l-għeluq tal-Gwerer Napoleoniċi fl-1815. Ġabar fih l-isforzi ta' firxa ta' gruppi rivoluzzjonarji li riedu jgħaqqdu l-Italja. Costanzo, Tornabene u Fernandez, bl-isforzi partikulari tagħhom, kienu kisruha mas-Saltna taż-Żewġ Sqallijiet, dak iż-żmien immexxija minn Ferdinandu II tad-dinastija Bourbon. Is-saltna nfisha kienet waħda kbira, tiġbor fiha l-gżira ta' Sqallija kif ukoll ħafna mill-Italja ta' isfel.

Fl-ittra tiegħu, Bouverie jkompli jgħid li Costanzo kien mar joqgħod Algiers xi xhur qabel, u li Tornabene u Fernandez kienu ġew imwissija li:

*'jekk mil-lum 'il quddiem jippubblikaw, f'għamla tkun li tkun, xi kitba li tipprova tqanqal għal rivolta jew skuntentizza fid-dominji tal-Maestà Sqallija Tiegħu, jew jiktbu xi ħaġa biex tikkawża ilment ġust lil dak il-gvern, jiġu minnufih ordnati jitilqu minn Malta.'*

Bouverie jżid li hu inklinat jemmen li Tornabene u Fernandez issa kienu se jieqfu jippubblikaw xogħlijiet politiċi, mhux b'inqas għax il-'ġurnal tagħhom waqaf xi tnax-il xahar ilu'.

Jagħlaq,

*'Jiena kuntant li rċivejt l-istruzzjonijiet tiegħek biex nadotta din il-linja ta' kif nimxi ma' refuġjati politiċi barranin bħal dawn li jippruvaw jibdlu l-istampa libera ta' Malta f'arma ta' attakk kontra l-gvernijiet rispettivi tagħhom, u m'għandi l-ebda dubju li t-twissija li ngħatat lir-refuġjati Sqallin sa sservi biex twissi lil oħrajn.'*

Ġara li, is-snin ta' oppressjoni fis-Saltna taż-Żewġ Sqallijiet ma kellhomx itulu wisq aktar. Ir-reġim ġie mneħħi mill-qawwiet ta' Giuseppe Garibaldi fl-1860, u sal-1870 kienet inkisbet l-unifikazzjoni sħiħa tal-Italja.



Duplicate

No. 14.

Malta
February 12th 1848.

My Lord,

I have the honor to acknowledge the receipt of your Lordship's Despatch No. 14 of the 12th ultimo, transmitting for my information and guidance copy of a correspondence which passed at the close of the year 1844 between the Turkish Ambassador in England and the Earl of Aberdeen, respecting certain slaves who were seized and emancipated at Zante from a Turkish vessel bound from Tripoli to Constantinople, together with copies of two despatches from Her Majesty's

To The Right Honorable
Earl Grey
&c &c &c

225



"where it still exists" and I have been assured that in the occasion in question, every effort was made to induce the emancipated persons to go to Tunis, or elsewhere where there would be no chance of their being claimed by their former owners, but that they obstinately persisted in being sent to Tripoli.

I have the honor to be,
My Lord,
Your Lordship's
Most obedient
humble Servant

Dispaċċ mill-Gvernatur ta' Malta lis-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji u l-Gwerra, 12–2–1848, Malta

4 paġni minn volum, manuskritt fuq il-karta; 20 x 31,5 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta

Referenza: GOV 1/2/23

# Id-Dispaċċ tal-Gvernatur: L-Iskjavitù fil-Mediterran

Il-Mediterran kien minn dejjem borma mħawra ta' popli, kulturi u ideat. Punt ta' konnettività għall-Ewropa, l-Afrika u l-Asja, ilu żmien twil iservi bħala rotta kummerċjali ta' prodotti ta' kull tip. Dan jinkludi l-kummerċ tal-ilsiera, qerriedi imma li jġib ħafna flus, prattika li kienet uffiċjalment permessa f'xi pajjiżi sas-seklu għoxrin.

Nistgħu ngħidu li l-kummerċ tal-ilsiera fil-Mediterran kien fl-agħar tiegħu fil-Mediterran fis-sekli 16, 17 u 18, meta l-Imperu Ottoman (iċċentrat fit-Turkija tal-lum) kien fl-aqwa tiegħu, u portijiet fl-Afrika ta' Fuq, bħal Algiers, Tuneż, u Tripli (tul l-hekk imsejħa Kosta tal-Barbarija) kienu jagħmlu profitti kbar mill-bejgħ ta' bnedmin. Sa nofs is-seklu 19 oppożizzjoni attiva mill-Istati Uniti tal-Amerika u xi pajjiżi Ewropej kienet rażżnet bil-kbir dawn l-intrapriżi, u rrestrinġiethom għal numri dejjem jiċkienu. Madankollu, kif juri dan id-dokument, l-iskjavitù fil-Mediterran kien għadu jeżisti sas-snin 1840.

Dan id-dokument hu l-kopja doppja ta' dispaċċ mibgħut mill-Gvernatur Ingliż ta' Malta, Richard More O'Ferrall lis-Segretarju għall-Kolonji, Henry Grey, it-3 Earl Grey, fit-12 ta' Frar 1848. Fih, O'Ferrall jgħid li rċieva d-dispaċċi li bagħatlu Grey dwar xi wħud li kienu lsiera u fl-aħħar żmien kienu ttieħdu minn Malta għal Tripli. Fl-1844 ġifen Tork li kien qed jivvjaġġa minn Tripli għal Kostantinopli (illum Istanbul) twaqqaf mill-Ingliżi fil-gżira Griega ta' Zante (Zakynthos) u tnax-il ilsir (ħdax-il mara u raġel) ġew meħlusa. Madankollu, billi ntbagħtu minn Zante lejn Malta, 'tħallew jirritornaw Tripli fil-21 ta' Ottubru li għadda [1847] fuq l-iskuna Ingliża "Susan"'.

Waqt li jirrikonoxxi dan kollu, O'Ferrall imbagħad ikompli joffri spjega għal dak li kien ġara:

'*Noqgħod għall-fehma espressa lilek mill-Viżkonti Palmerston* [is-Segretarju għall-Affarijiet Barranin] *"li hu mixtieq ħafna li persuni li fil-futur jistgħu jsibu ruħhom f'qagħda simili, għandhom jintbagħtu Tuneż fejn l-iskjavitù tneħħa għalkollox pjuttost milli Tripli fejn għadu jeżisti": u ġejt żgurat li fl-okkażjoni msemmija, sar kull sforz biex il-persuni meħlusa jintbagħtu Tuneż, jew xi mkien ieħor fejn ma jkun hemm ebda ċans li s-sidien li kellhom qabel jitolbuhom lura, imma huma baqgħu jwebbsu rashom li jintbagħtu Tripli.*'

Ma nafux għaliex it-tnax-il lsir meħlusa għamlu din l-għażla perikoluża. Bħal ħafna miljuni oħrajn f'din il-qagħda, x'ġara minnhom minn hemm 'il quddiem ma nafux.






Rapport, b'biljett mehmuż, tal-Ministru tal-Intern Alexander von Bach dwar lotterija li kienet għaddeja f'Ġinevra b'risq l-emigranti mill-Ġermanja, Franza, l-Italja, il-Polonja u l-Ungerija, 11–6–1850, Vjenna

1 folder, 4 paġni, karta, miktuba bl-idejn: 2 paġni 27,0 x 21,1 ċm; 1 paġna 35,4 x 21,8 ċm; dokument stampat: 1 paġna 10,6 x 8,9 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka

Referenza: CZ NA, ČG-PGT, L 23, 1850

# Lotteriji b'risq ir-Refuġjati: Ir-rapport ta' Alexander von Bach tal-1850

Fl-1848, fil-parti l-kbira tal-Ewropa faqqgħu bosta rivoluzzjonijiet. Dawn kienu mqanqlin minn bosta kwistjonijiet: xewqa popolari għal parteċipazzjoni akbar fit-tmexxija, il-kundizzjonijiet soċjali kienu sejrin lura wara r-Rivoluzzjoni Industrijali, il-ġuħ dejjem jiżdied minħabba serje ta' staġuni tal-ħsad ħżiena, u n-nazzjonaliżmu dejjem jikber (fit-territorji tal-Ewropa ċentrali u tan-nofsinhar). Il-qawmien heżżeż lil bosta reġimi fil-qalba tagħhom, l-iktar Franza, il-Ġermanja u l-Awstrija. Imma ma tawwalx; sa tmiem is-sena ta' wara, il-ġerarkija konservattiva kienet reġgħet ħadet it-tmun f'idejha f'ħafna postijiet.

Ir-rapport ta' Alexander von Bach fil-11 ta' Ġunju 1850 jurina x'kienet is-sitwazzjoni fl-Awstrija. Ir-rivoluzzjonijiet fl-artijiet Ħabsurgi kienu serji u mifruxa sew. F'punt minnhom, l-imperatur u l-awtoritajiet governattivi ħarbu minn Vjenna, u kien biss meta l-armata reġgħet rebħet il-belt tard f'Ottubru 1848 li reġgħu ħadu l-poter f'idejhom. Fl-Ungerija kien hemm qawmien nazzjonalista, u kellhom bżonn l-għajnuna militari mill-Awstrija biex joħonquh.

Bach u s-superjur immedjat tiegħu, il-Prinċep Felix zu Schwarzenberg, kienu ż-żewġ statisti li eventwalment raw li jitwaqqaf reġim neo-assolutista fl-Awstrija. Ir-rapport ta' Bach jikxef l-antipatija tiegħu lejn ir-rivoluzzjonarji Ewropej. Ħafna kienu sabu kenn fl-Iżvizzera, u kienu ġew qed ikun mgħejjuna bil-bejgħ ta' biljetti minn lotterija organizzata apposta. Bach, bħal ministri oħra neo-assolutisti Ewropej, kien ħerqan li ma jħallix din l-iskema ta' ġbir ta' fondi tixtered f'pajjiżi oħra. Ir-rapport juri li skema bħal din kienet waslet fl-Awstrija u li kellu jsir dak kollu possibbli biex jiġu osservati u mwaqqfa l-attivitajiet ta' dawk responsabbli.

Direttiva hekk awtoritarja kienet iddoqq sew mal-politika tar-reġim quddiem ir-rivoluzzjonijiet. F'Diċembru 1848, Schwarzenberg ra li flok l-imperatur dgħajjef Ferdinandu I jitla' ż-żagħżugħ flessibbli Franġisku Ġużeppi I. Żarma l-konvenzjoni kostituzzjonali li kienet twaqqfet aktar kmieni dik is-sena. Meta Schwarzenberg miet fl-1852, Bach ħa postu fl-implimentazzjoni tan-neo-assolutiżmu Awstrijakk. Miżuri prinċipali bħala reazzjoni kienu jinkludu r-restrizzjonijiet tal-libertà tal-istampa, l-abbandun ta' ġuri pubbliċi, żieda fis-sorveljanza, u t-twaqqif mill-ġdid tal-kastig korporali mill-pulizija. Barra minn hekk, il-Knisja Kattolika Rumana ngħatat poteri ta' ċensura ġodda kif ukoll rwol superviżiv fejn tidħol l-edukazzjoni.

Waqt li r-rivoluzzjonarji tal-1848 fallew bil-kbir li jaslu għall-għanijiet tagħhom, il-libertajiet li huma ġġieldu daħlu maż-żmien. Sadattant, il-lotteriji li jsemmi Bach fir-rapport tiegħu kixfu wieħed mill-aspetti iktar nobbli tal-bniedem: ix-xewqa li juri solidarjetà ma' dawk li qed ifittxu li jibnu soċjetà progressiva u iktar ġusta.


REVENUE OFFICE 24 APR 1919 MALTA

Landing at Malta

List of Persons embarked in H.M.S. "Marlborough" on
the 7th., 8th. and 9th April
@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@

Her Imperial Majesty The Empress Marie Feodorovna of Russia.
~~The Grand Duke Nicholas.~~
~~and the Grand Duchess Anastasia.~~
~~The Grand Duke Peter~~
~~and the Grand Duchess Militsa.~~
The Grand Duchess Xenia.
~~Prince Roman.~~
~~Princess Marina.~~
Prince Feodar.
Prince Nikita.
Prince Dmitri.
Prince Rostislav.
Prince Vassili.
Prince Yousoupoff and Princess Yousoupoff(Senoir).
Princess(Olga)Orloff.
Prince Orloff and Princess Nadeisgda Orloff,and child Princess Iri
Prince Yousoupoff and Princess Yousoupoff(Junior)and child Princes
Irina.
Princess Dolgorouki,Prince Dolgorouki(son),and Child(neice)
Princess Olga ,and Child Princess Dolgorouki.
Princess Obolensky.
Prince Viasemsky and Princess Viasemsky.
The Countess Mengden.
Mlle.Evreinoff.
Colonel Prince Obeliani.
~~The Count Tyskiewich and Countess Tyskiewich.~~
~~Baron Staal and the Baroness Staal,and Daughter,Baroness Marie Sta~~
General Chatelaine,Mme Chatelaine and child.
General Foguel.
~~M.Boldyreff.~~
~~Dr Malama.~~
Count Fierson.

Nurses,Maids and Men Servants in Attendance.

With Her Majesty...Mlle Greenvelt.
Maids.Vassielavna,Vassielevna.
Men.Uyaes.Cossacks.Yastchick and Polikoff.
~~With the Grand Duke Nicholas. Maids.Michaelonka.Michaelonka,Grussberg. Men.Smirnoff,Tataveroff.~~
With The Grand Duchess Xenia. Nurse(English)Miss Coster.
Maids.Pavloff,Balousieva,Alfananowa,Pavlova.
Sobelora.
Man.Kalomina.
~~With The Grand Duke Peter. Maids.Youpkova,Morat,Kouptsova,Pesarevski, Froloff.Man.Froloff.~~
With Prince Yousoupoff. Nurse.(English) Miss Henton.and Maid.
Maids.Lata and Leviton.
Men.Tessfay,Harpin,Pierreoff.
With Princess Orloff. Governess(English)Miss Turk.
Maids.Antoninova,Shouberina,Prakafia
With The Ladies in Waiting. Maids.Apsa,Ozer,and Adele.
With Princess Dolgorouki. Coverness(English)Miss King.
Maid Louise.
Nurse(English)Radkins.
Man.Ch uriloff.

P.T.O.

# Bil-Bastiment tal-Gwerra lejn Malta: Is-Salvataġġ tar-Romanov fl-1919

L-eżekuzzjoni tal-Kżar Nicholas II u l-familja immedjata tiegħu fis-sigħat bikrin tas-17 ta' Lulju 1918 fetħet kapitlu ġdid u mdemmi fir-rivoluzzjoni Russa. Il-futur tal-Kżar ma kienx ċar wara r-rivoluzzjoni tal-1917. Nikola II abdika mit-tron f'Marzu u saru tentattivi biex jiġi eżiljat lejn pajjiż ieħor. Meta dan ma seħħx, il-Kżar kien fil-ħniena tal-Bolxevisti, li kisbu kontroll fuq il-gvern Russu fir-Rivoluzzjoni ta' Ottubru 1917. Din il-vjolenza kienet theddida gravi għall-membri tal-familja rjali iktar estiża tar-Romanov li kienu għadhom barra. Il-Gwerra Ċivili Russa kienet fl-aqwa tagħha, u dawret lill-forzi tal-Armata Russa tal-istat ġdid komunista kontra dawk tal-Moviment Abjad anti-komunista. Waqt li l-Armata l-Ħamra kienet riesqa lejn rebħa, l-unika għażla li kien fadal għar-Romanov kienet li jaħarbu fl-eżilju.

Dan id-dokument jixhed il-karba tagħhom għall-għajnuna. Hu parti minn *pratique* mibgħut mill-Kaptan Charles D. Johnson tal-vapur tal-gwerra Marlborough mal-wasla ta' dak il-bastiment fil-port ta' Malta fl-20 ta' April 1919. *Pratique* kien il-permess meħtieġ biex bastiment jidħol fil-port. F'dan il-każ naraw inkluża lista li tagħti l-ismijiet tad-diversi membri tal-familja Romanov (u l-qaddejja tagħhom) li telgħu fuq il-Marlborough biex jaħarbu mir-Russja. L-Ammiraljat kien bagħat dan il-vapur fil-Krimea b'dak l-għan speċifiku f'moħħu.

Prominenti fuq nett tal-lista hemm l-Imperatriċi Marija Fyodorovna, omm Nikola II. Ta' min jinnota wkoll ir-raba' wild ta' Marija, il-Gran Dukessa Xenia Alexdrovna, u numru minn ulied Xenia stess: il-prinċpijiet Feodor, Nikita, Dmitri, Rostislav, u Vasili. Il-Prinċep Feliks Yusupov (il-15 fil-lista, flimkien mal-familja tiegħu) kien wieħed mill-kospiraturi li qatlu lil Grigori Rasputin fl-1916; jingħad li kien jinstema' jiftaħar dwar dan l-att fil-vjaġġ mill-Krimea lejn Malta. Il-marki fuq il-lista jidentifikaw dawk il-persuni li kien ikkonfermat li waslu Malta. Il-passiġġieri bil-linji maqtugħa fuq isimhom kien fost dawk li niżlu nofs triq f'Kostantinopli.

Ir-Romanov bl-ebda mod ma kienu waħidhom fix-xewqa tagħhom li jaħarbu mir-reġim Komunista. Iktar tard dik il-ġimgħa wasal Malta vapur ieħor b'500 ruħ, irġiel, nisa u t-tfal, li ħafna minnhom kienu rifuġjati Russi Bojod. Magħhom f'temp ta' ftit snin kellhom jingħaqdu ħafna mijiet ta' eluf oħrajn.

Il-*Pratique* biex HMS Marlborough jidħol fil-Port ta' Malta, 20–4–1919, Malta

3 faċċati, typewriter, karta; 20 x 32 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta

Referenza: NAM/CUS/18/1911





Għassa ma' Trotsky, 09–1936, Ir-razzett Sundby ġewwa Hurum (Norveġja)

2 ritratti suwed u bojod, karta; 6,7 x 10,8 ċm

Mużew tal-Ġustizzja

Referenza: NRMF.06102

# Trotsky fl-Eżilju: Is-Soġġorn fin-Norveġja

Jidher li Leon Trotsky (1879-1940) ma kellux kwiet. L-ewwel snin tiegħu bħala rivoluzzjonarju ma għamlulux wisq fama tajba f'art twelidu u sabha bi tqila biex iwaqqaf post mnejn jopera. Tul l-ewwel għoxrin sena tas-seklu għoxrin hu għex (jew għadda minn) fl-Ingilterra, Franza, l-Awstrija, l-Iżvizzera, Spanja u l-Istati Uniti tal-Amerika.

Il-pożizzjoni tiegħu bħala waħda mill-figuri ewlenin li mexxew ir-Rivoluzzjoni ta' Ottubru 1917, kif ukoll bħala kap tal-Armata l-Ħamra fil-Gwerra Ċivili Russa (1918-1920), suppost ġabu ftit stabbiltà f'ħajtu. Imma t-tifrik fir-relazzjoni bejn Trotsky u l-mexxej il-ġdid tal-Unjoni Sovjetika, Joseph Stalin, wassluh f'eżilju permanenti. Mar it-Turkija fl-1929 u mbagħad Franza fl-1933. Fl-aħħar, fl-1935, mar in-Norveġja wara li rnexxielu jikseb permess biex jgħix hemm.

Fir-ritratt naraw lil Trotsky u martu, Natalia Sedova, f'ambjent ta' razzett. Jidhru pjuttost kalmi meta tqis iċ-ċirkustanzi tagħhom, li hi ħaġa sorprendenti meta tqis li kienu taħt arrest domiċiljari f'dak iż-żmien.

Mal-wasla fin-Norveġja, Trotsky u Sedova kienu saru l-mistiedna tal-politiku xellugi Konrad Knudsen f'daru f'Norderhov, qrib Hønefloss. Għall-ewwel l-affarijiet imxew ħarir, bi Trotsky jitħalla f'ċerta libertà. Imma, sas-sajf tal-1936 il-preżenza ta' Trotsky fil-pajjiż qajmet dibattitu politiku jaħraq. L-oppożizzjoni mill-partit lemini estrem ta' Vidkun Quisling, in-Nasjonal Samling, għamlet minn kollox biex tiżbroffa sitwazzjoni li diġà potenzjalment kienet taħraq ħafna, partikularment meta diversi membri ta' dak il-partit fil-parlament għamlu serqa mill-proprjetà ta' Norderhov u ħadu xi karti ta' Trotsky.

Il-karti kienu meqjusa minn xi wħud bħala prova tal-interess kontinwu ta' Trotsky f'attività politika sovversiva. Ismu mbagħad tela' fl-aħbarijiet internazzjonali meta l-Aġenzija tal-Istampa Sovjetika (TASS) ħabbret li nkixef kumplott anti-Stalinist li fih Trotsky allegatament kellu rwol ewlieni. Il-gvern Norveġiż ordna l-arrest ta' Trotsky u ġie ttrasferit lejn ir-Razzett ta' Sundby, qrib Hurum ('il barra minn Oslo), fejn ittieħed dan ir-ritratt. Trotsky u Sedova ġew imġiegħla jibqgħu ġewwa għal ħafna mill-ħin tagħhom hemm, u kienu jitħallew joħorġu barra biss għal ftit sigħat kuljum.

Eventwalment, f'Diċembru 1936, il-koppja ġiet deportata min-Norveġja fuq tanker taż-żejt Norveġiż lejn il-Messiku. Din kellha tkun l-aħħar destinazzjoni ta' Trotsky. Fl-20 ta' Awwissu 1940 ġie attakkat fid-dar Messikana tiegħu mill-aġent tal-NKVD Ramón Mercader u miet l-għada bil-ġrieħi li ġarrab. Hu kien baqa' kritiku ħafna tat-trattament li kien irċieva mill-awtoritajiet Norveġiżi.



Suldati tal-Battaljun Dabrowski Battalion tal-150 Brigata Internazzjonali fil-funeral tal-Ġeneral Paul Lukács, 12–6–1937

1 ritratt iswed u abjad; 21,0 x 29,7 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – Ċentru għad-Dokumentazzjoni tal-Memorja Storika

Referenza: ES.37274.CDMH/10.69.3.-1// FOTOGRAFÍAS_EMIL_VEDIN, 434

# Suldati internazzjonali fil-Gwerra Ċivili Spanjola

Il-Gwerra Ċivili Spanjola ma damitx ma ħadet dimensjoni internazzjonali wara faqqgħet fis-sajf tal-1936. Il-qawwiet prinċipali Ewropej – Franza, l-Ingilterra, il-Ġermanja, l-Italja u l-Unjoni Sovjetika – ma damux biex kisru l-patt li kienu iffirmaw li bih intrabtu ma jintervjenux. Kemm il-Ġermanja ta' Hitler kif ukoll l-Italja ta' Mussolini bagħtu truppi u armamenti militari biex jgħinu lin-Nazzjonalisti ta' Spanja, waqt li l-Unjoni Sovjetika bagħet għajnuniet lill-gvern Repubblikan. Iżjed minn hekk, għexieren ta' eluf ta' voluntiera barranin ingħaqdu man-naħa Repubblikana, f'dik li għal ħafna minnhom kienet ġlieda importanti kontra l-Faxxiżmu.

Il-voluntiera kienu ffurmati f'dawk li saru magħrufa bħala l-Brigati Internazzjonali. Dawn kienu amministrati minn Pariġi mill-Comintern (il-korp ikkontrollat mis-Sovjetiċi u ddedikat biex jissorvelja l-moviment Komunista fuq livell internazzjonali). Matul il-gwerra nħolqu seba' brigati, kull waħda terġa' tinqasam f'battaljuni bbażati skont in-nazzjonalità. In-nies tal-Battaljun ta' Abraham Lincoln, ngħidu aħna, kienu ġejjin mill-Istati Uniti tal-Amerika, waqt li dawk tal-Battaljun ta' Dabrowski kienu Pollakki eżiljati li fl-aħħar żmien kienu jaħdmu fil-minjieri ta' Franza u l-Belġju.

F'dan ir-ritratt jidhru uħud mill-irġiel tal-Battaljun ta' Dabrowski. Jinsabu f'Valencia għall-funeral tal-Ġeneral Paul Lukács, li kien inqatel fl-offensiva Repubblikana ta' Huesca f'nofs Ġunju 1937, li kienet falliet. L-isem veru ta' Lukács kien Béla Frankl li kien kittieb ta' oriġini Ungeriża kif ukoll suldat. Għall-bidu kien assenjat lit-XII-il Brigata Internazzjonali (li minnha l-Battaljun ta' Dabrowski kien jagħmel parti), qabel ħa l-kmand tal-45 Diviżjoni. Mid-dehra kien figura maħbuba li kienet tgawdi ħafna rispett, almenu minn dak li jidher minn dawn ir-ritratti.

Il-fotografu, Emilio Rosenstein, kien huwa wkoll figura pjuttost notevoli. Kien eżiljat Pollakk li kien studja l-mediċina fi Franza qabel ingħaqad mal-Brigati Internazzjonali meta faqqgħet il-gwerra ċivili. Sar tabib tal-armata, l-ewwel nett mal-Battaljun ta' Dabrowski, u mbagħad iktr tard mal-unitajiet armati li ssieħbu mal-Brigati Internazzjonali.

Kollox ma' kollox, il-Brigati ħadmu tajjeb għan-naħa Repubblikana tul il-Gwerra Ċivili Spanjola. Imma, wara l-ewwel entużjażmu kbir fir-reklutaġġ tal-1936, inqas irġiel bdew jissieħbu. In-nuqqas ta' rġiel, minħabba mewt jew ġrieħi, jew għax abbandunaw il-ġlied, ħoloq vojt li normalment kien jimtela minn Spanjoli tal-post.

Il-Prim Ministru Juan Negrín iddeċieda li jżarma l-Brigati Internazzjonali fl-1938 biex jogħġob politikament lill-gvernijiet ta' Franza u l-Ingileterra. Fil-15 ta' Novembru 1938, il-brigati ħadu sehem f'parata kbira ta' tislima f'Barċellona. Xi erba' xhur wara, it-truppi rebbieħa Nazzjonalisti tal-Ġeneral Francisco Franco mmarċjaw f'Madrid u l-gwerra kienet intemmet.




Il-kittieb Norveġiż Nordahl Grieg ma' sieħbu il-korrispondent Gerda Greep u l-poeta Daniż Sigvard Lund fi Plaza del Ángel ġewwa Madrid matul it-Tieni Kungress Internazzjonali tal-Kittieba għad-Difiża tal-Kultura, 5–7–1937 – 8–7–1937, Madrid

1 negattiva ta' ritratt; 23,2 x 16,6 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – Ċentru għad-Dokumentazzjoni tal-Memorja Storika

Referenza: ES.37274.CDMH/10.69.13.-1//FOTOGRAFÍAS_ZÚÑIGA,NEG.,SOBRE,6,10

# Fid-Difiża tal-Kultura: Kittieba Skandinavi fi Spanja matul il-Gwerra Ċivili

Ritratti mill-arkivji għandhom il-qawwa li jagħtuna sens ta' żmien, tal-post u tal-urġenza. Dan ir-ritratt hu wieħed minnhom. Juri lill-kittieba Norveġiżi Gerda Grepp u Nordahl Grieg, flimkien mat-traduttur Daniż Sigvard Lund (qed iżomm basket), quddiem ir-Reina Victoria Hotel fil-Plaza del Ángel ta' Madrid. Ma kinux ilhom li waslu fil-kapitali minn Valencia, u hawn jidhru mgħaġġlin, u qed jitolbu d-direzzjonijiet mingħand uffiċjal Repubblikan Spanjol. Kien kmieni f'Lulju 1937, u huma kienu f'Madrid biex jattendu għat-Tieni Kungress Internazzjonali tal-Kittieba f'Difiża tal-Kultura.

L-Ewwel Kungress Internazzjonali kien seħħ f'Pariġi fl-1935. Kien tentattiv mill-kittieba u intellettwali xellugin biex juru front internazzjonali magħqud kontra t-tifrix tal-Faxxiżmu, materja dejjem iżjed inkwetanti wara li Hitler u l-Partit Nażista Ġermaniż ħadu fil-poter fl-1933. Fost personalitajiet notevoli li attendew għall-Kungress kien hemm Thomas Mann, Maxim Gorky, Aldous Huxley u George Bernard Shaw.

Spanja ma damitx ma saret ċentru għal sforzi bħal dawn wara l-qawmien kontra t-Tieni Repubblika fl-1936. It-Tieni Kungress Internazzjonali seħħ f'Lulju 1937 f'erbat ibliet separati: Valencia (4 ta' Lulju), Madrid (5-8 ta' Lulju), Barċellona (11 ta' Lulju) u Pariġi (16-17 ta' Lulju). Attendew 238 delegat, xi wħud minn pajjiżi li kienu qed jappoġġjaw b'mod attiv lir-Repubblika Spanjola, u oħrajn minn pajjiżi oħra (bħan-Norveġja u d-Danimarka) li kienu żammew pożizzjoni newtrali.

Għadd ta' kittieba ħadu sehem attiv ħafna fil-Gwerra Ċivili Spanjola nfisha. Grepp u Grieg ingħaqdu ma' kittieba oħra Skandinavi biex organizzaw it-tqassim ta' għajnuna lir-Repubblikani, u fetħu wkoll sptar f'Alcoy, Alicante. Grepp kienet partikularment attiva bħala korrispondent tul il-kunflitt, u eventwalment kellha tmur in-Norveġja minħabba saħħitha. Hija mietet bit-tuberkolożi f'Awwissu 1940. L-isforzi anti-Faxxisti ta' Grieg baqgħu għaddejjin tul it-Tieni Gwerra Dinjija, u meta l-qawwiet Ġermaniżi okkupaw in-Norveġja fl-1940, (bħal ħafna Norveġiżi oħra) hu spiċċa fl-eżilju fir-Renju Unit. Inqatlet kmieni f'Diċembru 1943 huwa u jieħu sehem f'bumbardament fuq Berlin.

Ir-ritratt hawn juri tliet individwi b'passjoni kbira għall-kawża tagħhom. Jidhru f'solidarjetà ma' xulxin, u ma' dawk kollha li ssapportjaw il-gvern elett ta' Spanja tul il-Gwerra Ċivili tal-1936-1939.



MINISTÉRIO DOS NEGÓCIOS ESTRANGEIROS
PROTOCOLO

BIBLIOTECA NACIONAL ARQUIVO SALAZAR LISBOA
316

INFORMAÇÃO — RESUMO — PARECER

O Ministro da Romenia chegou a Lisboa devendo deixar este posto no proximo dia 15.

Deseja ser recebido por S.Exa.O Ministro,a quem certamente contará coisas interessantes:os acontecimentos do seu paiz, a abdicação do Rei Carol,motivada principalmente por elle ter encarregado oseu ministro em Moscovo de saber se os Sovietes estariam dispostos a apoia_lo,no caso de desejar resistir á arbitragem de Veneza,o que por Molotov foi transmitido ao Embaixador da Alemanha,etc.

O Ministro encontrou o rei Carol em Barcelona,por acaso segundo diz e deve ser verdade porque vi n'elle um grande receio de se comprometer,e desejaria pedir o apoio do Governo portuguez afim do rei poder vir para Portugal,visto achar-se retido,para não dizer detido,em Espanha a pedido do governo alemão,que recearia que de Portugal sahisse para Inglaterra.

O Rei Carol deseja sahir d'Espanha porque

1º)a sua vinda para Portugal,amavelmente aceite pelo governo portuguez,foi uma das condicções da abdicação;

2º)encontra as maiores dificuldades de vida,prejuisos de cambios,etc;

3º)prendem-n'o a Portugal laços sentimentaes que não existem para com a Espanha.

Está prompto a comprometer a sua palavra em que não

Abdikazzjoni u Eżilju: Il-ħarba ta' Karol II tar-Rumanija lejn il-Portugall, 1940-1941, 1944

24 paġna; typewriter, karta; 21,5 x 27,0 ċm

Torre do Tombo – L-Arkivji Nazzjonali tal-Portugall

Referenza: PT/TT/AOS/D-J/8/2/18

# Abdikazzjoni u Eżilju: Il-ħarba ta' Karol II tar-Rumanija lejn il-Portugall

Nhar is-6 ta' Settembru 1940, ir-Re Karol II tar-Rumanja abdika t-tron favur ibnu ż-żgħir Michael. Huwa kien vittma tas-sitwazzjoni politika fl-Ewropa fil-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Il-ftehim li l-Unjoni Sovjetika u l-Ġermanja għamlu bejniethom f'Awissu 1939, fejn intrabtu li ma jattakkawx lil xulxin, ħalla lir-Rumanija mingħajr appoġġ u vittma tal-ġirien tagħha. Bejn Ġunju u Settembru 1949, ir-Rumanija tilfet il-Bessarabia u Bukovina tat-tramuntana li ħaduhomlha s-Sovjetiċi, it-Transilvanja tat-tramuntana ttieħdet mill-Ungerija, waqt li Dobruja tan-nofsinhar ġiet meħuda mill-Bulgarija. Wara dawn id-diżastri, Karol II ma setax ikompli bħala re.

Karol telaq mir-Rumanija bit-tren bil-ħsieb li jmur il-Portugall akkumpanjat minn grupp żgħir ta' nies, inkluż il-maħbuba tiegħu Magda Lupescu. Dan kien skont il-ftehim tal-abdikazzjoni. Wara li għadda mingħajr problema mill-Jugoslavja, l-Iżvizzera u l-Vichy Franċiża, huwa sab problema kbira ma' wiċċu fuq il-fruntiera Spanjola. Hemm irċieva l-aħbar li l-awtoritajiet Rumeni bidlu l-kundizzjonijiet tal-eżilju u ordnaw lill-eks Re biex jibqa' Spanja. Il-ħsieb kien li peress li Spanja kienet allineata mal-Assi, il-movimenti tiegħu setgħu jkunu osservati u kkontrollati aħjar. Fil-bidu huwa kien joqgħod f'post tal-vaganzi qrib il-baħar viċin Barċellona; wara kien ittrasferit f'lukanda f'Sevilja.

Dan huwa parti minn dispaċċ mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Portugiż. Jispjega l-qagħda li Karol sab ruħu fiha u jinnota li huwa spiċċa miżmum Spanja fuq ix-xewqa tal-Gvern Ġermaniż 'li beża' li huwa jitlaq mill-Portugall lejn l-Ingliterra'. Karol wera x-xewqa li jħalli Spanja u fost l-oħrajn saħaq fuq ir-rabtiet sentimentali tiegħu mal-Portugall, id-diffikultajiet li kellu Spanja u l-ftehim tal-abdikazzjoni oriġinali.

Il-ħarba tiegħu kienet għaqlija daqskemm kienet sempliċi. Fil-bidu tal-1941 l-awtoritajiet Spanjoli ħallew lilu u lil Magda jsuqu għal ħinijiet twal, kultant għal ġurnata sħiħa. Maż-żmien, Karol beda jieħu idea ċara tat-toroq fil-punent ta' Sevilja kif ukoll tgħallem jiskappa l-karozza tal-pulizija Spanjola li kienet issegwih. Darba minnhom, qabad u saq lejn il-fruntiera Portugiża u qasamha.

Huwa ma kienx refuġjat waħdu fil-Portugall. Eluf oħra marru l-Portugall wara r-rebħiet militari mill-Ġermaniżi fl-1940; min mar biex jibqa' hemm u oħrajn marru biex jakkwistaw visa lejn l-Amerika. L-aktar sinjuri fosthom, bħal Karol u Magda, spiċċaw fil-muniċipailità ta' Cascais, l-aktar fir-riżort ta' Estoril. Għalkemm kienu refuġjati, il-qagħda tagħhom kienet ferm aħjar minn ta' oħrajn.



Ktieb tar-reġistrazzjoni tal-passaporti, 6–1941 – 5–1942

1 volum illegat; formoli mimlija bl-idejn, karta; 21,5 x 32 ċm

Torre do Tombo – L-Arkivji Nazzjonali tal-Portugall

Referenza: PT/ADLSB/AC/GCL/H-D/002/00022

# Ir-reġistrazzjoni tal-viża ta' Jean Moulin

Kultant wieħed jiltaqa' ma' ismijiet famużi huwa u jqalleb sorsi bħalma huma l-kotba ta' reġistrazzjoni tal-passaporti. F'volum Portugiż li jkopri l-perjodu bejn Ġunju 1941 u Mejju 1942 insibu, f'numru 20623, ir-reġistrazzjoni tal-viża ta' Joseph Mercier. Fuq nett tal-paġna hemm nota li x-xahar hu Settembru 1941. 'Joseph Mercier' kien fil-fatt l-isem li ħa Jean Moulin, wieħed mill-membri ewlenin tal-moviment ta' reżistenza Franċiża.

Meta l-armati ta' Hitler invadew f'Mejju 1940, Moulin kien prefett (ir-rappreżentant tal-istat) tad-dipartiment tal-Eure-et-Loir. Il-Ġermaniżi arrestawh fis-17 ta' Ġunju talli rrifjuta li jiffirma dokument falz li kien jgħid li s-suldati Franċiżi kienu wettqu attroċitajiet kontra ċ-ċivili fir-reġjun ta' La Taye. Xi żmien wara l-ħelsien tiegħu, il-gvern kollaborattiv ta' Vichy neħħieh mill-pożizzjoni tiegħu, mnejn imbagħad ingħaqad mar-Reżistenza Franċiża.

F'Settembru 1941 huwa mar Londra, billi vjaġġa minn Spanja newtrali u l-Portugall. It-tagħrif li hemm dwaru fil-ktieb tar-reġistrazzjoni tal-passaport Portugiż hu evidenza għal dik il-parti tal-vjaġġ tiegħu. Meta Moulin wasal fir-Renju Unit, il-mexxej tal-Liberazzjoni Franċiża, Charles de Gaulle, tah ix-xogħol li jgħaqqad flimkien l-għadd kbir ta' gruppi ta' reżistenza, u f'Jannar 1942 niżel bil-paraxut fi Franza biex jibda dan. Fi Frar 1942 irritorna Londra fejn ingħata rwol importanti fl-iżvilupp tal-Kunsill tar-Reżistenza Nazzjonali (CNR). Lura fi Franza xi ġimgħat wara, hu mexxa l-ewwel laqgħa tal-grupp f'Pariġi f'Mejju 1943. Ix-xahar ta' wara ma ġitux daqshekk tajba. Il-Gestapo arrestawh u bagħtuh fil-Ħabs ta' Montluc, Lyon, fejn ġie ttorturat minn Klaus Barbie, l-hekk imsejjaħ 'biċċier ta' Lyon'. Miet huwa u jiġi ttrasferit lejn il-Ġermanja bit-tren.

Jean Moulin hu mweġġaħ ħafna f'pajjiżu. Fl-iskejjel hu meqjum bħala patrijott kbir; tabilħaqq ħafna istituzzjonijiet edukattivi fil-pajjiż issemmew għalih, kif ukoll il-mużew tar-Reżistenza Franċiża f'Pariġi. Ħafna tifkiriet u monumenti wkoll ġew iddedikati lill-memorja tiegħu f'bosta lokalitajiet, l-iktar f'Lyon (fejn inżamm fil-ħabs) u f'Metz (qrib fejn jingħad li miet). Aktarx l-aktar kommoventi hu dak fil-Pantheon f'Pariġi, fejn tqiegħdu l-fdalijiet tiegħu fl-1964.



Caixa Postal N.º 305
Telefone N.º

Telegramas: "ISMAILIS"

**Conselho Ismailia de Sua Alteza Agakhan**

Avenida Luciano Cordeiro n.º 75

Ref. N.º

Lourenço Marques, 10 de Setembro de 1953

Excelência.,

Em nôme da Communidade Esmailita que represento, tenho a honra e satisfação de trazer ao conhecimento e apreciação de V.Excelência, a transcrição da carta que, nesta data, endereçamos ao Excelentissimo Senhor Governador Geral da Província de Moçambique, aproveitando a estada de Sua Excelência em Lisbôa, como segue:

"É de todos nós, residentes de Moçambique, sobejamente conhecido o "muito carinho e amôr que devota a esta nossa querida Província, e, por isso, "em representação da Communidade Ismailita, me atrevo a importunar V.Excelência, "embora não ignore que lhe não sobrará tempo para cuidar dos Altos Interesses "da Nação.

"O motivo porque ousçam nôme da nossa Communidade, vir até V.Excelên- "cia, já é do vosso conhecimento, assim como a grande importância que para nós "representa.

"Senhor Governador. Ha já quási um século que vivemos nesta Provín- "cia muito querida. Aqui nasceram os nossos filhos, netos e bisnetos. Aqui nos "sentimos felizes sob a protecção da Bandeira de Portugal. Aqui trabalhamos afa- "nosamente e ordeiramente sem nunca regatearmos a nossa quota parte para o Bem, "Grandeza e Progresso de Moçambique, respeitando e acatando as Leis e as Insti- "tuições.

"Mas, Excelência, enquanto que os nossos descendentes num total de "766 individuos de ambos os sexos, aqui registados, teem o orgulho de ser Portu- "gueses, os que vieram da India, hoje 295 individuos de ambos os sexos existentes, "continuam a ser considerados estrangeiros. É por isso, que pedimos a V.Excelên- "cia, como grande e sempre pronto defensor das causas justas, que se digne inter- "ceder por nós, junto do Govêrno da Nação, para que possamos naturalizar-nos Por- "tugueses, com dispensa de apresentação de toda a documentação que a Lei exige, "em virtude de tal apresentação se tornar práticamente impossivel, para a maio- "ria dos membros da nossa Comunidade, em consequência do desdobramento da India, "onde, por afinidades com a religião mahometana são, os referidos membros, conside- "rados cidadãos do Paquistão.

"Em Agosto de 1951, o signatário, recomendado pelo nosso Chefe Espiri- "tual, Sua Alteza Agakhan, teve a subida honra de ser recebido pelo Excelentissi- "mo e Ilustrissimo Senhor Presidente do Conselho, aquem verbalmente expoz a situ- "ação na sua exacta realidade.

"Sua Excelência o Senhor Presidente do Conselho dignou-se prometer "tratar do assunto e dele dar notícia por intermédio de V.Excelência, Senhor Go- "vernador Geral de Moçambique, mas como até à presente data nada saibamos de po- "sitivo, e dada a sua importância no que representa para nós, é que ouso ainda, so- "licitar o Alto Patrocínio de V.Excelencia, para dentro do escasso tempo de que "dispõe se dignar lembrar a nossa pretenção.

"Com os sinceros votos de profundo reconhecimento, em meu nôme e no "da Communidade Ismailita de Moçambique, respeitosamente me subscrevo."



Conselho Ismailia de Sua Alteza Agakhan

Applikazzjoni għaċ-ċittadinanza Portugiża lill-komunità Iżmaelita Portugiża fil-Mozambique, 10–9–1953, Liżbona

2 paġni, typewriter, karta; 26,5 x 20,0 ċm

Torre do Tombo – L-Arkivji Nazzjonali tal-Portugall

Referenza: PT/TT/AOS/D-G/7/8/4

# Talba għaċ-ċittadinanza Portugiża lill-immigranti Indjani Iżmaeliti

Dan id-dokument hu parti minn ittra indirizzata lill-Prim Ministru tal-Portugall, António de Oliveira Salazar, minn Gulamhussen Ismail Jina, President tal-Kunsill Iżmaeljan tal-Aga Khan. Hu datat 10 ta' Settembru 1953. Jina qed jikteb f'isem 295 Iżmaeliti li ma kinux ilhom li waslu fil-Mozambique mill-kontinent Indjan. Jinforma lil Salazar li kien talab lill-gvernatur ġenerali tal-Mozambique biex jieħu passi ħalli jħalli dan il-grupp ta' nies jiksbu ċittadinanza Portugiża mingħajr ma jkollhom joqogħdu jippreżentaw id-dokumentazzjoni kollha mitluba mil-liġi. Jirrimarka li ma rnexxilhomx jakkwistaw din id-dokumentazzjoni għax l-awtoritajiet Indjani issa kienu qed iqisuhom ċittadini tal-Pakistan, minħabba fit-twemmin Iżlamiku tagħhom.

L-Iżmaeliti kienu Musulmani Xiti li kienu jsegwu l-Aga Khan, titlu dinastiku mogħti l-ewwel darba mix-Shah tal-Iran kmieni fis-seklu 19. FL-1953 l-Aga Khan kien is-Sultan Sir Mohammed Shah (1877-1957), aktarx magħruf l-iktar f'dak iż-żmien għall-għana kbir tiegħu u għax kellu żwiemel tat-tiġrija ta' kwalità tassew għolja.

L-Iżmaeliti sabu ruħhom f'sitwazzjoni diffiċli wara l-indipendenza tal-Indja mill-Gran Brittanja fl-1947. Il-ħolqien tad-Dominju Musulman tal-Pakistan u tal-Unjoni non-Musulmana tal-Indja wasslet biex xi 15-il miljun ruħ sabu ruħhom bla dar, kif ukoll biex inqatlu madwar miljun ruħ f'bosta massakri fil-kontinent kollu.

Il-Portugall żamm lil Goa u t-territorji Indjani l-oħra tiegħu, imma kien jidher ċar li din is-sitwazzjoni kienet qed tersaq lejn tmiemha fis-snin 1950, hekk kif l-Indja bdiet titlob li l-Portugall iċedi l-possessjonijiet kolonjali tiegħu fil-kontinent. F'dan il-kuntest politiku, ħafna min-nies tal-Indja Portugiża (kemm Musulmani u Ewropej) għażlu li jemigraw. Għal xi wħud, il-kolonja Afrikana Orjentali tal-Mozambique saret destinazzjoni ovvja. Għall-Ewropej kienet toffri sens ta' familjarità f'dawk li huma lingwa u kultura. Għall-Musulmani, bħalma kienu l-Iżmaeliti, kienet toffri post sigur bogħod mill-inkwiet li seta' jinħoloq jekk l-Indja tieħu lil Goa u territorji oħra bil-forza.

It-tbassir li dawn it-territorji kellhom jaqgħu f'idejn l-Indja fil-fatt kien korrett. Fl-1954 in-nazzjonalisti Indjani ħadu f'idejhom Dadra u Nagar Haveli u waqqfu hemm amministrazzjoni pro-Indjana. Is-sena ta' wara, inkwiet f'Goa wassal biex tkissru r-relazzjonijiet diplomatiċi bejn il-Portugall u l-Indija. Fl-aħħar, fl-1961, il-forzi armati Indjani invadew u okkupaw Goa, Daman, u Diu. Dan kien it-tmiem tal-imperu Portugiż fl-Indja. Il-Mozambique ukoll kiseb l-indipendenza tiegħu fl-1975.

11

MEMORIAL CENTER

-1-

Elnok Ur, Melyentisztelt Bizottsag,

Meghatva leptam at ennek a hatalmas epuletnek a kapujat, melynek falai között a vilagnak az a legtekintelyesebb politikai testülete szekel, melynek hatekony müködéséhez nepek szazmillioinak remenye füzodik.
Mi magyarok ugy erezzuk hogy az U.N.-en keresztül valaszt var az emberiseg arra a fontos kerdesre, hogy kötelesek-e a kormanyzatok,-kepviseljenek akar kis vagy nagy nemzetet- alavetni magukat moralis elvekre epült szabalyoknak, vagy zabolatlanul uralkodhatik-e a vilagon az erös dzsungeltorvenye.Ennek probakove annak a szamban kicsi, de lelekben nagy nemzetnek ügye, amelynek en is fia vagyok.
Tanuskodni jöttem.
Gyermekkoromtol kezdve hordom a lelkemben a törvenyt: mindig mond az igazságot. ~~hogy csak a valodi tenyeket mondom.~~
Ez az eletben neha nehez, es nagy megprobaltatasok ele allithatja az embert.Ennek megallapitasara autentikus vagyok. ~~mert~~ Kiprobaltam mind a nazi, mind a kommunista börtönöket.Eletem tekintelyes szakaszat töltöttem vizes pincekben es dohos cellakban. Bunom csak egy volt.-Az igazsagnak magasabb helyrol belemomlott törvenye alapjan vedelmeztem a szabadsagot zsarnoksag ellen.
Boldog vagyok, hogy hitet tehetek nepem harcarol. Tudom hogy most ebben a percben magyarok milliói hajolnak titokban a radio fele es hallgatjak ennek a bizottsagnak üleset.A magyar nep köszönetet szeretnem kifejezni mindenek elott a bizottsag tagjainak es rajtuk keresztul az U.N,-nek hogy meghallgatasunkra modot adott.Az igazsag elmondasa nehez szamomra, mert egy nep verrel irott eposzat kell a valosag nyelven elmondanom.Harcot, melyben a szereplök meghaladtak az atlagos emberi merteket,melyben 14 eves gyerekek antik hösoket, 7o eves nagyanyak regi romai matronokat mintaztak.Es nekem mindezt ugy kell elmondanom, hogy a hallgatosagban valosagerzetet keltsek.
A diadalmas, ~~napokat~~ komor ~~emlekek~~ ~~követik~~.Az egyikben mamoros tomegek boldog ujjongasa töltötte meg a löporfüstszagu utcakat. ~~Kesöbb~~ a halalraszant emberek komor nyugalma a romma lött varos ~~piszkos~~ utcait.
Az emlekek meg frissek, a tanusagteves nehez.A szavak amiket hasznalni fogok talan tul költöiek. Azonban ami törtent annak leirasara meg igy is szintelenek fognak hangzanni.
Elnok Ur igen tisztelt bizottsag.Törtenelmi tenyeket nemcsak az esemnyek hatarozzak meg, ~~hanem~~ Mögöttük a nepek vagyai, gondolatai, es erzesei allnak.

P2245 – B1 – N°-1

ORSZÁGOS LEVÉLTÁR

# Il-Kawża Revoluzzjonarja tal-Ungerija: Id-diskors ta' József Kővágó fin-Nazzjonijiet Uniti

Nhar id-29 ta' Jannar 1957, l-ex sindku ta' Budapest József Kővágó deher quddiem il-Kumitat Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti. Hemm hu għamel diskors fejn iddefenda l-kawża tar-revoluzzjoni li saret fl-Ungerija bejn Ottubru u Novembru tas-sena ta' qabel. Għamel dan minħabba l-kampanja ta' diżinformazzjoni li kienet għaddejja.

Ħafna mill-udjenza tiegħu kien diġà kellhom informazzjoni dwarha. L-aħbar tar-rivoluzzjoni Ungeriża ġriet lejn tmiem l-1956 u l-istorja kienet kompliet għaddejja. Ir-rewwixta bdiet mill-konvinzjoni fost ħafna Ungeriżi li r-reġim kommunista kienet se jdaħħal għadd ta' riformi liberali. Iżda dawn il-bidliet seħħew malajr ħafna u kienu aktar radikali għall-awtoritajiet u għall-gvern Sovejtiku f'Moska. Ir-rivoluzzjonarji Ungeriżi niżlu fit-toroq ġewwa Budapest u fi bliet oħra u meta intervjenew il-forzi tas-sigurtà u t-truppi Sovjetiċi kien hemm il-vjolenza. Meta imbagħad il-Prim Ministru Imre Nagy qaleb man-naħa rivoluzzjonarja u ħareg lill-pajjiż 'il barra mill-Patt ta' Varsavja, is-Sovjetiċi iddeċidew li jieħdu azzjoni deċisiva. Fl-4 ta' Novembru 1956 l-Armata l-Ħamra invadiet l-Ungerija u niżżlet lill-pajjiż għarkubbtejh.

Kővágó kellu sehem ewlieni f'dan il-qawmien u kien maħtur sindku ta' Budapest fil-bidu ta' Novembru. Dan id-diskors tiegħu fin-Nazzjonijiet Uniti kien mibni fuq l-esperjenza tiegħu. Huwa saħaq li dan il-qawmien kien espressjoni tax-xewqa tal-poplu għal-libertà u għall-indipendenza u mhux minħabba t-tixwix ta' stazzjonijiet tar-radju barranin. Il-Gvern kommunista żbalja meta ħaseb li n-nies kienu se jikkuntentaw ruħhom b'bidliet żgħar meta fil-fatt riedu bidliet fundamentali. Ir-revoluzzjoni pruvat takkwista soċjaliżmu bħal dak tal-Punent, inkluż elezzjonijiet ħielsa u indipendenza. Kövágó saħaq li kuntrarjament għall-ħafna movimenti simili fl-Ewropa tal-Lvant, ir-rivoluzzjoni Ungeriża ma kellhiex elementi anti-semitiċi.

Dan id-diskors jibqa' rakkont ewlieni tal-aspirazzjonijiet Ungeriżi f'dak iż-żmien. B'mod għaqli huwa għamel ukoll appell lid-demokraziji tal-Ewropa tal-Punent u l-Amerika. Sa dakinhar, Kővágó kien wieħed mill-200,000 Ungeriż li kien refuġjat fil-Punent. Mir-rivoluzzjonarji li kien baqa' fl-Ungerija, 20,000 kienu ġew arrestati u 230 maqtula. Bħas-soltu, il-ġlieda għal-libertà għandha prezz għoli.

Abbozz ta' diskors ta' József Kővágó's, mogħti quddiem il-Kumitat Speċjali tal-ĠM dwar il-ġrajjiet revoluzzjonarji tal-1956, 29–1–1957, New York

12 folio, typewriter, karta; 21,0 x 29,7 ċm

Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

Referenza: HU MNL OL – P 2245 – B – 1. – № 1



Id-djarju tar-revoluzzjoni ta' Dr. Ferenc Tésenyi għall-1956, 1956-1958

1 volum b'qoxra iebsa, 200 paġni tal-karta enumerati (86 paġna miktuba); 17,5 x 24 ċm

L-Arkivju tal-Kontea ta' Baranya fl-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

Referenza: HU-MNL-BaML – XV – 46. – Tésenyi hadinapló

# Minn Rivoluzzjonaru għal Refuġjat: id-darju ta' Dr Ferenc Tésenyi

Id-djarju ta' Dr Ferenc Tésenyi hu sors storiku importanti ħafna u jiġbor l-impressjonijiet tiegħu tar-Rivoluzzjoni Ungeriża tal-1956 u ta' dak li seħħ wara. Tésenyi kien student fil-belt ta' Pécs f'dan iż-żmien u membru attiv tal-grupp rivoluzzjonarju 'l-Inviżibbli tal-Muntanji ta' Mecsek'. Ħarab lejn il-Jugoslavja fejn intbagħat fil-kamp tar-rifuġjati ta' Gerovo (illum fil-Kroazja). Iktar tard attenda fi skola sekondarja fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja qabel inkiteb fl-iskola medika tal-Università ta' Zurih, l-Iżvizzera. Iggrawda bħala dentist fl-1965.

Ir-rakkont ta' Tésenyi jurina x'kien ifisser għan-nies li għexu r-rivoluzzjoni. Dak li jniżżel fit-23 ta' Ottubru 1956, ngħidu aħna, jirrakkonta kif hu u rivoluzzjonarji oħra sfaw attakkati mill-pulizija u uffiċċjali tal-Awtorità tal-Protezzjoni tal-Istat:

*'Bdew resqin pass wara pass, u meta kienu biss 15-il pass bogħod minna, fetħu l-bajjunetti tagħhom fuqna u bdew jiġru lejna. Bdew isawtu u jagħtu bl-ixkubetti tagħhom lil dawk li kienu fuq quddiem nett, waqt li kienu qed jippruvaw iferrxuna fit-toroq li jagħtu għall-pjazza. Imma ma swielhom xejn, għax in-nies il-ħin kollu bdew jirritornaw fil-pjazza min-naħa l-oħra.'*

Fit-tagħrifa tal-25 ta' Ottubru jinnota l-ferħ li sieħeb l-ewwel rebħiet rivoluzzjonarji:

*'…l-istilel ħomor tneħħew mit-teatru u miċ-ċentru tat-trejdunjin, u flokhom telgħu l-bnadar nazzjonali Ungeriżi. Sa dan iż-żmien, konna diġà xi 40,000 ruħ. Fil-pjazza prinċipali kantajna l-innu nazzjonali, imbagħad mil-lawdspikers smajna: "ħuti Ungeriżi", "ħuti ċittadini!". Wara dan applaws li jtarrax, imbagħad il-pulizija u l-Awtorità tal-Protezzjoni tal-Istat it-tnejn ittrasmettew apoloġiji…'*

Hawn għandna d-disinn bil-lapes li Tésenyi ħażżeż fid-djarju tiegħu. Juri l-kamp tar-rifuġjati ta' Gerovo kif kien jidher f'Diċembru 1956. F'dak iż-żmien il-post kien imdawwar bil-barbed wire, u kien mgħasses minn torrijiet u kaxxi tal-għassa. Iktar kien qisu kamp tal-konċentrament Nażista milli kamp tar-rifuġjati.

F'nofs Mejju 1957 it-torrijiet tal-għassa u l-barbed-wire tneħħew, imma l-kamp xorta kien għadu fi stat tal-biki. Xi 1,400 refuġjat kienu marsusin f'binjiet maħsuba biex jesgħu 600 ruħ. Xi familji kellhom kmamar żgħar għalihom, imma ħafna kienu joqogħdu f'dormitorji kbar komuni flimkien ma' oħrajn. Ma kien hemm ebda kamra tal-ikel fil-kamp. Xi rifuġjati qatgħu qalbhom u għamlu l-għażla li jmorru lura l-Ungerija. Oħrajn, bħal Ferenc Tésenyi, baqgħu perseveranti, u rnexxielhom jagħmlu l-vjaġġ lejn l-Ewropa tal-Punent jew l-Amerika biex setgħu jibdew ħajja ġdid.



Tfal Angolani refuġjati (ta' dixxendenza Portugiża) fl-ajruport ta' Liżbona, 27–6–1975, Liżbona

1 iswed fuq l-abjad, karta; 16,1 x 23,9 ċm

Torre Do Tombo – L-Arkivji Nazzjonali tal-Portugall

Referenza: PT/TT/FLA/SF/001/5499/023

# Tfal rifuġjati mill-Angola fl-ajruport ta' Liżbona

Ir-ritratt ta' hawn ittieħed fl-Ajruport ta' Liżbona f'Ġunju 1975. Mal-ewwel daqqa t'għajn jidher qed juri grupp pjuttost ordinarju ta' tfal, forsi fuq xi ħarġa tal-iskola. Imma l-istampa għandha aspett ħafna iżjed serju meta tpoġġiha fil-kuntest storiku tagħha. It-tfal fil-fatt huma refuġjati Portugiżi minn Angola, pajjiż li f'dak iż-żmien kien qed ifittex kif se jiżgura l-indipendenza tiegħu mill-Portugall.

L-involviment kolonjali Portugiż fl-Angola jmur lura sas-seklu ħmistax, għalkemm il-Portugiżi ma bdewx joqogħdu fil-pajjiż sa qabel twaqqfet il-belt ta' Luanda fl-1576. Bħal possessjonijiet oħrajn Ewropej fl-Afrika u l-Lvant Imbiegħed, Angola kienet mheżża minn aġitazzjoni kbira anti-kolonjali matul it-tieni nofs tas-seklu 20. Faqqa' rvell serju fit-tramuntana tal-pajjiż fl-1961 li wassal għal gwerra mifruxa sew ta' gwerilliera. Il-gvern Portugiż ipprova jiżgura l-pożizzjoni tiegħu billi jibgħat iktar truppi lejn il-kolonja u jħeġġeġ għal mewġa ġdida ta' immigrazzjoni. L-isforzi tagħhom kienu megħjuna mill-fatt li l-oppożizzjoni kienet maqsuma fi tliet gruppi ta' liberazzjoni antipatiċi wieħed aktar mill-ieħor, bir-riżultat li l-qawmien anti-kolonjali seta' jiġi kkontrollat sew sa kmieni fis-snin 1970.

Is-sitwazzjoni nbidlet drastikament wara t-taħwid politiku kbir li nqala' fil-Portugall innifsu. Fl-1968 il-mexxej dittatorjali li kien ilu fit-tmun tal-pajjiż, António de Oliveira Salazar, għaddietu puplesija. Għalhekk ma baqax kapaċi jmexxi l-gvern u f'inqas minn sentejn miet. B'din il-bidla f'kolp fit-tmexxija, flimkien mal-problemi ekonomiċi kbar tal-Portugall u l-oppożizzjoni dejjem tikber minn ġewwa għall-kunflitt kolonjali fl-Angola, il-biċċa aktar marret għall-agħar. F'April 1974 grupp ta' uffiċċjali tal-armata għamlu kolp ta' stat bla tixrid ta' demm, u neħħew id-dittatorjat.

Fl-Angola l-armata kienet xebgħet tiġġieled lill-gwerilliera u deher ċar li l-amministrazzjoni kolonjali kienet waslet fl-aħħar xhur tagħha. Matul l-1975 xi 250,000 ruħ għażlu li jitilqu. Il-maġġoranza (fosthom it-tfal f'dan ir-ritratt) marru l-Portugall, fejn kienu jirriferu għalihom bħala *retornados*, u mhux dejjem kienu milqugħa tajjeb. Oħrajn marru fin-Namibja, l-Afrika ta' Isfel, il-Brażil u l-Istati Uniti. F'Novembru 1975 l-awtoritajiet kolonjali Portugiżi rtiraw mill-Angola, u dan ġab fi tmiemhom mijiet ta' snin ta' tmexxija kolonjali.

# Ħajr Katalgu


## Organiżżatur

L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja

## Ko-ordinazzjoni

L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja u ċ-Ċentru Internazzjonali għar-Riċerka Arkivistika (ICARUS)

## Kollaborazzjoni

L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja; L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta; Torre do Tombo – L-Arkivji Nazzjonali tal-Portugall; L-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija; Munster Technological University; Munster Technological University (MTU)

## Storiku

Barry Robertson, PhD

## Disinn

Munster Technological University (MTU)

## Stampat

Stamperija tal-Gvern

## Arkivji involuti

**Ungerija:** L-Arkivju tal-Kontea ta' Bács-Kiskun fl-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija; L-Arkivju tal-Kontea ta' Baranya fl-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija; L-Arkivju tal-Kontea ta' Hajdú-Bihar fl-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija; L-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija; L-Arkivju tal-Kontea ta' Nógrád fl-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija; L-Arkivju tal-Kontea ta' Szabolcs-Szatmár-Bereg fl-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija; L-Arkivju tal-Kontea ta' Veszprém fl-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija; L-Arkivju tal-Kontea ta' Zala fl-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

**ICARUS:** L-Arkivji Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka; L-Arkivju Nazzjonali tal-Estonia; L-Arkivji tal-Istat tal-Awstrija ta' Fuq (Awstrija); L-Arkivji Storiċi ta' Belgrad (Serbja)

**Malta:** L-Nazzjonali tal-Malta; L-Arkivji Notarili ta' Malta

**Norveġja:** L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja; L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja – Arkivju Reġjonali tal-Istat ta' Oslo; Il-Mużew tal-Ġustizzja

**Portugal:** Torre do Tombo – L-Arkivji Nazzjonali tal-Portugall

**Spanja:** L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – Arkivju Ġenerali tal-Amministrazzjoni; L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – Arkivju tal-Kuruna ta' Aragon; L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – Ċentru għad-Dokumentazzjoni tal-Memorja Storika; L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – Arkivju Ġenerali ta' Simancas

## Tradutturi u kollaboraturi

**Awstrija:** Karl Heinz, Caroline Maximoff, Gabi Rudinger, Katja Staudigl (ICARUS)

**Ungerija:** Ágnes Nemes L.; Ágnes Tóth; Andor Mudri; András Husvéth; András Molnár; Andrea Farkas; Anikó Lukács-Berkesi; Anikó Schmidt, PhD ; Attila Bősz; Attila Seres; Balázs Kántás, PhD; Bálint Kulcsár, PhD; Csaba Káli; Dorottya Szabó; Dorottya Szlabey; Enikő Smid; Erika Czikkelyné Nagy; Éva Kocsis; Éva Künstlerné Virág; Gábor Pintyőke; Gábor Török; Gergely Kovács; Gergő Paukovics; Hajnalka Bánszki; Ibolya Foki, PhD; Ildikó Szerényi; Imre Gábor Nagy; István Gáty; István Gergely Szűts, PhD; József Gyenesei, PhD; Judit Borsy; Kálmán Sebestyén; László Brigovácz; Máté Varga; Melinda Lőrincz; Mihály Kurecskó; Péter Katona; Péter Samu; Réka Jakab, PhD; Róbert Jaksi; Szilvia Varga; Tamás Szálkai, PhD; Tímea Karika; Zoltán Paksy, PhD; Zoltán Szatucsek; Zsuzsanna Lantos

**Irlanda:** Pat Fitzpatrick (qarrej tal-provi)

**Malta:** Francesco Pio Attard; Rita Vella Brincat; Leonard Callus; Ivan Ellul

**Norveġja:** Anette Alsvik; Kristine Bjørge; Ole Gausdal; Unni Løkkebø;; Patricia Haeck; Hugo Johansen; Synnøve Østebø; **Mużew ta' Oslo:** Vidar H. Skuseth; **Il-Librerija Nazzjonali:** Guro Tangvald

**Portugall: Direttorat Ġenerali għall-Kotba, Arkivji u Libreriji:** Silvestre Lacerda (Direttur Ġenerali); Anabela Ribeiro (Kap tal-Aċċessibiltà u Taqsima għall-Iżvilupp tal-Kontenut Diġitali); Carla Lobo; Luis Sá; Rui Pires;Teresa Araújo; Rosa Azevedo (Kap tat-Taqsima għall-Kura Teknika u Akkwisti); Ana Lopes; Fátima O'Ramos; Fernando Costa; Filomena Carvalho; Isabel Abecassis; Joana Braga; Paulo Leme; Teresa Tremoceiro; Paulo Tremoceiro (Kap tal-Komunikazzjoni u Aċċess); Adelaide Proença; Odete Martins; José Furtado (Kap tat-Taqsima tal-Informatika, Statistika u Kwalità); Ana Madeira, António Garção; Maria dos Remédios Amaral; Maria Trindade Serralheiro; Sónia Jacques

**Spanja: Sottodirettorat Ġenerali tal-Arkivji Nazzjonali Spanjoli:** Hernández Vicente, Severiano (Sottodirettur Ġenerali); Díaz Martínez, Cristina (Direttur tar-Relazzjonijiet Internazzjonali); Bermejo Alonso, Miguel Ángel; Lerma Rueda, Antonio; Mateos Salamanca, Carmen; Muriel Hernández, Santiago; Pedraza Muñoz, Montserrat u Villanueva Toledo, Josefa. **Arkivju Ġenerali tal-Amministrazzjoni:** Martín-Palomino Mercedes y Benito (Direttur); Cortés Ruiz, Elena; Espinosa Romero, Jesús. **Arkivju tal-Kuruna ta' Aragon:** López Rodríguez, Carlos (Direttur); Canellas Anoz, Beatriz; Rodríguez Olivares, María Luz u Torra Pérez, Alberto. **Ċentru għad-Dokumentazzjoni tal-Memorja Storika:** Melgar Camarzana, Manuel (Direttur); Fito Manteca, Francisco Javier; García Herrero, Víctor; Hernández Luis, José Luis; López Fernández, Antón u Marcos Orejudo, Marta. **Arkivju Storiku Nazzjonali:** Romero Fernandez-Pacheco Juan Ramón (Direttur); Adrados Villar, Esperanza; Alfonso Alonso-Muñoyerro, Belén; Clares Molero, José Luis; García del Real Marco, Berta u López Cuadrado, Ana María. **Arkivju Ġenerali ta' Simancas:** Rodríguez de Diego, Julia (Direttur); Burrieza Mateos, José María; Pérez Melero, Joaquín u Sánchez Marchán, Agustín. Traducciones TRIDIOM S.L.

Kofinanzjat mill-Programm tal-Unjoni Ewropea Ewropa Kreattiva

Issieħeb magħna fl-iskoperta tat-teżori fl-arkivji Ewropej

**www.digitaltreasures.eu**

L-ARKIVJI NAZZJONALI MALTA

digital Treasures

Kofinanzjat mill-Programm
tal-Unjoni Ewropea
Ewropa Kreattiva